



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Strasburgu, 27 ta' Novembru 2024  
(OR. en)**

**2022/0403(COD)  
LEX 2418**

**PE-CONS 41/1/24  
REV 1**

**EF 68  
ECOFIN 198  
SURE 11  
CODEC 512**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
LI JEMENDA R-REGOLAMENTI (UE) NRU 648/2012, (UE) NRU 575/2013  
U (UE) 2017/1131 FIR-RIGWARD TA' MIŻURI  
SABIEX JITTAFFEW L-ISKOPERTURI EĊĊESSIVI  
GĦAL KONTROPARTIJET ĊENTRALI TA' PAJJIŻI TERZI  
U TITTEJJEB L-EFFIĊJENZA TAS-SWIEQ TAL-IKKLERJAR TAL-UNJONI**

**REGOLAMENT (UE) 2024/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tas-27 ta' Novembru 2024**

**li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-  
rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta'  
pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>3</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 204, 12.6.2023, p. 3.

<sup>2</sup> ĠU C 184, 25.5.2023, p. 49.

<sup>3</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2024.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> jikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-riskju sistemiku billi jżid it-trasparenza tas-suq tad-derivattivi barra l-Borża (OTC) u billi jnaqqas ir-riskji ta' kreditu u operazzjonali tal-kontroparti assoċjati mad-derivattivi OTC.
- (2) L-infrastrutturi ta' wara n-negozjar huma aspekt fundamentali tal-unjoni tas-swieq kapitali u huma responsabbli għal firxa ta' proċessi ta' wara n-negozjar, inkluż l-ikklerjar. Sistema tal-ikklerjar effiċjenti u kompetittiva fl-Unjoni hija essenzjali għall-funzjonament tas-swieq kapitali tal-Unjoni u hija l-pedament tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti aktar regoli sabiex tittejjeb l-effiċjenza tas-servizzi tal-ikklerjar fl-Unjoni b'mod ġenerali, u tal-kontropartijiet ċentrali (CCPs) b'mod partikolari, billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri, speċjalment għall-forniment ta' servizzi jew attivitajiet addizzjonali u għat-tibdil tal-mudelli ta' riskju tas-CCPs, billi tiżdied il-likwidità, billi jiġi mħeġġeġ l-ikklerjar fis-CCPs tal-Unjoni, billi jiġi mmodernizzat il-qafas li taħtu joperaw is-CCPs, u billi tiġi pprovduta l-flessibbiltà meħtieġa lis-CCPs u lil atturi finanzjarji oħrajn sabiex jikkompetu fis-suq intern.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

- (3) Il-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni jeħtieġ li jkollhom aktar għażliet f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għal servizzi tal-ikklerjar sikuri u effiċjenti. Sabiex jattiraw in-negozju, is-CCPs iridu jkunu sikuri u reżiljenti. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jistabbilixxi miżuri sabiex tizzied it-trasparenza tas-swieq tad-derivattivi u biex jittaffew ir-riskji permezz tal-ikklerjar u l-iskambju tal-marġni. F'dak ir-rigward, is-CCPs għandhom rwol importanti fit-taffija tar-riskji finanzjarji. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli sabiex tissaħħaħ aktar l-istabbiltà tas-CCPs tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jiġu emendati ċerti aspetti tal-qafas regolatorju. Barra minn hekk, u b'rikonoxximent tar-rwol tas-CCPs tal-Unjoni fil-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, huwa meħtieġ li tissaħħaħ aktar is-supervizzjoni tas-CCPs tal-Unjoni, b'attenzjoni partikolari għar-rwol tagħhom fis-sistema finanzjarja usa' u għall-fatt li jipprovdu servizzi transfruntieri.

- (4) L-ikklerjar ċentrali huwa negozju globali u l-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni huma attivi internazzjonalment. Madankollu, mill-adozzjoni tal-emendi għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni tas-CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs, ripetutament ġie espress tħassib, inkluż mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>, dwar ir-riskji kontinwi għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni li jinħolqu mill-konċentrazzjoni eċċessiva tal-ikklerjar f'xi CCPs ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari minħabba r-riskji potenzjali li jistgħu jinħolqu f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress. Fuq terminu qasir, sabiex jittaffa r-riskju ta' effetti ta' preċipizju relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u t-tfixkil għall-għarrieda konsegwenti tal-aċċess tal-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni għas-CCPs tar-Renju Unit, il-Kummissjoni adottat serje ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza sabiex jinżamm l-aċċess għas-CCPs tar-Renju Unit. Madankollu, il-Kummissjoni talbet lill-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni sabiex inaqqsu, fuq terminu medju, l-iskoperturi eċċessivi tagħhom għal CCPs sistemiċi ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni tenniet dik is-sejħa fil-komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Jannar 2021 intitolata "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza".

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Ir-riskji u l-effetti ta' skoperturi eċċessivi għal CCPs sistemiċi ta' pajjiżi terzi ġew ikkunsidrati fir-rapport ippubblikat mill-ESMA f' Diċembru 2021 wara valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 25(2c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Dak ir-rapport ikkonkluda li xi servizzi pprovduti mis-CCPs tar-Renju Unit sistemikament importanti kienu ta' importanza sistemika tant sostanzjali li l-arranġamenti attwali skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 ma kinux biżżejjed sabiex jiġġestixxu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja għall-Unjoni minħabba d-dipendenza eċċessiva kontinwa minn CCPs sistemiċi ta' pajjiżi terzi, iżda wkoll sabiex tittejjeb il-proporzjonalità tal-miżuri għas-CCPs ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw anqas riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, huwa meħtieġ li l-qafas introdott mir-Regolament (UE) 2019/2099 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> jitfassal aħjar għar-riskji ppreżentati minn CCPs ta' pajjiżi terzi differenti.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/2099 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi (ĠU L 322, 12.12.2019, p. 1).

- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jeżenta t-tranżazzjonijiet intragrupp mill-obbligu tal-ikklerjar u mir-reqwiziti tal-marġni. Sabiex jingħataw aktar ċertezza tad-dritt u prevedibbiltà fir-rigward tal-qafas għat-tranżazzjonijiet intragrupp, ir-reġim għad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jenħtieġ li jiġi ssostitwit b'qafas aktar sempliċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiġi emendat sabiex il-ħtieġa għal deċiżjoni ta' ekwivalenza tiġi ssostitwita b'lista ta' pajjiżi terzi li għalihom ma jenħtieġx li tingħata eżenzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiġi emendat biex jipprevedi deċiżjonijiet ta' ekwivalenza biss fir-rigward tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament. Billi l-Artikolu 382 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> jirreferi għal tranżazzjonijiet intragrupp fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jenħtieġ li l-Artikolu 382 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi emendat ukoll kif xieraq.

---

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-reqwiziti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

- (6) Minħabba l-fatt li l-entitajiet li huma stabbiliti f'pajjiżi terzi li għandhom nuqqasijiet strateġiċi ir-reġim nazzjonali tagħhom tal-għieda kontra l-ħasil tal-flus u tal-għieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (“pajjiżi b’riskju għoli”), kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>, jew f’pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta’ ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta’ taxxa, huma soġġetti għal ambjent regolatorju anqas strett, l-operazzjonijiet tagħhom jistgħu jżidu r-riskju, inkluż minħabba żieda fir-riskju ta’ kreditu tal-kontroparti u fir-riskju legali, għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Konsegwentement, jenħtieġ li tali entitajiet ma jkunux eliġibbli sabiex jiġu kkunsidrati fil-qafas tat-tranżazzjonijiet intragrupp.

---

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj>).

- (7) In-nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi nazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, jew nuqqas ta' kooperazzjoni għal finijiet ta' taxxa ma humiex neċessarjament l-uniċi fatturi li jistgħu jinfluwenzaw ir-riskji, inklużi r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u r-riskju legali, assoċjati ma' kuntratti tad-derivattivi. Fatturi oħrajn, bħall-qafas superviżorju, għandhom rwol ukoll. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tidentifika l-pajjiżi terzi li l-entitajiet tagħhom ma jkollhomx il-permess li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet intragrupp minkejja li dawk il-pajjiżi terzi ma jkunux ġew identifikati bħala pajjiżi b'riskju għoli jew elenkati fl-Anness I tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa. Fid-dawl tal-fatt li t-tranżazzjonijiet intragrupp jibbenefikaw minn rekwiżiti regolatorji mnaqqa, jenħtieġ li r-regolaturi u s-superviżuri jimmonitorjaw u jivvalutaw bir-reqqa r-riskji assoċjati mat-tranżazzjonijiet li jinvolvu entitajiet minn pajjiżi terzi.
- (8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi li joffru servizzi tal-ikklerjar għall-arranġamenti ta' skemi tal-pensjoni, jenħtieġ li tiġi introdotta eżenzjoni mill-obbligu tal-ikklerjar skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 meta kontroparti finanzjarja tal-Unjoni li tkun soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar jew kontroparti mhux finanzjarja li tkun soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar tidħol fi tranżazzjoni b'arranġament ta' skema tal-pensjoni stabbilit f'pajjiż terz li jkun eżentat mill-obbligu tal-ikklerjar skont il-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz.

- (9) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jippromwovi l-użu tal-ikklerjar ċentrali bħala t-teknika ewlenija ta' titfija tar-riskju għad-derivattivi OTC. Għalhekk, ir-riskji assoċjati ma' kuntratt tad-derivattivi OTC jittaffew bl-aħjar mod meta dak il-kuntratt tad-derivattivi OTC jiġi kklerjat minn CCP awtorizzata jew rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 ("CCP awtorizzata jew rikonoxxuta"). Minn dan isegwi li fil-kalkolu tal-pożizzjoni li hija mqabbla mal-limiti speċifikati ta' kklerjar skont l-Artikolu 10(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, huma biss daww il-kuntratti tad-derivattivi OTC li ma jiġux ikklerjati minn CCP awtorizzata jew rikonoxxuta jenħtieġ li jiġu inklużi f'dak il-kalkolu. Bil-għan li jiġi żgurat li l-kopertura prudenti attwali tal-obbligu tal-ikklerjar ma tintlaqatx mill-metodoloġija l-għdida, jixraq li l-ESMA tingħata s-setgħa li tiffissa wkoll, jekk ikun hemm bżonn, limitu aggregat tal-ikklerjar.

- (10) Is-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar inaqqsu r-riskji, pereżempju ir-riskju ta' kreditu u r-riskju operazzjonali, tal-portafolji tad-derivattivi u għalhekk huma għodda siewja biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-suq tad-derivattivi OTC. Dawn jinkludu servizzi bħall-kompressjoni, l-ottimizzazzjoni u r-riekwilibriju tal-portafolji. Il-fornituri tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar spiss jużaw strumenti finanzjarji kumplessi biex jiżguraw li t-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzji ta' ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ma jkunux soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Dan jillimita l-utilizzabbiltà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar għall-parteċipanti finanzjarji avvanzati fis-suq u jnaqqas il-vantaġġi li jirriżultaw mill-użu tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, inkwantu l-użu ta' prodotti kumplessi li ma jkunux soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar iżid ir-riskju fis-sistema finanzjarja. Fid-dawl tal-vantaġġi tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, l-użu tagħhom jenħtieġ li jkun iffaċilitat u għad-dispożizzjoni ta' grupp usa' ta' parteċipanti fis-suq. Għaldaqstant, it-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mis-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar jenħtieġ li jkunu eżenti mill-obbligu tal-ikklerjar. Fl-istess ħin, bil-għan li jiġi żgurat użu sikur u effiċjenti tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, jenħtieġ li l-eżenzjoni tkun soġġetta għal kundizzjonijiet xierqa li jiġu speċifikati u kkomplementati ulterjorment mill-ESMA.

- (11) Huwa meħtieġ li jiġu indirizzati r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja assoċjati ma' skoperturi eċċessivi tal-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u tal-klijenti għal CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2) li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar li ġew identifikati mill-ESMA bħala servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. F'Diċembru 2021, l-ESMA kkonkludiet li l-forniment ta' ċerti servizzi tal-ikklerjar ipprovduti minn żewġ CCPs tal-Grad 2, jiġifieri għal derivattivi OTC fuq rati tal-imgħax denominati f'euro, derivattivi OTC fuq rati tal-imgħax denominati fi zloty Pollakka, swaps ta' inadempjenza ta' kreditu denominati f'euro u derivattivi tar-rati tal-imgħax ta' terminu qasir denominati f'euro, huma ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha. Kif ġie nnotat mill-ESMA fir-rapport ta' valutazzjoni tagħha ta' Diċembru 2021, jekk dawk is-CCPs tal-Grad 2 jiffaċċjaw diffikultà finanzjarja, il-bidliet fil-kollateral, il-marġni jew it-telf impost eliġibbli ta' dawk is-CCPs jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-swieq tal-bonds sovrani ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u b'mod aktar ġenerali fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Barra minn hekk, it-tfixkil fis-swieq rilevanti għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja jista' jxekkel il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni li huwa kritiku għall-banek ċentrali tal-ħruġ. Għalhekk, huwa xieraq li kontropartijiet finanzjarji u kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar ikunu meħtieġa jżommu, direttament jew indirettament, kontijiet u jikklerjaw numru rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet fis-CCPs tal-Unjoni. Dak ir-rekwiżit jenħtieġ li jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-forniment ta' servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali minn dawk is-CCPs tal-Grad 2. Fid-dawl tal-iżviluppi reċenti tas-suq, partikolarment rigward swaps ta' inadempjenza ta' kreditu denominati f'euro, huwa xieraq li r-rekwiżit japplika biss għal derivattivi OTC fuq rati tal-imgħax denominati f'euro u fi zloty Pollakka u derivattivi tar-rati ta' terminu qasir denominati f'euro, flimkien ma' kwalunkwe servizz tal-ikklerjar ieħor meqjus li huwa ta' importanza sistemika sostanzjali fil-valutazzjonijiet futuri skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

- (12) Ir-rekwiżit tal-kont attiv jenħtieġ li japplika għall-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar u li jaqbżu l-limiti tal-ikklerjar fi kwalunkwe kategorija minn dawk tal-kuntratti tad-derivattivi identifikati mill-ESMA li jkunu ta' importanza sistemika sostanzjali. Meta jivverifikaw jekk humiex soġġetti għar-rekwiżit tal-kont attiv, il-kontropartijiet li huma parti minn gruppi b'sede fl-Unjoni jenħtieġ li jqisu l-kuntratti tad-derivattivi li jappartjenu għas-servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali li jiġu kklerjati minn kwalunkwe entità fil-grupp, fosthom l-entitajiet stabbiliti fil-pajjiżi terzi, peress li dawk il-kuntratti jistgħu jikkontribwixxu għal livell eċċessiv ta' skopertura tal-grupp kollu kemm hu. Il-kuntratti tad-derivattivi ta' impriżi sussidjarji ta' pajjiżi terzi ta' gruppi tal-Unjoni jenħtieġ ukoll li jiġu inklużi bil-għan li jiġi evitat li dawn il-gruppi jittrasferixxu l-attivitajiet ta' kklerjar tagħhom barra mill-Unjoni ħalli jevitaw ir-rekwiżit tal-kont attiv. Kontroparti li tkun soġġetta għar-rekwiżit tal-kont attiv u li tappartjeni għal grupp jenħtieġ li tkun meħtieġa tonora l-obbligu ta' rappreżentattività abbażi tat-tranżazzjonijiet tagħha stess. L-entitajiet ta' pajjiżi terzi li ma jkunux soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar skont il-liġi tal-Unjoni mhumiex soġġetti għall-obbligu li jżommu kont attiv.

- (13) Ir-reqwizit tal-kont attiv huwa reqwizit ġdid. Jenħtieġ li jitqiesu b'mod adegwat in-novità tar-reqwizit u l-ħtieġa li l-parteċipanti fis-suq jadattaw gradwalment għalih. Għalhekk jixraq li r-reqwizit tal-kont attiv jista' jiġi sodisfatt mill-parteċipanti fis-suq billi jistabbilixxu kontijiet funzjonali b'mod permanenti fis-CCPs tal-Unjoni. Ir-reqwizit tal-kont attiv jenħtieġ li jinkludi elementi operattivi. Il-kont jenħtieġ li jkun adatt biex jikklerja malajr numru sinifikanti ta' tranżazzjonijiet li joħorġu minn CCP tal-Grad 2 u biex jikklerja t-tranżazzjonijiet il-ġodda kollha fil-kategoriji tal-kuntratti tad-derivattivi identifikati li għandhom importanza sistemika sostanzjali. Dawk l-elementi operattivi jenħtieġ ukoll li jikkontribwixxu biex jinċentivaw lill-kontropartijiet jittrasferixxu t-tranżazzjonijiet fl-Unjoni. F'dak ir-rigward, jixraq li titqies is-sitwazzjoni tal-kontropartijiet li diġà qegħdin jikklerjaw kwantità sinifikanti tat-tranżazzjonijiet tagħhom fid-derivattivi fuq rati tal-imgħax denominati f'euro u fi zloty Pollakka, u fid-derivattivi tar-rati tal-imgħax fuq terminu qasir denominati f'euro, fis-CCPs tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawk il-kontropartijiet ma jkunux soġġetti għal reqwiziti operattivi assoċjati mar-reqwizit tal-kont attiv.

- (14) Bil-ġhan li jiġi żgurat li r-rekwiżit tal-kont attiv jikkontribwixxi għall-oġġettiv ġenerali tat-tnaqqis tal-iskoperturi eċċessivi għas-servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali furnuti minn CCPs ta' pajjiżi terzi u li l-kont ma jkunx inattiv, numru minimu ta' kuntratti tad-derivattivi jenħtieġ li jiġi kklerjat fil-kontijiet attivi. Dawk il-kuntratti jenħtieġ li jkunu rappreżentattivi tas-sottokategoriji differenti tal-kuntratti tad-derivattivi li jappartjenu għas-servizzi ta' kklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali ("obbligu ta' rappreżentattività"). L-obbligu ta' rappreżentattività jenħtieġ li jirrifletti d-diversità tal-portafolji tal-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għar-rekwiżit tal-kont attiv. Il-kuntratti li jkollhom maturitajiet u daqsijiet differenti jenħtieġ li jkunu kklerjati permezz ta' kontijiet attivi, kif ukoll il-kuntratti ta' natura ekonomika differenti, inklużi l-klassijiet kollha ta' derivattivi fuq rati tal-imgħax li jkunu soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar fl-ambitu tar-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2015/2205<sup>9</sup> u (UE) 2016/1178<sup>10</sup> fir-rigward ta' dawk denominati fi zloty Pollakka. Bil-ġhan li tiddefinixxi n-numru minimu ta' kuntratti tad-derivattivi li jenħtieġ li jiġu kklerjati permezz tal-kontijiet attivi, jenħtieġ li l-ESMA tidentifika sa tliet klassijiet ta' derivattivi fost il-kuntratti tad-derivattivi li jappartjenu għas-servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali.

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2205 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-obbligu tal-ikklerjar (ĠU L 314, 1.12.2015, p. 13).

<sup>10</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1178 tal-10 ta' Ġunju 2016 i jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-obbligu tal-ikklerjar (ĠU L 195, 20.7.2016, p. 3).

Jenħtieġ li l-ESMA tidentifika wkoll sa ħames sottokategoriji l-aktar rilevanti ta' tranżazzjonijiet, għal kull klassi ta' derivattivi, abbażi ta' kombinazzjoni ta' daqs u maturità. Il-kontropartijiet, imbagħad, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jikklerjaw mill-anqas ħames tranżazzjonijiet fil-perjodu ta' riferiment f'kull sottokategorija rilevanti. In-numru ta' kuntratti tad-derivattivi li jiġu kklerjati jenħtieġ li jkun mill-anqas ħames tranżazzjonijiet fil-perjodu ta' riferiment fuq bażi medja ta' sena, li jfisser li fil-valutazzjoni ta' jekk il-kontropartijiet jonorawx l-obbligu ta' rappreżentattività, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu n-numru totali ta' tranżazzjonijiet fuq perjodu ta' sena. Bil-għan li jiġi żgurat approċċ proporzjonat u tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż eċċessiv fuq il-kontropartijiet li għandhom attività limitata fid-diversi sottokategoriji ta' kuntratti tad-derivattivi identifikati mill-ESMA, jenħtieġ li japplika limitu de minimis għall-obbligu ta' rappreżentattività. Barra minn hekk, il-modus operandi speċifiku tal-arranġamenti tal-Unjoni fl-iskema tal-pensjonijiet jeħtieġ li jitqies b'mod xieraq. F'diversi każijiet, tali arranġamenti għandhom numru limitat ta' tranżazzjonijiet ta' derivattivi fuq rati tal-imgħax, li huma kkonċentrati, fit-tul u b'ammont nozzjonali għoli. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit obbligu ta' rappreżentattività mnaqqas, li jenħtieġ li jirrikjedi l-ikklerjar ta' tranżazzjoni waħda minflok ħamsa fis-sottokategoriji l-aktar rilevanti għall-perjodu ta' riferiment. Jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu pagamenti ta' penali perjodiċi xierqa għall-każijiet li fihom kontroparti soġġetta għar-rekwiżit tal-kont attiv tonqos milli tonora l-obbligi tagħha fir-rigward tal-kriterji operattivi jew tal-obbligu ta' rappreżentattività.

- (15) L-ESMA għandha rwol importanti fil-valutazzjoni tal-importanza sistemika sostanzjali tas-CCPs ta' pajjiżi terzi u tas-servizzi tal-ikklerjar tagħhom. Sa 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jew fi kwalunkwe mument fil-każ ta' riskju ta' stabbiltà finanzjarja, l-ESMA jenħtieġ li tivvaluta u tirraporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-effetti ta' dan ir-Regolament biex inaqqas l-iskoperturi għal CCPs sistematikament importanti fil-Grad 2. L-ESMA jenħtieġ li tipproponi eventwali miżuri li jidhrulha neċessarji, kif ukoll limiti kwantitattivi, u takkumpanjahom b'valutazzjoni tal-impatt u b'analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji. Meta tfassal il-valutazzjoni u r-rapport tagħha, l-ESMA jenħtieġ li tikkoopera mas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u mal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ stabbilit b'dan ir-Regolament. Fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi r-rapport tal-ESMA, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfejji r-rapport tagħha li jista' jkun akkumpanjat, meta jkun il-każ, minn proposta leġiżlattiva.

- (16) Sabiex jiġi inkoraġġit l-ikklerjar, u tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, u sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkunu konxji tal-għażliet tagħhom u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni informata fir-rigward ta' fejn għandhom jikklerjaw il-kuntratti tad-derivattivi tagħhom, jenħtieġ li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar f'CCPs kemm awtorizzati kif ukol rikonoxxuti jinformaw lill-klijenti tagħhom dwar l-għażla li jikklerjaw kuntratt tad-derivattivi f'CCP tal-Unjoni. L-informazzjoni fornuta jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dwar il-kostijiet kollha li se jkunu ddebitati lill-klijenti mill-membri tal-ikklerjar u lill-klijenti li jfornu servizzi ta' klerjar. L-informazzjoni dwar il-kostijiet li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jfornu servizzi ta' klerjar jenħtieġ li jiżvelaw jenħtieġ li tkun limitata għas-CCPs tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom ifornu s-servizzi ta' klerjar. Hemm distinzjoni bejn l-obbligu li l-klijenti jiġu informati bl-għażla li jikkerjaw kuntratt tad-derivattivi permezz ta' CCP tal-Unjoni u r-rekwiżiti tal-kont attiv u tal-ewwel huwa maħsub li japplika b'mod aktar ġenerali biex jiżgura għarfien tal-offerta tal-ikklerjar tas-CCPs tal-Unjoni.
- (17) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-informazzjoni meħtieġa dwar l-attivitajiet tal-ikklerjar imwettqa minn membri tal-ikklerjar jew klijenti f'CCPs rikonoxxuti ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jiġi introdott obbligu ta' rapportar għal tali membri tal-ikklerjar jew klijenti. L-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi rrapportata jenħtieġ li tidistingwi bejn it-tranżazzjonijiet ta' titoli, it-tranżazzjonijiet ta' derivattivi fi swieq regolati u t-tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC. Jenħtieġ li l-ESMA tforni dettalji dwar il-kontenut u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata, u b'dan il-mod jenħtieġ li tiżgura li l-obbligu ma joħloqx rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali sakemm ma jkunx meħtieġ, sabiex jitnaqqas sal-minimu l-piż amministrattiv għall-membri tal-ikklerjar u għall-klijenti.

- (18) Fl-ambitu tal-qafas attwali, l-ESMA tirċievi *data* dwar it-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>, li jipprovdu perspettiva madwar l-UE dwar is-swieq, iżda mhux dwar il-ġestjoni tar-riskju tas-CCPs. L-ESMA jenħtiegħ, għaldaqstant, barra minn din id-*data*, tirrikjedi informazzjoni f' waqtha u affidabbli dwar l-attivitajiet u l-prattiki tas-CCPs biex tissodisfa l-mandat tagħha ta' stabbiltà finanzjarja. Jenħtiegħ, għalhekk, li jiġi introdott rekwiżit ta' rapportar formali rigward id-*data* tal-ġestjoni tar-riskju tas-CCP mis-CCPs tal-Unjoni lill-ESMA. L-introduzzjoni ta' tali rekwiżit tkun tgħin ukoll biex jissaħħu aktar l-istandardizzazzjoni u l-komparabbiltà bejn id-*data* u tiżgura li d-*data* tingħata fil-ħin.

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1).

- (19) Il-każijiet ta' stress ta' dan l-aħħar fis-swieq tal-komoditajiet enfasizzaw l-importanza li l-awtoritajiet ikollhom stampa komprensiva tal-attivitajiet tad-derivattivi u tal-iskoperturi tal-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Il-kontropartijiet mhux finanzjarji soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar li huma parti minn grupp li t-tranżazzjonijiet intragrupp tagħhom huma eżenti mill-obbligu ta' rapportar jenħtieġ li jkollhom il-pożizzjonijiet ta' derivattivi tagħhom irrapportati mill-impriża prinċipali tagħhom fl-Unjoni fuq bażi aggregata. Jenħtieġ li r-rapportar isir fuq bażi ta' kull ġimgħa fil-livell ta' entità u jenħtieġ li jinqasam skont it-tip ta' derivattiva. Tali informazzjoni jenħtieġ li tingħata lill-ESMA u lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-entitajiet individwali fil-grupp. Huwa xieraq ukoll li jitqies it-tħassib espress mill-komunità superviżorja dwar il-kwalità tad-*data* rrapportata mill-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. L-entitajiet soġġetti għall-obbligu ta' rapportar skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 għalhekk jenħtieġ li jkunu meħtieġa jeżerċitaw id-diliġenza dovuta billi jstabbilixxu proċeduri u arranġamenti xierqa maħsuba li jiżguraw il-kwalità tad-*data*, qabel ma tiġi ppreżentata id-*data*. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ linji gwida biex tkompli tispeċifika tali proċeduri u arranġamenti, fid-dawl tal-possibbiltà li jiġu applikati r-rekwiżiti b'mod proporzjonat. Biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-*data* jkunu sodisfatti, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw il-penali adegwati jekk id-*data* rrapportata jkun fiha żbalji evidenti sistematiċi. Jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika x'jikkostitwixxi żball evidenti sistematiku għall-finijiet tal-impożizzjoni ta' daww il-penali. Filwaqt li l-entitajiet għandhom il-possibbiltà li jiddelegaw ir-rapportar tagħhom, jibqgħu responsabbli fl-eventwalità li d-*data* rrapportata mill-entità li lilha jkunu ddelegaw ir-rapportar tagħhom ma tkunx preċiża jew tkun duplikata.

- (20) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu f'kull ħin konxji tal-iskoperturi fil-livell tal-entità u tal-grupp u jkunu jistgħu jimmonitorjaw tali skoperturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jstabilixxu proċeduri ta' kooperazzjoni effettivi sabiex jikkalkolaw il-pożizzjonijiet f'kuntratti mhux ikklerjati f'CCP awtorizzata jew rikonossuta u sabiex jevalwaw u jivvalutaw b'mod attiv il-livell ta' skopertura f'kuntratti tad-derivattivi OTC fil-livell tal-entità u tal-grupp. Bil-għan li l-ESMA jkollha stampa ġenerali tal-attività fid-derivattivi OTC tal-kontropartijiet mhux finanzjarji stabbiliti fl-Unjoni, kif ukoll l-impriżi prinċipali tagħhom, l-awtoritajiet responsabbli għal dawk il-kontropartijiet mhux finanzjarji u l-impriżi prinċipali jenħtieġ li jirrapportaw lill-ESMA fuq bażi regolari. Tali rapportar jenħtieġ li ma jirriproduċix l-informazzjoni diġà ppreżentata permezz ta' rekwiżiti ta' rapportar oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012, iżda minflok jagħti informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-portafolji ta' dawk il-kontropartijiet mhux finanzjarji bejn żewġ dati ta' rapportar, kif ukoll valutazzjoni tar-riskji li tali kontropartijiet jistgħu jkunu esposti għalihom. L-awtoritajiet responsabbli mill-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma parti minn grupp jenħtieġ li jikkooperaw bil-għan li jnaqqsu sal-minimu l-piż tar-rapportar u jivvalutaw l-intensità u t-tip ta' attività fid-derivattivi OTC ta' dawk il-kontropartijiet mhux finanzjarji.

- (21) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013<sup>12</sup>, dwar il-kriterji sabiex jiġi stabbilit liema kuntratti tad-derivattivi OTC jistgħu jitkejlu b' mod oġġettiv bħala li jnaqqsu r-riskju, jibqa' idoneu fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-valuri tal-limiti tal-ikklerjar stabbiliti f' dak ir-Regolament ta' Delega jkunu jirriflettu b' mod xieraq u preċiż ir-riskji u l-karatteristiċi differenti fid-derivattivi, għajr ir-rata tal-imgħax, il-kambju, il-kreditu u d-derivattivi tal-ekwità. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tirrieżamina u tiċċara wkoll, fejn xieraq, dak ir-Regolament ta' Delega u tipproponi emendi jekk ikun meħtieġ. L-ESMA hija mħeġġa tikkunsidra u tipprovdi, fost affarijiet oħra, aktar granularità għad-derivattivi tal-komoditajiet. Dik il-granularità tista' tinkiseb billi l-limiti tal-ikklerjar jiġu sseparati skont is-settur u t-tip, bħad-differenzjazzjoni bejn il-komoditajiet relatati mal-agrikoltura, mal-enerġija jew mal-metall jew id-differenzjazzjoni ta' dawk il-komoditajiet abbażi ta' karatteristiċi oħrajn bħal kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza, investimenti ambjentalment sostenibbli jew karatteristiċi relatati mal-kriptoattivitajiet. Matul ir-rieżami, jenħtieġ li l-ESMA tagħmel ħilitha sabiex tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti li għandhom għarfien speċifiku dwar komoditajiet partikolari.
- (22) Il-kontropartijiet mhux finanzjarji li jiskambjaw kollateral għal kuntratti ta' derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien sabiex jinneozjaw u jittestjaw l-arranġamenti għall-iskambju ta' tali kollateral.

---

<sup>12</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-arranġamenti tal-ikklerjar indiretti, l-obbligu tal-ikklerjar, ir-reġistru pubbliku, l-aċċess għal ċentru tan-negozjar, kontropartijiet nonfinanzjarji, tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 11).

- (23) Bil-għan li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, u b'rikonoxximent tal-fatt li, fi wħud mill-ġurisdizzjonijiet tal-pajjiżi terzi, l-iskambju tal-marġni ta' varjazzjoni u l-iskambju tal-marġni inizjali għall-opzjonijiet fuq l-ishma singoli u għall-opzjonijiet fuq indiċijiet ta' ekwità huma soġġetti għal rekwiżiti ta' marġni mhux ekwivalenti, jenħtieġ li t-trattament ta' tali prodotti jkun eżenti mir-rekwiżit skont liema jkunu fis-seħħ proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju fir-rigward tal-iskambju segregat fil-ħin, preċiż u xieraq tal-kollateral, dment li ma jkunx hemm biżżejjed konverġenza internazzjonali fil-konfront tat-trattament tagħhom. Jenħtieġ li l-ESMA, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup> u mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (EIOPA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup> (magħrufin kollettivament bħala "ASE"), timmonitorja l-iżviluppi regolatorji fil-ġurisdizzjonijiet tal-pajjiżi terzi u l-iżvilupp tal-iskoperturi mill-kontropartijiet soġġetti għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 f'opzjonijiet fuq l-ishma singoli u f'opzjonijiet fuq indiċijiet ta' ekwità mhux ikklerjati minn CCP, u jenħtieġ li tirrapporta, mill-anqas kull tliet snin, lill-Kummissjoni dwar ir-risultati ta' tali monitoraġġ. Meta l-Kummissjoni tirċievi tali rapport, jenħtieġ li tivvaluta jekk l-iżviluppi internazzjonali wasslux għal aktar konverġenza fit-trattament ta' opzjonijiet fuq l-ishma singoli u ta' opzjonijiet fuq indiċijiet ta' ekwità u jekk id-deroga tipperikolax l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' xi Stat Membru wieħed jew aktar. F'tali każ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tirrevoka d-deroga fi tmiemha fir-rigward tat-trattament tal-opzjonijiet fuq l-ishma singoli u tal-opzjonijiet fuq indiċijiet ta' ekwità. B'dak il-mod, jista' jiġi żgurat li fl-Unjoni jkunu fis-seħħ rekwiżiti xierqa biex jittaffa r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti fir-rigward ta' tali kuntratti filwaqt li titnaqqas il-possibbiltà ta' arbitraġġ regolatorju.

---

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

- (24) Bil-għan li jiġu rispettati r-rekwiżiti tal-marġni inizjali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012, numru kbir ta' parteċipanti fis-suq tal-Unjoni jużaw mudelli tal-marġni inizjali pro forma għas-settur kollu kemm hu. Minħabba l-fatt li daww il-mudell jintużaw mis-settur kollu kemm hu, mhuwiex probabbli li jiġu modifikati b'mod sinifikanti mill-preferenza ta' ta' kull utent individwali jew mill-valutazzjonijiet differenti ta' kull awtorità kompetenti individwali li tawtorizza l-użu ta' daww il-mudelli mill-entitajiet li tissorvelja. Fil-prattika, peress li l-istess mudell jintuża minn numru kbir ta' kontropartijiet tal-Unjoni, il-ħtieġa konsegwenti li dak il-mudell jiġi vvalidat minn pluralità ta' awtoritajiet kompetenti twassal għal problema ta' koordinament. Biex tindirizza dik il-problema, jenħtieġ li l-EBA tingħata l-inkarigu li topera bħala validatur ċentrali ta' tali mudell pro forma. Fir-rwol tagħha ta' validatur, jenħtieġ li l-EBA tivvalida l-elementi u l-aspetti ġenerali ta' daww il-mudelli pro forma, inklużi l-kalibrazzjoni, id-disinn u l-kopertura tal-klassijiet tal-istrumenti, tal-assi u tal-fatturi ta' riskju. Sabiex tassisti l-ħidma tagħha, jenħtieġ li l-EBA tiġbor feedback mill-awtoritajiet kompetenti, mill-ESMA u mill-EIOPA, u tikkoordina l-fehmiet kollettivi tagħhom. Minħabba li l-awtoritajiet kompetenti jkomplu jkunu responsabbli għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' daww il-mudelli pro forma u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom fil-livell tal-entità soġġetta għal superviżjoni, jenħtieġ li l-EBA tassisti lill-awtoritajiet kompetenti fil-proċessi ta' approvazzjoni tagħhom rigward l-aspetti ġenerali tal-implimentazzjoni ta' daww il-mudelli pro forma. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-EBA sservi ta' punt uniku ta' diskussjoni mas-settur biex tgħin tiżgura koordinament aktar effikaċi tal-Unjoni fuq id-disinn ta' tali mudelli. L-awtoritajiet kompetenti se jibqgħu responsabbli mill-awtorizzazzjoni tal-użu ta' tali mudelli u mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' daww il-mudelli fil-livell tal-entità soġġetta għal superviżjoni.

- (25) Il-banek ċentrali, il-korpi pubbliċi inkarigati mill-ġestjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu f'tali ġestjoni, u l-entitajiet tas-settur pubbliku huma ħielsa li jagħżlu jekk jużawx is-servizzi ta' kklerjar tas-CCPs biex jikklerjaw il-kuntratti tad-derivattivi tagħhom. F'każ li jiddeċiedu li jużaw tali servizzi, huma inkoraġġiti jikklerjaw, fil-prinċipju, permezz tas-CCPs tal-Unjoni meta l-prodotti mfittxija jkunu disponibbli. Minħabba l-fatt li l-modalitajiet ta' parteċipazzjoni ta' dawk l-entitajiet fis-CCPs tvarja minn Stat Membru għall-ieħor u fid-dawl tal-prattiki diverġenti fir-rigward tal-kalkolu tal-iskoperturi ta' dawk l-entitajiet fis-CCPs tal-Unjoni u tal-kontribut tagħhom għar-riżorsi finanzjarji ta' dawk is-CCPs, tkun mixtieqa aktar armonizzazzjoni ta' dawk l-aspetti, permezz ta' linji gwida maħruġa mill-ESMA.
- (26) L-EBA, f'kooperazzjoni mal-ESMA u l-EIOPA, jenħtieġ li jfasslu standards tekniċi regolatorji biex jispeċifikaw il-proċeduri ta' superviżjoni li jiżguraw il-validazzjoni inizjali u li għaddejja tal-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju. Biex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li l-kontropartijiet finanzjarji biss li jkunu l-aktar attivi fid-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP ikunu soġġetti għall-proċeduri speċifikati f'dawk l-istandards tekniċi regolatorji.

- (27) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u konverġenti fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni kollha, is-CCPs awtorizzati jew il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni li jixtiequ li jkunu awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex jipprovdu servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar fi strumenti finanzjarji jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jiġu awtorizzati jipprovdu servizzi tal-ikklerjar u attivitajiet oħrajn b'rabta ma' strumenti mhux finanzjarji. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 japplika għas-CCPs bħala entitajiet, u mhux għal servizzi speċifiċi. Meta CCP tapprova strumenti mhux finanzjarji, minbarra l-istrumenti finanzjarji, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tas-CCP tkun tista' tiżgura li s-CCP tkun konformi mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għas-servizzi kollha li toffri.

(28) Is-CCPs tal-Unjoni jiffaċċjaw sfidi sabiex jespandu l-offerta tal-prodotti tagħhom għal servizzi tal-ikklerjar u jgħaddu minn diffikultajiet sabiex joffru servizzi tal-ikklerjar għal prodotti ġodda fis-suq. Fid-dawl ta' tali sfidi u diffikultajiet u bi qbil mal-objettiv li tiżdied l-attrazzjoni tas-sistema tal-ikklerjar tal-Unjoni, jenħtieġ, għalhekk, li l-proċess tal-awtorizzazzjoni tas-CCPs fl-Unjoni jew tal-estensjoni tal-awtorizzazzjoni tas-CCPs jiġi ssimplifikat u jenħtieġ li jinkludi kalendarji speċifiċi, filwaqt li jiġi żgurat l-involvement xieraq tal-ESMA u tal-kulleġġ tas-CCP tal-Unjoni kkonċernata. L-ewwel, sabiex jiġi evitat dewmien sinifikanti, u potenzjalment indefinit, rikonoxximent tal-wasla tal-applikazzjoni jenħtieġ li jingħata malajr ul-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li wara jivvalutaw il-kompletezza ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni li jixtiequ jkunu awtorizzati bħala CCPs u CCPs tal-Unjoni li jixtiequ jestendu l-awtorizzazzjonijiet tagħhom jippreżentaw l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa mal-applikazzjonijiet tagħhom, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw liema dokumenti għandhom jiġu pprovduti, x'informazzjoni għandu jkun fihom dawk id-dokumenti u f'liema format għandhom jiġu ppreżentati. Meta tħejji l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji, jenħtieġ li l-ESMA tqis ir-rekwiżiti u l-prattiki eżistenti marbuta mad-dokumentazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u tissimplifika l-preżentazzjoni tagħhom fejn possibbli biex tevita żmien eċċessiv għas-suq u tiżgura li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mis-CCP li tapplika għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tkun proporzjonali għall-materjalità tal-bidla li għaliha qed tapplika s-CCP, mingħajr ma l-proċess ġenerali jsir kumpless bla bżonn, oneruż u sproporzjonat. It-tieni, sabiex tiġi żgurata valutazzjoni effiċjenti u konkorrenti tal-applikazzjonijiet, il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni li jixtiequ jkunu awtorizzati bħala CCPs u CCPs tal-Unjoni li jixtiequ jestendu l-awtorizzazzjonijiet tagħhom jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżentaw id-dokumenti kollha permezz ta' bażi tad-*data* ċentrali. It-tielet, l-awtorità kompetenti ta' CCP jenħtieġ li, matul il-perjodu ta' valutazzjoni, tikkoordina u tressaq mistoqsijiet minn dik l-awtorità kompetenti, mill-ESMA jew mill-kulleġġ lill-persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtieq tkun awtorizzata bħala CCP u CCPs tal-Unjoni li jixtiequ jestendu l-awtorizzazzjonijiet tagħhom, sabiex jiżguraw proċess rapidu, flessibbli u kooperattiv għal rieżami komprensiv. Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u d-dewmien bla bżonn, jenħtieġ li l-mistoqsijiet kollha u l-kjarifiki sussegwenti jiġu kondiviżi wkoll simultanament bejn l-awtorità kompetenti tas-CCP, l-ESMA u l-kulleġġ.

- (29) Bħalissa teżisti ċertu grad ta' inċertezza dwar meta servizz jew attività addizzjonali jkunu koperti minn awtorizzazzjoni eżistenti ta' CCP. Huwa meħtieġ li tiġi indirizzata dik l-inċertezza u li tiġi żgurata l-proporzjonalità meta s-servizz jew l-attività addizzjonali proposti mhux koperti minn awtorizzazzjoni ta' CCP eżistenti ma jżidux b'mod sinifikanti r-riskji għas-CCP. F'tali każ, is-servizz jew l-attività addizzjonali ma jenħtieġx li jgħaddu mill-proċedura ta' valutazzjoni sħiħa, iżda minflok jibbenefikaw minn proċedura aċċelerata. Jenħtieġ li l-proċedura aċċelerata ma tirrikjedix opinjoni separata mill-ESMA u mill-kulleġġ billi tali rekwiżit ikun sproporzjonat, iżda pjuttost l-ESMA u l-membri tal-kulleġġ jenħtieġ li jagħtu kontribut lill-awtorità kompetenti tas-CCP b'rabta mal-valutazzjoni ta' jekk l-estensjoni tikkwalifikax li taqa' taħt il-proċedura aċċelerata. Biex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċelerata kif ukoll il-proċedura biex tagħti l-kontribut tagħha u dak tal-kulleġġ.

- (30) Biex jittaffa l-piż amministrattiv fuq is-CCPs u l-awtoritajiet kompetenti, mingħajr ma jinbidel il-profil ta' riskju ġenerali ta' CCP, jenħtieġ li s-CCPs ikunu jistgħu jimplimentaw estensjonijiet tas-servizzi għal bidliet ta' amministrazzjoni ordinarja mingħajr awtorizzazzjoni, meta CCP tqis li s-servizz jew l-attività addizzjonali proposti ma jkollhomx impatt materjali fuq il-profil ta' riskju tagħha, b'mod partikolari meta s-servizz jew l-attività tal-ikklerjar il-ġodda jkunu simili ħafna għas-servizzi li s-CCP tkun diġà awtorizzata tipprovdi. Biex is-CCPs ikunu jistgħu jimplimentaw malajr tali bidliet ta' amministrazzjoni ordinarja, jenħtieġ li s-CCPs ikunu eżenti mill-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-estensjoni tal-attivitajiet u tas-servizzi b'rabta ma' tali bidliet. Jenħtieġ li s-CCPs jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti u lill-ESMA meta jiddeċiedu li jagħmlu użu minn tali eżenzjoni. Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tirrieżamina l-bidliet implimentati fil-kuntest tal-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni annwali tagħha.
- (31) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament konsistenti tal-kulleġġi kollha u tissaħħaħ aktar il-konverġenza superviżorja, jenħtieġ li l-kulleġġ ikun kopresedut mill-awtorità nazzjonali kompetenti u kwalunkwe wieħed mill-membri indipendenti tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs. Biex titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-kopresidenti jiddeċiedu b'mod konġunt id-dati li fihom jiltaqa' l-kulleġġ u jstabilixxu l-aġenda ta' tali laqgħat. Madankollu, biex jiġi żgurat proċess deċiżjonali konsistenti u li l-awtorità kompetenti tas-CCP fl-aħħar mill-aħħar tibqa' responsabbli, fl-eventwalità ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kopresidenti, jenħtieġ li d-deċiżjoni finali, fi kwalunkwe każ, tittieħed mill-awtorità kompetenti, li jenħtieġ li tagħti lill-ESMA spjegazzjoni motivata tad-deċiżjoni tagħha.

(32) Jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv sabiex tiżgura li s-CCPs tal-Unjoni jkunu sikuri, robusti u kompetittivi fil-forniment tas-servizzi tagħhom fl-Unjoni kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA, minbarra l-kompetenzi superviżorji attwalment stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012, toħroġ opinjoni lill-awtorità kompetenti tas-CCP dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tas-CCP għajr meta d-deċiżjoni tkun meħtieġa b'urġenza, li jfisser f'perjodu iqsar mill-perjodu allokat għall-ESMA biex tagħti l-opinjoni tagħha. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ ukoll opinjonijiet dwar ir-rieżami u l-evalwazzjoni, ir-rekwiżiti tal-marġni u r-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jagħtu spjegazzjonijiet għal kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti mill-opinjoni tal-ESMA u jenħtieġ li l-ESMA tinforma lill-Bord tas-Superviżuri tagħha meta awtorità kompetenti ma tkunx konformi jew mhijiex biħsiebha tkun konformi mal-opinjoni tal-ESMA u ma' eventwali kundizzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet inklużi fiha. Jenħtieġ li l-informazzjoni tinkludi wkoll ir-raġunijiet ipprovduti mill-awtorità kompetenti għan-nuqqas ta' konformità mal-opinjoni tal-ESMA jew ma' eventwali kundizzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet inklużi fiha.

(33) Biex tiġi żgurata l-kondiviżjoni malajr u effiċjenti ta' informazzjoni u ta' dokumentazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, biex titrawwem aktar kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti involuti fis-superviżjoni tal-entitajiet soġġetti għal dak ir-Regolament u biex tiġi ssimplifikata l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet tagħhom soġġetti għal superviżjoni b'rabta mal-proċeduri previsti minn dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-ESMA tistabilixxi u żżomm bażi tad-*data* elettronika ċentrali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi kollha jkollhom aċċess għal dik il-bażi tad-*data* ċentrali għall-informazzjoni pertinenti għall-kompiti u għar-responsabbiltajiet tagħhom. Analogament, l-entitajiet soġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumentazzjoni li ppreżentaw u għal kwalunkwe dokumentazzjoni indirizzata lilhom. Jenħtieġ li l-bażi tad-*data* ċentrali tintuża għall-kondiviżjoni ta' kemm jista' jkun informazzjoni u dokumentazzjoni, anki tal-anqas l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni b'rabta mal-awtorizzazzjonijiet, mal-estensjonijiet tas-servizzi u tal-validazzjonijiet tal-mudelli.

- (34) Jeħtieġ li jiġi żgurat li s-CCPs jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fuq bażi kontinwa, b'mod partikolari fir-rigward tal-forniment ta' servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar addizzjonali awtorizzati permezz tal-proċedura aċċelerata jew eżenti mill-awtorizzazzjoni bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-bidliet ta' amministrazzjoni ordinarja, kif ukoll tal-implimentazzjoni tal-bidliet fil-mudell wara proċedura aċċelerata għall-validazzjoni ta' tali bidla fil-mudell, peress li f'tali każijiet l-ESMA u l-kulleġġ ma joħorġux opinjonijiet separati. Għalhekk, jenħtieġ li r-rieżami mwettaq mill-awtorità kompetenti tas-CCPs, mill-anqas fuq bażi annwali, jikkunsidra b'mod partikolari dawk is-servizzi jew l-attivitajiet tal-ikklerjar il-ġodda u l-bidla fil-mudell. Sabiex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja u koordinament bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA, u li s-CCPs tal-Unjoni jkunu sikuri, robusti u kompetittivi fil-forniment tas-servizzi tagħhom fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti, mill-anqas fuq bażi annwali, tippreżenta r-rapport tagħha b'rabta mar-rieżami u mal-evalwazzjoni ta' CCP lill-ESMA u lill-kulleġġ għall-opinjonijiet tagħhom. Jenħtieġ li l-opinjoni tal-ESMA tivvaluta l-aspetti koperti mir-rapport tal-awtorità kompetenti, li jinkludu segwitu mogħti għall-forniment ta' servizzi jew attivitajiet mis-CCP, b'attenzjoni partikolari għall-proċeduri aċċelerati u għall-bidliet ta' amministrazzjoni ordinarja, kif ukoll għar-riskji transfruntieri li s-CCP taf tkun esposta għalihom, u fid-dawl tal-pożizzjoni ġenerali tas-CCP inkwantu fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar fi ħdan l-Unjoni.

L-ispezzjonijiet fuq il-post jiżvolgħu rwol fundamentali fit-twettiq tal-kompiti superviżorji, u joffru informazzjoni imprezzabbli lill-awtoritajiet kompetenti. Għaldaqstant, jenħtiegħ li jitwettqu mill-anqas darba fis-sena u, sabiex jiġu żgurati l-iskambju fil-pront tal-informazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA, jenħtiegħ li l-ESMA tiġi informata bl-ispezzjonijiet kemm ippjanati kif ukoll urġenti, tkun tista' titlob li tipparteċipa f'tali spezzjonijiet u tirċievi kwalunkwe informazzjoni rilevanti b'rabta ma' tali spezzjonijiet fuq il-post, kif ukoll spjegazzjoni motivata għal kwalunkwe rifjut li l-ESMA titħalla tipparteċipa. Barra minn hekk, biex ikompli jiżdied il-koordinament bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti, l-ESMA, f'ċirkostanzi speċifiċi u fil-kuntest tar-rieżami u tal-evalwazzjoni superviżorji, tista' titlob laqgħa ad hoc mas-CCP u mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Jenħtiegħ li l-kulleġġ ikun informat bl-eżitu ta' tali laqgħa. Bil-għan li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA tissaħħaħ, jenħtiegħ li din tal-aħħar tkun tista' wkoll titlob mill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni li jkollha bżonn biex twettaq il-kompiti tagħha fil-kuntest tar-rieżami u tal-evalwazzjoni superviżorji.

- (35) Jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-mezzi sabiex tidentifika r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA, f'kooperazzjoni mal-BERS, mal-EBA, mal-EIOPA u mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħti lilha f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013<sup>15</sup>, tidentifika l-interkonnessjonijiet u l-interdipendenzi bejn CCPs u persuni ġuridiċi differenti, inklużi, sal-punt li jkun possibbli, membri tal-ikklerjar, klijenti u klijenti indiretti kondiviżi, fornituri ta' servizzi materjali kondiviżi, fornituri ta' likwidità materjali kondiviżi, arranġamenti ta' kollateral inkroċjat, dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjenza u netting bejn is-CCPs, ftehimiet ta' kontrogaranzija u trasferimenti tar-riskji u arranġamenti ta' negozjar back-to-back.

---

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

- (36) Il-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti tal-Unjoni tal-istrumenti finanzjarji kklerjati minn CCPs awtorizzati li jkunu talbu s-šhubija fil-Kumitat Superviżorju tas-CCPs huma membri mingħajr dritt tal-vot tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP. Huma jipparteċipaw biss fil-laqgħat tiegħu għas-CCPs tal-Unjoni fil-kuntest ta' diskussjonijiet dwar il-valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tas-CCPs tal-Unjoni għall-iżviluppi avversi tas-suq u l-iżviluppi rilevanti tas-suq. B'hekk, għall-kuntrarju tal-involviment tagħhom fis-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi, il-banek ċentrali tal-ħruġ ma humiex involuti biżżejjed fi kwistjonijiet superviżorji għas-CCPs tal-Unjoni li huma ta' rilevanza diretta għat-tmexxija tal-politika monetarja u għall-operat bla xkiel tas-sistemi ta' pagamenti, li jwassal għal kunsiderazzjoni insuffiċjenti tar-riskji transfruntiera. Għalhekk, huwa xieraq li dawk il-banek ċentrali tal-ħruġ ikunu jistgħu jattendu bħala membri mingħajr dritt tal-vot għal-laqgħat kollha tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs meta dan jitlaqqa' għas-CCPs tal-Unjoni.

(37) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-korpi tal-Unjoni li jkollhom ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-iżviluppi tas-suq rilevanti għall-ikklerjar fl-Unjoni, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti relatati mal-ikklerjar tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u jiddiskutu b'mod kollettiv ir-riskji potenzjali li jinħolqu mill-interkonnnettività ta' atturi finanzjarji differenti u kwistjonijiet oħrajn relatati mal-istabbiltà finanzjarja, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ transsettorjali li jgħaqqad flimkien il-korpi rilevanti tal-Unjoni involuti fis-superviżjoni tas-CCPs tal-Unjoni, tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti (Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ). Jenħtieġ li l-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ jiġi ġestit u ppresjedut mill-ESMA bħala l-awtorità involuta fis-superviżjoni tas-CCPs tal-Unjoni u fis-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti. Jenħtieġ li parteċipanti oħrajn ikunu jinkludu rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-EBA, tal-EIOPA, tal-BERS, tal-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti li fihom il-kuntratti li jappartjenu għas-servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali huma denominati, tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u tal-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħtija lilha f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

(38) Sabiex tinforma d-deċiżjonijiet ta' politika futuri, jenħtieġ li l-ESMA, b'kooperazzjoni mal-parteċipanti l-oħrajn fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet tagħhom. L-ESMA tista' tibda proċedura ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 meta, abbażi tal-informazzjoni riċevuta bħala parti mill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ u wara d-diskussjonijiet li saru hemmhekk, l-ESMA tqis li l-awtoritajiet kompetenti jonqsu milli jiżguraw il-konformità tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti mar-rekwiżit li jikklerjaw mill-anqas għadd definit ta' kuntratti identifikati f'kontijiet fis-CCPs tal-Unjoni, jew meta l-ESMA tidentifika riskju għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni minħabba allegat ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Qabel ma tibda tali proċedura ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni, l-ESMA tista' toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Meta, abbażi tal-informazzjoni riċevuta bħala parti mill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ u wara d-diskussjonijiet li saru hemmhekk, l-ESMA tqis li l-konformità mar-rekwiżit li jiġu kklerjati mill-anqas għadd definit ta' kuntratti identifikati f'kontijiet fis-CCPs tal-Unjoni ma tiżgurax b'mod effettiv it-tnaqqis tal-iskopertura eċċessiva tal-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u tal-klijenti għas-CCPs tal-Grad 2, jenħtieġ li hija tirrieżamina u tipproponi li l-att delegat tal-Kummissjoni rilevanti jiġi emendat biex jispeċifika aktar dak ir-rekwiżit, u li tipproponi li jiġi stabbilit, fejn meħtieġ, perjodu ta' adattament xieraq.

(39) It-taqlib fis-suq tal-2020 bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 u l-prezzijiet għoljin tal-2022 fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa wara l-aggressjoni mhux ipprovokata u inġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna wrew li, filwaqt li huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni sabiex jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw meta jitfaċċaw avvenimenti b'impatt transfruntier, l-ESMA għad ma għandhiex l-għodod meħtieġa sabiex tiżgura tali koordinament u approċċ konverġenti fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tingħata s-setgħa li taġixxi f'sitwazzjoni ta' emerġenza f'CCP waħda jew aktar li jkollha jew x'aktarx li jkollha effetti destabilizzanti fuq is-swieq transfruntiera. F'tali sitwazzjonijiet ta' emerġenza, jenħtieġ li l-ESMA tiġi inkarigata bir-rwol ta' koordinament bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-kulleġġ u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni bil-għan li tiġi żviluppata risposta koordinata. Jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' ssejjaħ laqgħat tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs, fuq inizjattiva tagħha stess jew inkella fuq talba, potenzjalment b'kompożizzjoni mkabbra, sabiex tikkoordina b'mod effettiv ir-risposta tal-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' titlob informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti jekk tkun meħtieġa għall-ESMA sabiex twettaq il-funzjoni ta' koordinament tagħha f'dawk is-sitwazzjonijiet u sabiex tkun tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti u jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' titlob tali informazzjoni direttament mis-CCP jew mill-parteċipanti fis-suq meta l-awtorità kompetenti ma toffrix tweġibiet fi żmien xieraq. Ir-rwol tal-ESMA f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà finali tal-awtorità kompetenti tas-CCP biex tiegħu deċiżjonijiet superviżorji fir-rigward tas-CCP soġġetta għas-superviżjoni tagħha, anki miżuri ta' emerġenza. Huwa wkoll essenzjali li l-membri tal-kulleġġ ikunu jistgħu jgħaddu l-informazzjoni li jirċievu f'sitwazzjoni ta' emerġenza lill-korpi pubbliċi, fosthom il-ministeri, responsabbli mill-istabbiltà finanzjarja tas-swieq tagħhom.

- (40) Sabiex jitnaqqas il-piż fuq is-CCPs u l-ESMA, jenħtieġ li jiġi ċċarat li meta l-ESMA twettaq rieżami tar-rikonoxximent ta' CCP ta' pajjiż terz, dik is-CCP ta' pajjiż terz jenħtieġ li ma tkunx obligata tippreżenta applikazzjoni ġdida għar-rikonoxximent. Madankollu, jenħtieġ li hija ttiprovdi lill-ESMA l-informazzjoni kollha meħtieġa għal tali rieżami. Konsegwentement, ir-rieżami min-naħa tal-ESMA tar-rikonoxximent ta' CCP ta' pajjiż terz ma jenħtieġ li jiġi ttrattat bħala rikonoxximent ġdid ta' dik is-CCP ta' pajjiż terz.
- (41) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista', meta tadotta deċiżjoni ta' ekwivalenza, teżenta lil dak il-pajjiż terz mir-reqwizit li jkollu sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent tas-CCPs ta' pajjiżi terzi. Meta tikkunsidra jekk approċċ bħal dan ikunx proporzjonat, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra medda ta' fatturi differenti, inkluża l-konformità mal-Prinċipji għall-infrastrutturi tas-suq finanzjarju ppubblikati mill-Kumitat dwar il-Pagamenti u l-Infrastrutturi tas-Suq u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, id-daqs tas-CCPs ta' pajjiżi terzi stabbiliti f' dik il-ġurisdizzjoni u, meta magħrufa, l-attività mistennija f' dawk is-CCPs ta' pajjiżi terzi minn membri tal-ikklerjar u ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni.

- (42) Sabiex jiġi żgurat li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi jkunu proporzjonati, jenħtieġ li tali arranġamenti jkunu firxa ta' aspetti differenti, inkluża l-kategorizzazzjoni tas-CCPs ta' pajjiżi terzi f'CCPs fil-Grad 1 jew fil-Grad 2, il-karatteristiċi speċifiċi tal-ambitu tas-servizzi pprovduti, jew maħsuba li jiġu pprovduti, fl-Unjoni, jekk daww is-servizzi jinvolvux riskji speċifiċi għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, kif ukoll ir-rispett min-naħa tas-CCPs ta' pajjiżi terzi tal-istandards internazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi jirriflettu l-grad ta' riskju li s-CCPs stabbiliti f'pajjiżi terzi potenzjalment jippreżentaw għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.

(43) Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tfassal l-arranġamenti ta' kooperazzjoni tagħha għal ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi differenti bbażati fuq is-CCPs stabbiliti f' ġuriżdizzjoni partikolari. B' mod partikolari, is-CCPs tal-Grad 1 ikopru medda wiesgħa ta' profili tas-CCP u, b'hekk, jenħtieġ li l-ESMA tiżgura li arranġament ta' kooperazzjoni jkun proporzjonat għas-CCPs stabbiliti f' kull ġuriżdizzjoni ta' pajjiżi terzi. F' livell aktar speċifiku, jenħtieġ li l-ESMA tikkunsidra, fost l-oħrajn, il-likwidità tas-swieq ikkonċernati, il-grad sa fejn l-attivitajiet ta' kklerjar tas-CCPs huma denominati f' euro jew f' muniti oħrajn tal-Unjoni u l-punt sa fejn l-entitajiet tal-Unjoni jużaw is-servizzi ta' tali CCPs. Meta jitqies li l-maġġoranza l-kbira tas-CCPs tal-Grad 1 jipprovdu servizzi tal-ikklerjar sa ċertu punt limitat għall-membri tal-ikklerjar u għaċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni u tista' tikklerja prodotti li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jenħtieġ li l-ambitu tal-ESMA tal-valutazzjoni u tal-informazzjoni li għandha tintalab ikun limitat ukoll f' dawk il-ġuriżdizzjonijiet kollha. Sabiex jiġu limitati t-talbiet għall-informazzjoni għas-CCPs tal-Grad 1, jenħtieġ li fil-prinċipju tintalab medda predefinita ta' informazzjoni mill-ESMA kull sena. Meta r-riskji minn ġuriżdizzjoni jew CCP tal-Grad 1 ikunu potenzjalment akbar, ikunu ġustifikati, mill-anqas fuq bażi trimestrali, talbiet addizzjonali u ambitu usa' tal-informazzjoni mitlub. Jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jkunu mfassla biex jirriflettu differenzjazzjoni bħal din fil-profil tar-riskju ta' CCPs differenti tal-Grad 1 u jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet li jorganizzaw qafas xieraq għall-iskambju ta' informazzjoni. Madankollu, kwalunkwe arranġament ta' kooperazzjoni fis-seħħ meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ jenħtieġ li ma jiġix aġġustat, sakemm l-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi ma jitolbux hekk.

- (44) Meta CCP tiġi rikonoxxuta bħala CCP tal-Grad 2 skont l-Artikolu 25(2b) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, meta jitqies li dawk is-CCPs huma ta' importanza sistemika għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi jkopru l-iskambju ta' informazzjoni għal medda usa' ta' informazzjoni u bi frekwenza akbar. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jinvolvu wkoll proċeduri sabiex jiġi żgurat li tali CCP tal-Grad 2 tkun taħt superviżjoni skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-ESMA tiżgura li tkun tista' tikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex taqdi dmirijietha skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, inkluża l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiżgura l-konformità mal-Artikolu 25(2b) ta' dak ir-Regolament u sabiex tiżgura li l-informazzjoni tiġi kondiviża meta CCP tkun inġhatat, parzjalment jew kompletament, konformità komparabbli. Sabiex l-ESMA tkun tista' twettaq superviżjoni sħiħa u effettiva tas-CCPs tal-Grad 2, jenħtieġ li jiġi ċċarat li dawk is-CCPs jipprovdu perjodikament informazzjoni lill-ESMA.

- (45) Jenħtieġ ukoll li l-ESMA, meta tingħata konformità komparabbli, tivvaluta regolarment il-konformità kontinwa mis-CCPs tal-Grad 2 mal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tagħhom permezz ta' konformità komparabbli, billi timmonitorja l-konformità tas-CCPs mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 t-Titoli IV u V skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1304<sup>16</sup>. Fit-twettiq ta' dik il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-ESMA minbarra li tirċievi l-informazzjoni u l-konfermi rilevanti mis-CCPs tal-Grad 2, tikkoopera u taqbel dwar proċeduri amministrattivi mal-awtorità tal-pajjiż terz biex tiżgura li l-ESMA jkollha l-informazzjoni rilevanti biex timmonitorja l-fatt li l-kundizzjonijiet għall-konformità komparabbli jiġu rispettati u, sal-punt li jkun possibbli, tnaqqas il-piż amministrattiv u regolatorju għal dawk is-CCPs tal-Grad 2.

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1304 tal-14 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-elementi minimi li għandhom jiġu vvalutati mill-ESMA meta tivvaluta t-talbiet ta' CCPs ta' pajjiżi terzi għal konformità komparabbli u l-modalitajiet u l-kundizzjonijiet ta' din il-valutazzjoni (ĠU L 305, 21.9.2020, p. 13).

- (46) Sabiex jiġi żgurat li l-ESMA tkun informata wkoll dwar kif CCP tal-Grad 2 titħejja u tista' ttaffi u tirkupra minn diffikultà finanzjarja, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jinkludu d-dritt li l-ESMA tiġi kkonsultata fit-tħejjija u fil-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u fit-tħejjija tal-pjanijiet ta' rizzoluzzjoni, kif ukoll id-dritt li l-ESMA tiġi informata meta CCP tal-Grad 2 tistabbilixxi pjan ta' rkupru jew meta awtorità ta' pajjiż terz tistabbilixxi pjanijiet ta' rizzoluzzjoni. Jenħtieġ li l-ESMA tiġi informata wkoll dwar l-aspetti rilevanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, u dwar kif membri tal-ikklerjar individwali u, sa fejn ikunu magħrufa, klijenti u klijenti indiretti, jistgħu jiġu affettwati materjalment mill-implimentazzjoni ta' tali pjanijiet ta' rkupru jew pjanijiet ta' rizzoluzzjoni. Jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jispeċifikaw ukoll li l-ESMA trid tiġi informata meta CCP tal-Grad 2 ikollha l-ħsieb li tattiva l-pjan ta' rkupru tagħha jew meta l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jkunu ddeterminaw li hemm indikazzjonijiet ta' sitwazzjoni ta' kriżi emerġenti li tista' taffettwa l-operazzjonijiet tas-CCP, il-kapaċità li tipprovdi servizzi tal-ikklerjar, jew meta l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jipprevedu li jieħdu azzjoni ta' rizzoluzzjoni fil-futur qrib.
- (47) Jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' tirtira r-rikonoxximent ta' CCP ta' pajjiż terz meta dik is-CCP ta' pajjiż terz tkun kisret b'mod gravi u sistematiku kwalunkwe rekwiżit applikabbli minn dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012, inklużi l-preżentazzjoni lill-ESMA tal-informazzjoni pertinenti għar-rikonoxximent ta' dik is-CCP ta' pajjiż terz, il-ħlas ta' tariffi lill-ESMA jew it-tweġiba għat-talbiet min-naħa tal-ESMA għall-informazzjoni neċessarja għall-ESMA biex taqdi dmirijietha b'rabta mas-CCPs ta' pajjiż terz, u ma tkunx ħadet azzjoni ta' rimedju mitluba mill-ESMA f'perjodu ta' żmien stabbilit b'mod xieraq.

- (48) Sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, jenħtieġ li s-CCPs u l-kmamar tal-ikklerjar ma jkunux jistgħu jkunu membri tal-ikklerjar ta' CCPs oħrajn, kif ukoll is-CCPs ma jkunux jistgħu jaċċettaw li jkollhom CCPs jew kmamar tal-ikklerjar oħrajn bħala membri tal-ikklerjar jew membri tal-ikklerjar indiretti. Il-parteciċipanti fis-suq li bħalissa joperaw f'tali arranġamenti jenħtieġ li jkunu meħtieġa jsibu modi oħra ta' kkerjar ċentrali. Jenħtieġ li tali projbizzjoni ma jkollix riperkussjonijiet fuq l-arranġamenti tal-interoperabbiltà, li huma rregolati fl-ambitu tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, u l-arranġamenti li jkunu saru għall-finijiet li CCP twettaq il-politika tagħha fil-qasam tal-investimenti f'konformità ma' dan ir-Regolament, pereżempju sħubijiet sponsorizzati jew aċċess dirett għal swieq repo kkerjati bejn is-CCPs. Bil-għan li jingħata biżżejjed żmien għall-adozzjoni, jenħtieġ li l-arranġamenti eżistenti jiġu eliminati gradwalment fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-parteciċipanti fis-suq u l-awtoritajiet jeżaminaw soluzzjonijiet differenti, kif ukoll jistabbilixxu arranġamenti tal-interoperabbiltà.
- (49) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 648/2012 japplika għall-arranġamenti tal-interoperabbiltà għat-tipi kollha ta' strumenti finanzjarji u mhux finanzjarji, pereżempju l-kuntratti tad-derivattivi, flimkien mal-istrumenti tas-suq tal-flus u mat-titoli trasferibbli kif definiti fid-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA, wara li tikkonsulta lill-membri tas-SEBĊ u tal-BERS, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regulatorji biex tiżgura valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-arranġamenti tal-interoperabbiltà.

---

<sup>17</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

- (50) Bil-għan li jiġi żgurat li l-qafas ta' supervizzjoni għas-CCPs tal-Unjoni jirriżulta f'CCPs sikuri u reżiljenti, u jinbena fuq il-koooperazzjoni bejn l-awtorità kompetenti tas-CCP u l-ESMA, jenħtieġ li r-riżultati tal-awditjar indipendenti jiġu kkomunikati lill-bord tas-CCP kif ukoll isiru disponibbli għall-ESMA u għall-awtorità kompetenti tas-CCP. Barra minn hekk, kemm l-ESMA kif ukoll l-awtorità kompetenti tas-CCP jenħtieġ li jkunu jistgħu jattendu għal-laqgħat tal-kumitat tar-riskju tas-CCP fil-kapaċità ta' parteċipanti mingħajr id-dritt tal-vot u jiġu informati bl-attivitajiet u bid-deċiżjonijiet ta' dak il-kumitat tar-riskju. Jenħtieġ li l-ESMA tirċievi fil-pront kwalunkwe deċiżjoni li fiha l-bord tas-CCP jiddeċiedi li ma jsegwix il-parir tal-kumitat tar-riskju, kif ukoll l-ispejja tas-CCP għal tali deċiżjonijiet.

(51) L-avvenimenti reċenti ta' volatilità estrema fis-swieq tal-komoditajiet juru l-fatt li l-kontropartijiet mhux finanzjarji ma għandhomx l-istess aċċess għal-likwidità bħall-kontropartijiet finanzjarji. Għalhekk, jenħtiegħ li l-kontropartijiet mhux finanzjarji jitħallew joffru biss servizzi ta' kklerjar tal-klijenti lill-kontropartijiet mhux finanzjarji li jappartjenu għall-istess grupp. Meta CCP aċċettat jew tkun beħsiebha taċċetta kontropartijiet mhux finanzjarji bħala membri tal-ikklerjar, jenħtiegħ li dik is-CCP tiżgura li l-kontropartijiet mhux finanzjarji jkunu jistgħu juru li jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marġni u l-kontribuzzjonijiet tal-fondi ta' inadempjenza, inkluż f'kundizzjonijiet ta' stress. Meta jitqies li l-kontropartijiet mhux finanzjarji ma humiex soġġetti għall-istess rekwiżiti prudenzjali u salvagwardji tal-likwidità bħall-kontropartijiet finanzjarji, jenħtiegħ li l-aċċess dirett tal-kontropartijiet mhux finanzjarji għas-CCPs jiġi mmonitorjat mill-awtoritajiet kompetenti tas-CCPs li jaċċettawhom bħala membri tal-ikklerjar. Jenħtiegħ li l-awtorità kompetenti tas-CCP tirrapporta lill-ESMA u lill-kulleġġ fuq bażi regolari dwar il-prodotti kklerjati minn kontropartijiet mhux finanzjarji, l-iskopertura kumplessiva u kwalunkwe riskju identifikat. Dan ir-Regolament ma għandux l-għan li jillimita l-kapaċità tal-kontropartijiet mhux finanzjarji li jsiru membri tal-ikklerjar diretti ta' CCP b'mod sod mill-lat prudenzjali.

- (52) Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti u l-klijenti indiretti jkollhom viżibbiltà u prevedibbiltà aħjar tal-appelli għall-marġni, u b'hekk jiżviluppaw aktar l-istrateġiji ta' ġestjoni tal-likwidità tagħhom, jenħtieġ li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi ta' kklerjar jiżguraw trasparenza għall-klijenti tagħhom. Minħabba l-forniment ta' servizzi tal-ikklerjar tagħhom u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-ikklerjar ċentrali u fil-ġestjoni tal-likwidità, il-membri tal-ikklerjar huma fl-aħjar pożizzjoni sabiex jikkomunikaw b'mod ċar u trasparenti lill-klijenti kif jaħdmu l-mudelli tal-marġni, inkluż f'avvenimenti ta' stress, u l-implikazzjonijiet li tali avvenimenti jista' jkollhom fuq il-marġnijiet li l-klijenti jintalbu jpoġġu, inkluż kwalunkwe marġni addizzjonali li l-membri tal-ikklerjar infushom jistgħu jitolbu mill-klijenti tagħhom. Fehim aħjar tal-mudelli tal-marġni jista' jtejjeb il-kapaċità tal-klijenti li jfassru b'mod raġonevoli l-appelli għall-marġni u jħejju ruħhom għat-talbiet għal kollateral, b'mod partikolari f'avvenimenti ta' stress. Sabiex jiġi żgurat li l-membri tal-ikklerjar ikunu jistgħu jiprovdu b'mod effikaċi l-livelli meħtieġa ta' trasparenza dwar is-sejħiet għall-marġni u l-mudelli tal-marġni tas-CCP lill-klijenti tagħhom, is-CCPs jenħtieġ li jagħtuhom ukoll kwalunkwe informazzjoni li jkollhom b'zonn. L-ESMA, f'konsultazzjoni mal-EBA u mas-SEBĊ, jenħtieġ li tispeċifika aktar l-ambitu u l-format tal-iskambju ta' informazzjoni bejn is-CCPs u l-membri tal-ikklerjar u bejn il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti tagħhom.
- (53) Sabiex jiġi żgurat li l-mudelli tal-marġni jkunu jirriflettu l-kundizzjonijiet attwali tas-suq, jenħtieġ li s-CCPs jirrevedu mhux biss regolarment iżda wkoll kontinwament il-livell tal-marġnijiet tagħhom, filwaqt li jqisu kwalunkwe effett potenzjalment proċikliku ta' tali revizzjonijiet. Meta jsejħu l-marġnijiet u jiġbruhom fuq bażi tal-istess ġurnata, jenħtieġ li s-CCPs jikkunsidraw ulterjorment l-impatt potenzjali tal-ġbir tal-marġni u tal-pagamenti fl-istess ġurnata fuq il-pożizzjonijiet tal-likwidità tal-parteċipanti tagħhom.

- (54) Sabiex jiġi żgurat li r-riskju tal-likwidità jiġi definit b' mod akkurat, l-entitajiet li l-inadempjenza tagħhom jenħtieġ li titqies minn CCP meta tiddetermina tali riskju jenħtieġ li jiġu estiżi sabiex ikopru mhux biss ir-riskju tal-likwidità ġenerat mill-inadempjenza tal-membri tal-ikklerjar, iżda wkoll tal-fornituri ta' likwidità, esklużi l-banek ċentrali.
- (55) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ikklerjar mill-entitajiet mhux finanzjarji li ma għandhomx ammonti suffiċjenti ta' assi likwidi ħafna, b' mod partikolari, il-kumpaniji tal-enerġija, f'kundizzjonijiet li għandhom jiġu speċifikati mill-ESMA, u sabiex jiġi żgurat li CCP tqis dawk il-kundizzjonijiet meta tikkalkula l-iskopertura kumplessiva tagħha għal bank li huwa wkoll membru tal-ikklerjar, jenħtieġ li l-garanziji ta' banek pubbliċi u l-garanziji ta' banek kummerċjali jitqiesu bħala kollateral eliġibbli. Meta tispeċifika dawn il-kundizzjonijiet li fihom il-garanziji jistgħu jiġu aċċettati bħala kollateral, jenħtieġ li l-ESMA tippermetti lis-CCP tiddeċiedi l-livell ta' kollateralizzazzjoni ta' dawk il-garanziji abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tagħha, inkluża l-possibbiltà li dawk il-garanzijima jiġux kollateralizzati, soġġett għal limiti ta' konċentrazzjoni xierqa, rekwiżiti marbuta mal-kwalità tal-kreditu u rekwiżiti strinġenti marbuta mar-riskju ta' korrelazzjoni negattiva. Barra minn hekk, minħabba l-profil tar-riskju ta' kreditu baxx tagħhom, jenħtieġ li jiġi speċifikat li l-garanziji pubbliċi huma eliġibbli wkoll bħala kollateral. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li CCP, meta tirrevedi l-livell tat-telf impost li hija tapplika għall-assi li taċċetta bħala kollateral, tqis kwalunkwe effett proċikliku potenzjali ta' tali reviżjonijiet.

- (56) Bil-għan li jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-pożizzjonijiet ta' klijent fl-eventwalità ta' membri tal-ikklerjar inadempjenti, jenħteġ li l-membri tal-ikklerjar li jirċievi tali pożizzjonijiet jingħata ż-żmien biex jikkonforma ma' ċerti rekwiżiti li jakkumpanjaw lill-provvista ta' servizzi tal-ikklerjar tal-klijenti. B'mod partikolari, u fid-dawl tal-fatt li t-trasferiment tal-pożizzjonijiet tal-klijent isir f'ċirkostanzi straordinarji u fuq perjodu qasir, il-membri tal-ikklerjar li jirċievi jenħteġ li jingħata temp ta' tliet xhur biex iwettaq u jlesti l-proċeduri ta' diliġenza dovuta tiegħu ħalli jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-ħasil tal-flus skont il-liġi tal-Unjoni. Barra minn hekk, u f'każ li jkun applikabbli, il-membri tal-ikklerjar jenħteġ li jikkonforma mar-rekwiżiti kapitali għall-iskoperturi tal-membri tal-ikklerjar fil-konfront ta' klijenti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fi żmien perjodu miftiehem mal-awtorità kompetenti li ma jaqbiżx it-tliet xhur. Dak il-perjodu miftiehem jenħteġ li jibda fid-data tat-trasferiment tal-pożizzjonijiet tal-klijent mill-membri tal-ikklerjar inadempjenti għall-membri tal-ikklerjar li jirċievi.

(57) Fir-rigward tal-validazzjoni tal-bidliet fil-mudelli u fil-parametri tas-CCPs, jenħtiegħ li jiddaħħlu emendi biex jissimplifikaw il-proċess sabiex tiġi ffaċilitata l-kapaċità tas-CCPs li jirrispondu minnufih għall-iżviluppi tas-suq li jistgħu jeħtieġu emendi għall-mudelli tar-riskju tagħhom, jenħtiegħ li l-proċess tal-validazzjoni tal-bidliet f'tali mudelli u parametrijiġi ssimplifikat. Biex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja, jenħtiegħ li r-Regolament (UE) Nru 648/2012 jispeċifika l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu kkunsidrati fil-valutazzjoni ta' jekk bidla partikolari hijiex sinifikanti u l-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib ma-SEBĊ, hija mitluba tkompli tipperfezzjona tali kundizzjonijiet billi tiddefinixxi l-limiti kwantitattivi u l-elementi speċifiċi li għandhom ikunu kkunsidrati. Jenħtiegħ, b'mod partikolari, li l-ESMA tispeċifika l-kriterji għall-bidliet li jenħtiegħ li jitqiesu sinifikanti, inklużi liema elementi strutturali tal-mudelli tar-riskju jenħtiegħ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-bidliet li huma kkunsidrati sinifikanti. Dawk l-elementi strutturali tal-mudelli tar-riskju jenħtiegħ li jinkludu, pereżempju, l-istrumenti ta' antiproċikličità implimentati mis-CCPs. Jenħtiegħ li l-bidliet sinifikanti kollha jkunu soġġetti għal validazzjoni sħiħa qabel ma jiġu adottati. Jekk CCP tapplika u tuża mudel ivvalidat preċedentement jew tapplika biss bidliet minuri fih, pereżempju l-aġġustament tal-parametri fi ħdan firxa approvata li hija parti tal-mudell ivvalidat minħabba fatturi esterni bħal bidliet fil-prezzijiet fis-suq, jenħtiegħ li ma tiġix ikkunsidrata bidla lill-mudell u għaldaqstant ma jkunx hemm bżonn li tiġi vvalidata.

- (58) Jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu approvati malajr il-bidliet mhux sinifikanti lill-mudelli u lill-parametri li ma jżidux ir-riskji għal CCP tal-Unjoni. Għaldaqstant, bi qbil mal-objettiv li jkun hemm CCPs tal-Unjoni sikuri u reżiljenti filwaqt li tinbena ekosistema tal-ikklerjar tal-Unjoni li tkun moderna u kompetittiva, kapaċi tattira n-negozju, jenħtieġ li tiddaħħal proċedura aċċelerata għall-bidliet mhux sinifikanti lill-mudelli u lill-parametri bil-għan li jiġu limitati l-isfidi u l-inċertezza li attwalment jeżistu fil-proċedura ta' validazzjoni ta' tali bidliet fil-qasam tas-superviżjoni. Meta bidla ma tkunx sinifikanti, jenħtieġ li tapplika proċedura ta' validazzjoni aċċelerata. Tali proċedura għandha l-ħsieb li tiffaċilita l-kapaċità tas-CCPs li jirrispondu fil-pront għall-iżviluppi tas-suq li jafu jirrikjedu emendi għall-mudelli u għall-parametri tar-riskju tagħhom. Għalhekk, il-proċedura għall-validazzjoni ta' tali bidliet lill-mudell u lill-parametri tar-riskju jenħtieġ li tkun simplifikata.
- (59) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiġi rieżaminat mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju, bil-għan li jippermetti biżżejjed żmien sabiex jiġu applikati l-bidliet introdotti minn dan ir-Regolament emendatorju. Filwaqt li jenħtieġ li jitwettaq rieżami tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fl-intier tiegħu, jenħtieġ li dak ir-rieżami jiffoka fuq l-effettività u l-effiċjenza ta' dak ir-Regolament fl-ilħuq tal-għanijiet tiegħu, fit-titjib tal-effiċjenza u tas-sikurezza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni u fil-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Jenħtieġ li r-rieżami jikkunsidra wkoll l-attrazzjoni tas-CCPs tal-Unjoni, l-impatt ta' dan ir-Regolament emendatorju fuq l-inkoraġġiment tal-ikklerjar fl-Unjoni, u l-punt sa fejn il-valutazzjoni u l-ġestjoni mtejba tar-riskji transfruntiera kienu ta' benefiċċju għall-Unjoni.

(60) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>18</sup> u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 u sabiex jiġu ppreservati l-integrità u l-istabbiltà tas-suq intern, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit fir-Regolament (UE) 2017/1131 sett uniformi ta' regoli sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tal-kontroparti fi tranżazzjonijiet ta' derivattivi finanzjarji mwettqa minn fondi tas-suq monetarju, meta t-tranżazzjonijiet ikunu ġew ikklerjati minn CCP awtorizzata jew rikonoxxuta. Billi l-arranġamenti tal-ikklerjar ċentrali jtaffu r-riskju tal-kontroparti li huwa inerenti f'kuntratti ta' derivattivi finanzjarji, huwa meħtieġ li jitqies jekk derivattiv ikunx ġie kklerjat ċentralment minn CCP awtorizzata jew rikonoxxuta meta jiġu ddeterminati l-limiti applikabbli tar-riskju tal-kontroparti. Huwa meħtieġ ukoll, għal finijiet regolatorji u ta' armonizzazzjoni, li jitneħħew il-limiti tar-riskju tal-kontroparti biss meta l-kontropartijiet jużaw CCPs awtorizzati jew rikonoxxuti sabiex jipprovdu servizzi tal-ikklerjar lill-membri tal-ikklerjar u lill-klijenti tagħhom.

---

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8).

(61) Bil-għan li tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti tar-regoli introdotti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu żviluppati standards tekniċi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ESMA li jispeċifikaw ulterjorment l-aspetti li ġejjin: il-valur tal-limiti tal-ikklerjar applikabbli għal pożizzjonijiet aggregati; l-elementi u r-rekwiżiti ta' eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar u għal fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar; il-kriterji operattivi u ta' rappreżentattività għar-rekwiżit tal-kont attiv; id-dettalji tar-rapportar rilevanti; it-tip ta' tariffi u kostijiet oħra li jenħtieġ li jkunu żvelati lill-klijenti meta jiġu furnuti servizzi tal-ikklerjar; il-kontenut tal-informazzjoni li tiġi rrapportata u l-livell tad-dettall ta' dik l-informazzjoni għas-CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 648/2012; id-dettalji u l-kontenut tal-informazzjoni li tingħata mis-CCPs stabbiliti fl-Unjoni; l-ambitu u d-dettalji tar-rapportar mill-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u mill-klijenti lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar l-attività tal-ikklerjar tagħhom f'CCPs ta' pajjiżi terzi u filwaqt li jipprovdu l-mekkaniżmi li jagħtu bidu għal rieżami tal-valuri tal-limiti tal-ikklerjar wara fluttwazzjonijiet sinifikanti tal-prezzijiet fil-klassi sottostanti ta' derivattivi OTC sabiex jirrieżaminaw ukoll l-ambitu tal-eżenzjoni mill-hedging u l-limiti sabiex japplika l-obbligu tal-ikklerjar; żbalji evidenti sistematiċi tar-rapportar; id-dokumenti u l-informazzjoni li s-CCPs huma meħtieġa jippreżenataw meta japplikaw għal awtorizzazzjoni jew għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni; it-tip ta' estensjoni li ma jkunx ikollu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju ta' CCP u l-frekwenza tan-notifiki għall-użu tal-eżenzjoni; il-kundizzjonijiet biex jiddeterminaw jekk il-proċedura aċċelerata għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tapplikax u l-proċedura biex jintalab il-kontribut tal-ESMA u tal-kulleġġ; l-elementi li jridu jiġu kkunsidrati meta jiġu stabbiliti l-kriterji ta' ammissjoni għal CCP u meta tiġi vvalutata l-kapaċità tal-kontropartijiet mhux finanzjarji li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti; ir-rekwiżiti ta' trasparenza; ir-rekwiżiti ta' kollateral; l-aspetti marbuta mal-validazzjoni tal-mudelli; u r-rekwiżiti għas-CCPs li jiġġestixxu b'mod adegwat ir-riskji li jqumu mill-arranġamenti tal-interoperabbiltà. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-istandards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

- (62) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata wkoll is-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppata mill-ESMA fir-rigward tal-format tar-rapportar mill-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u mill-klijenti lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar l-attività tal-ikklerjar tagħhom f'CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-istandards u l-formati tad-*data* għar-rapportar tal-informazzjoni tas-CCPs tal-Unjoni lill-ESMA, il-format tad-dokumenti meħtieġa għall-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni u għall-validazzjoni tal-bidliet fil-mudelli u fil-parametri. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.
- (63) Sabiex jiġu żgurati l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>19</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---

<sup>19</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (64) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiżdiedu s-sikurezza u l-effiċjenza tas-CCPs tal-Unjoni billi tittejjeb l-attrazzjoni tagħhom, jiġi mħeġġeġ l-ikklerjar fl-Unjoni u tissaħħaħ il-kunsiderazzjoni transfruntiera tar-riskji, ma jistgħux jinkisbu b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (65) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*  
*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 648/2012*

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3 huwa mħassar;
- (2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 3*

*Tranżazzjonijiet intragrupp*

1. Fir-rigward ta' kontroparti mhux finanzjarja, tranżazzjoni intragrupp għandha tkun kuntratt tad-derivati OTC konkluż ma' kontroparti oħra li hija parti mill-istess grupp, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) iż-żewġ kontropartijiet ikunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa u jkunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati xierqa ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskji; u
  - (b) il-kontroparti l-oħra tkun stabbilita fl-Unjoni jew, jekk tkun stabbilita f'pajjiż terz, dak il-pajjiż terz ma jkunx identifikat fl-ambitu tal-paragrafu 4 jew fl-ambitu tal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 5.

2. B'rabta ma' kontroparti finanzjarja, tranżazzjoni intragrupp għandha tkun kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
- (a) kuntratt tad-derivati OTC konkluż ma' kontroparti oħra li hija parti mill-istess grupp, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
    - (i) il-kontroparti finanzjarja tkun stabbilita fl-Unjoni jew, jekk tkun stabbilita f'pajjiż terz, dak il-pajjiż terz ma jkunx identifikat fl-ambitu tal-paragrafu 4 jew fl-ambitu tal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 5;
    - (ii) il-kontroparti l-oħra tkun kontraparti finanzjarja, kumpanija holding finanzjarja, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi anċillari soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali xierqa;
    - (iii) iż-żewġ kontropartijiet ikunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa; u
    - (iv) iż-żewġ kontropartijiet ikunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati xierqa ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskji;

- (b) kuntratt tad-derivati OTC konkluż ma' kontroparti oħra fejn iż-żewġ kontropartijiet ikunu parti mill-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali, imsemmija fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a)(ii) ta' dan il-paragrafu;
- (c) kuntratt tad-derivati OTC konkluż bejn istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati mal-istess korp ċentrali jew bejn tali istituzzjoni ta' kreditu u l-korp ċentrali, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (d) kuntratt tad-derivati OTC konkluż ma' kontroparti mhux finanzjarja li hija parti mill-istess grupp, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (i) iż-żewġ kontropartijiet għall-kuntratt tad-derivati jkunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa u jkunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati xierqa ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskji; u
  - (ii) il-kontroparti mhux finanzjarja tkun stabbilita fl-Unjoni jew, jekk tkun stabbilita f'pajjiż terz, dak il-pajjiż terz ma jkunx identifikat fl-ambitu tal-paragrafu 4 jew fl-ambitu tal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 5.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-kontropartijiet għandhom jitqiesu li huma inklużi fl-istess konsolidazzjoni meta ż-żewġ kontropartijiet ikunu kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
- (a) inklużi f'konsolidazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\* jew mal-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS) adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew, b'rabta ma' grupp li l-impriża prinċipali tiegħu jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz, f'konformità mal-prinċipji ta' kontabilità ġeneralment aċċettati ta' pajjiż terz iddeterminati bħala ekwivalenti għall-IFRS f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007\*\*, jew mal-istandards tal-kontabilità ta' pajjiż terz li l-użu tagħhom ikun permess f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament; jew
  - (b) koperti mill-istess superviżjoni konsolidata f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE jew, b'rabta ma' grupp li l-impriża prinċipali tiegħu jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz, l-istess superviżjoni konsolidata mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ivverifikata bħala ekwivalenti għal dik regolata mill-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 127 ta' dik id-Direttiva.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-tranżazzjonijiet ma' kontropartijiet stabbiliti fi kwalunkwe pajjiż terz li ġejjin ma għandhomx jibbenefikaw minn xi waħda mill-eżenzjonijiet għal tranżazzjonijiet intragrupp:
  - (a) meta l-pajjiż terz ikun pajjiż terz b'riskju għoli, kif imsemmi fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*;
  - (b) meta l-pajjiż terz ikun elenkat fl-Anness I għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa fl-aħħar verżjoni aġġornata tagħha.
  
5. Fejn xieraq minħabba kwistjonijiet identifikati fl-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz u meta daww il-kwisjonijiet jirriżultaw f'żieda tar-riskji, inklużi r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u r-riskju legali, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 82 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika l-pajjiżi terzi li l-entitajiet tagħhom mhumiex permessi li jibbenefikaw mill-ebda eżenzjoni għal tranżazzjonijiet intragrupp minkejja li daww il-pajjiżi terzi ma jkunux pajjiżi terzi kif imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

- 
- \* Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).
- \*\* Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007 tad-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabilità applikati mill-emittenti tal-pajjiż terz ta' titoli skond id-Direttiva 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 340 22.12.2007, p. 66).
- \*\*\* Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj>).”;

(3) Fl-Artikolu 4(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-obbligu li jiġu kklerjati l-kuntratti tad-derivati OTC kollha ma għandux japplika għal kuntratti konklużi fis-sitwazzjonijiet kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(iv), bejn, fuq naħa waħda, kontroparti finanzjarja li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4a(1), jew kontroparti mhux finanzjarja li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1) u, min-naħa l-oħra, arranġament ta' skema tal-pensjoni stabbilit f'pajjiż terz u li jopera fuq bażi nazzjonali, dment li jkun awtorizzat, taħt superviżjoni u rikonoxxut skont il-liġi nazzjonali, u meta l-iskop primarju tiegħu jkun li jipprovdi benefiċċji tal-irtirar u jkun eżenti mill-obbligu tal-ikklerjar skont dik il-liġi nazzjonali.”;

(4) L-Artikolu 4a huwa sostitwit b'dan li ġejj:

*“Artikolu 4a*

*Kontropartijiet finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar*

1. Kull 12-il xahar, kontroparti finanzjarja li tiegħu pożizzjonijiet fil-kuntratti tad-derivati OTC tista' tikkalkola l-pożizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) il-pożizzjonijiet mhux ikklerjati tagħha skont il-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu;
  - (b) il-pożizzjoni aggregata medja tagħha fi tmiem ix-xahar fil-kuntratti tad-derivati OTC ikklerjati u mhux ikklerjati għat-12-il xahar preċedenti (“pożizzjonijiet aggregati”) skont il-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu.

Meta kontroparti finanzjarja:

- (a) ma tikkalkolax il-pożizzjonijiet mhux ikklerjati tagħha, jew meta r-risultat tal-kalkolu ta' dawk il-pożizzjonijiet mhux ikklerjati skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-paragrafu jaqbeż kwalunkwe limitu tal-ikklerjar speċifikat skont l-Artikolu 10(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b); jew

- (b) ma tikkalkolax il-pożizzjonijiet aggregati tagħha, jew meta r-riżultat tal-kalkolu ta' dawk il-pożizzjonijiet aggregati jaqbeż kwalunkwe limitu tal-ikklerjar speċifikat skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;

dik il-kontroparti finanzjarja għandha:

- (i) tinnotifika minnufih lill-AETS u lill-awtorità kompetenti rilevanti tagħha;
- (ii) tistabbilixxi arranġamenti tal-ikklerjar fi żmien erba' xhur min-notifika msemmija fil-punt (i) ta' dan is-subparagrafu; u
- (iii) issir soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4 għall-kuntratti tad-derivati OTC kollha li jappartjenu għal kwalunkwe klassi ta' derivati OTC li tkun soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar konkluż jew innovat aktar minn erba' xhur wara n-notifika msemmija fil-punt (i) ta' dan is-subparagrafu.

Il-kontroparti finanzjarja tista' tiddelega l-kompitu li tinnotifika lill-AETS skont it-tieni subparagrafu, il-punt (i), lil kwalunkwe entità oħra fil-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti finanzjarja. Il-kontroparti finanzjarja tibqa' legalment responsabbli li tiżgura li tali notifika tkun saret lill-AETS.

2. Kontroparti finanzjarja li tkun soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4 jew li ssir soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar skont il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, għandha tibqa' soġġetta għal dak l-obbligu tal-ikklerjar u għandha tkompli tagħmel ikklerjar sakemm dik il-kontroparti finanzjarja turi lill-awtorità kompetenti rilevanti li l-pożizzjonijiet aggregati tagħha jew il-pożizzjonijiet mhux ikklerjati tagħha ma jaqbżux il-limiti tal-ikklerjar speċifikati fl-ambitu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew tal-Artikolu 10(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b).

Il-kontroparti finanzjarja għandha tkun tista' turi lill-awtorità kompetenti rilevanti li l-kalkolu tal-pożizzjonijiet aggregati jew tal-pożizzjonijiet mhux ikklerjati, skont il-każ, ma jirriżultawx f' sottovalutazzjoni sistematika ta' dawk il-pożizzjonijiet aggregati jew pożizzjonijiet mhux ikklerjati.

3. Meta tikkalkola l-pożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, il-kontroparti finanzjarja għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivati OTC kollha li ma kinux ġew ikklerjati permezz ta' CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25, konklużi minn dik il-kontroparti finanzjarja jew konklużi minn entitajiet oħrajn fil-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti.

Meta tikkalkola l-pożizzjonijiet aggregati, il-kontroparti finanzjarja għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivati OTC kollha konklużi minn dik il-kontroparti finanzjarja jew konklużi minn entitajiet oħra fil-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti finanzjarja.

Minkejja l-ewwel u t-tieni subparagrafi, fir-rigward ta' UCITS u AIFs, il-pożizzjonijiet mhux ikklerjati u l-pożizzjonijiet aggregati għandhom jiġu kkalkolati fil-livell tal-fond.

Il-kumpaniji ta' ġestjoni ta' UCITS li jiġġestixxu aktar minn UCITS waħda u l-AIFMs li jiġġestixxu aktar minn AIF wieħed għandhom ikunu jistgħu juru lill-awtorità kompetenti rilevanti li l-kalkolu tal-pożizzjonijiet fil-livell tal-fond ma jwassalx għal:

- (a) sottovalutazzjoni sistematika tal-pożizzjonijiet ta' kwalunkwe wieħed mill-fondi li jiġġestixxu jew il-pożizzjonijiet tal-manijer; jew
- (b) ċirkomvenzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar.

L-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-kontroparti finanzjarja u tal-entitajiet l-oħrajn fil-grupp għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' kooperazzjoni sabiex jiżguraw il-kalkolu effettiv tal-pożizzjonijiet fil-livell tal-grupp.

4. L-AETS, wara li tkun ikkonsultat lill-BERS u lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra, għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-valur tal-limiti tal-ikklerjar applikabbli għall-pożizzjonijiet aggregati, meta jkun meħtieġ biex tiġi żgurata l-kopertura prudenti tal-kontropartijiet finanzjarji skont l-obbligu tal-ikklerjar.

Meta l-AETS, f'konformità mal-Artikolu 10(4a), tirrieżamina l-limiti tal-ikklerjar speċifikati skont l-Artikolu 10(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), l-AETS għandha tirrieżamina wkoll il-limiti tal-ikklerjar speċifikati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-AETS għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 10, “pożizzjoni mhux ikklerjata” tfisser il-pożizzjoni medja aggregata fi tmiem ix-xahar għat-12-il xahar preċedenti fil-kuntratti tad-derivati OTC li ma jkunux ikklerjati minn CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25.”;

(5) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

*“Artikolu 4b*

*Servizzi ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ wara n-negożjar*

1. Mingħajr preġudizzju għat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju fl-ambitu tal-Artikolu 11, l-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4(1) ma għandux japplika għal kuntratt tad-derivati OTC inizjat u konkluż bħala riżultat ta’ eżerċizzju eliġibbli ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ wara n-negożjar (“tranżazzjoni ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ wara n-negożjar”) li jsir skont il-paragrafi 2 sa 4 ta’ dan l-Artikolu.
2. Tranżazzjoni ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ wara n-negożjar għandha biss tkun eżenti mill-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4(1) meta:
  - (a) l-entità li twettaq l-eżerċizzju ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ wara n-negożjar (“fornitur tas-servizzi ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ wara n-negożjar”) tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti skont il-paragrafi 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu; u
  - (b) kull parteċipant fl-eżerċizzju ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ wara n-negożjar ikun konformi mar-rekwiżiti skont il-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu.
3. Eżerċizzju ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ wara n-negożjar għandu:
  - (a) jitwettaq minn entità awtorizzata skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE li tkun indipendenti tal-kontropartijiet għall-kuntratti tad-derivati OTC inklużi fl-eżerċizzju ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ wara n-negożjar;

- (b) jikseb tnaqqis fir-riskju f'kull wieħed mill-portafolji sottoposti għall-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar;
  - (c) jiġi aċċettat bis-sħiħ u, b'riżultat ta' dan, il-parteċipanti fl-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar ma għandhomx ikunu jistgħu jagħżlu liema tranżazzjonijiet għandhom jiġu eżegwiti fl-ambitu tal-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar;
  - (d) ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni biss tal-entitajiet li inizjalment jissottoponu portafoll għall-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar;
  - (e) ikun newtrali għar-riskju tas-suq;
  - (f) ma jikkontribwix għall-formazzjoni tal-prezzijiet;
  - (g) jieħu l-forma eżerċizzju ta' kompressjoni, ta' riekwilibriju jew ta' ottimizzazzjoni jew kombinazzjoni tagħhom;
  - (h) jiġi eżegwit fuq bażi bilaterali jew multilaterali.
4. Fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar għandu:
- (a) ikun konformi mar-regoli miftiehma minn qabel tal-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar, inklużi l-metodi u l-algoritmi f'ċikli preprogrammati u jaġixxi b'mod raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorju;
  - (b) jiżgura li l-entitajiet li jipparteċipaw f'eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar ma jkollhom l-ebda influwenza fuq ir-riżultat tal-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar;

- (c) iwettaq eżerċizzji ta' kompressjoni regolari meta l-eżerċizzji ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar jirriżultaw fi tranżazzjonijiet ġodda ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar;
- (d) iżomm reġistri kompluti u akkurati tat-tranżazzjonijiet kollha eżegwiti skont l-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, inklużi:
  - (i) l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet li jkunu saru bħala parti mill-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar;
  - (ii) it-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar bħala tranżazzjonijiet modifikati jew bħala tranżazzjonijiet ġodda; u
  - (iii) il-bidla kumplessiva fir-riskju tal-portafolji differenti inklużi fl-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar;
- (e) jagħmel disponibbli, fuq talba u mingħajr dewmien bla bżonn, ir-reġistri msemmija fil-punt (d) għall-awtorità kompetenti rilevanti u għall-AETS; u
- (f) jimmonitorja t-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar biex jiżgura, sa fejn ikun possibbli, li l-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ma jirriżulta fl-ebda użu ħażin jew ċirkonvenzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar.

5. L-awtorità kompetenti li tawtorizza fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE għandha, qabel ma tranżazzjoni ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar li tirriżulta minn eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar imwettaq minn dak il-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar tkun tista' tiġi eżentata mill-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-paragrafu 1, tagħmel dan li ġej mingħajr dewmien bla bżonn:

- (a) tinnotifika l-isem tal-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar lill-AETS; u
- (b) tikkondividi mal-AETS il-valutazzjoni tagħha tal-mod kif ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 3 u 4 ġew rispettati mill-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar.

L-awtorità kompetenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha, mill-anqas fuq bażi annwali, tikkonferma lill-AETS li l-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar għadu jirrispetta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 3 u 4 jew li dak il-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ma għadux iforni servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, skont il-każ.

L-AETS għandha tittrażmetti l-informazzjoni li tirċievi skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu lill-awtoritajiet ta' kull Stat Membru b'setgħat superviżorji b'rabta mal-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4(1).

L-awtorità kompetenti msemija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tinnotifika lill-AETS meta l-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ma għadux jirrispetta r-rekwiżiti msemija fil-paragrafi 3 u 4. Meta tirċievi tali notifika, l-AETS għandha tneħħi lill-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar mil-lista msemija fil-ħames subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Mid-data li fiha l-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ikun tneħħa minn dik il-lista, it-tranżazzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar li jirriżultaw minn eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ma għandhomx jibqgħu jkunu eżenti mill-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-paragrafu 1.

L-AETS għandha, fuq bażi annwali, tippubblika lista ta' fornituri tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar innotifikati lill-AETS skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (a).

6. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tkompli tispeċifika l-elementi u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 u l-kundizzjonijiet jew il-karatteristiċi l-oħra li ġejjin tal-eżerċizzji ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar:
  - (a) x'tikkostitwixxi newtralità għar-riskju tas-suq f'eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar;
  - (b) it-tnaqqis tar-riskju meħtieġ fil-portofolji sottoposti;
  - (c) l-inklużjoni possibbli ta' portofolji mħallta li jkun fihom tranżazzjonijiet kemm ikklerjati kif ukoll mhux ikklerjati fl-istess eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar u l-kundizzjonijiet li fihom tali inklużjoni tkun permessa;
  - (d) ir-rekwiżiti rigward il-ġestjoni tal-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar;

- (e) ir-rekwiżiti għat-tipi differenti ta' servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar;
- (f) il-proċess għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni mogħtija; u
- (g) il-kriterji li għandhom jiġu applikati meta tiġi vvalutata l-eżistenza ta' ċirkomvenzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(6) fl-Artikolu 6(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(g) il-proporzjon, sa tmiem is-sena kalendarja, ta' kuntratti tad-derivati kklerjati f'CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14 meta mqabbel ma' kuntratti tad-derivati kklerjati f'CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 25, ippreżentati fuq bażi aggregata u għal kull klassi ta' assi.”;

(7) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

“*Artikolu 7a*

*Kont attiv*

1. Il-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar f’konformità mal-Artikoli 4a u 10 fi ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju], jew li jsiru soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar minn hemm ’il quddiem, u li jaqbżu l-limitu tal-ikklerjar fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu, f’kategorija individwali elenkata f’ dak il-paragrafu jew fuq bażi aggregata fil-kategoriji kollha elenkati f’ dak il-paragrafu, għandu jkollhom, għal dawk il-kategoriji tal-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu, mill-anqas kont attiv wieħed f’ CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14, meta s-servizzi tal-ikklerjar għad-derivati kkonċernati jkunu pprovduti minn dik is-CCP, u meta jikklerjaw mill-anqas għadd rappreżentattiv ta’ tranżazzjonijiet f’ dak il-kont attiv

Meta kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja ssir soġġetta għall-obbligu li żżomm kont attiv skont l-ewwel subparagrafu, dik il-kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja għandha tinnotifika lill-AETS u lill-awtorità kompetenti rilevanti tagħha b’dan u għandha tistabbilixxi tali kont attiv fi żmien sitt xhur minn meta ssir soġġetta għal dak l-obbligu.

2. Fid-determinazzjoni tal-obbligi tagħha fir-rigward tal-paragrafu 1, kontroparti li tappartjeni għal grupp soġġett għal superviżjoni kkonsolidata fl-Unjoni għandha tikkunsidra l-kuntratti tad-derivati kollha msemmija fil-paragrafu 6 li huma kklerjati minn dik il-kontroparti jew minn entitajiet oħra fil-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti bl-eċċezzjoni tat-tranżazzjonijiet intragrupp.
3. Il-kontropartijiet li jsiru soġġetti għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, għandhom jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:
  - (a) il-kont ikun funzjonali b'mod permanenti, inkluż b'dokumentazzjoni legali, konnettività tal-IT u proċessi interni assoċjati mal-kont li jkun fis-seħħ;
  - (b) il-kontroparti jkollha sistemi u riżorsi disponibbli biex tkun tista' topera l-kont, anki fi żmien qasir, għal volumi kbar tal-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu f'kull mument u biex tkun tista' tirċievi, f'perjodu qasir ta' żmien, fluss kbir ta' tranżazzjonijiet minn pożizzjonijiet miżmuma f'servizz tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali skont l-Artikolu 25(2c);
  - (c) it-tranżazzjonijiet kollha tal-kontroparti rispettiva fil-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6 jistgħu jiġu kklerjati fil-kont f'kull mument;

- (d) il-kontroparti tikklerja fil-kont attiv tranżazzjonijiet li huma rappreżentattivi tal-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu li huma kklerjati f'servizz tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali skont l-Artikolu 25(2c) matul il-perjodu ta' referenza.
4. L-obbligu ta' rappreżentanza msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (d), għandu jiġi vvalutat skont il-kriterji li ġejjin:
- (a) il-klassijiet differenti ta' kuntratti tad-derivati;
  - (b) il-maturità tat-tranżazzjonijiet;
  - (c) id-daqsijiet tat-tranżazzjonijiet.

L-obbligu ta' rappreżentanza msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (d), ma għandux japplika għal kontropartijiet b'volum tal-ikklerjar nozzjonali pendenti ta' inqas minn EUR 6 biljun fil-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6.

Il-valutazzjoni tal-obbligu ta' rappreżentanza msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (d), għandu jkun ibbażat fuq is-sottokategoriji. Għal kull klassi ta' kuntratti tad-derivati, l-għadd ta' sottokategoriji għandu jirriżulta mill-kombinazzjoni tad-daqsijiet ta' tranżazzjonijiet differenti u tal-firxiet ta' maturità differenti.

Ir-rekwiżiti msemija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), għandhom jiġu ssodisfati mill-kontroparti fi żmien sitt xhur minn meta ssir soġġetta għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u dik il-kontroparti għandha tirrapporta regolarment f'konformità mal-Artikolu 7b. Ir-rekwiżiti għandhom jiġu ttestjati għall-istress regolarment mill-inqas darba fis-sena.

Għall-obbligu ta' rappreżentanza msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (d), li għandu jiġi ssodisfat, il-kontropartijiet għandhom jikklerjaw, fuq bażi medja annwali, mill-inqas ħames tranżazzjonijiet f'kull waħda mill-aktar sottokategoriji rilevanti għal kull klassi ta' kuntratti tad-derivati u għal kull perjodu ta' referenza definit f'konformità mal-paragrafu 8, it-tielet subparagrafu. Meta l-għadd ta' tranżazzjonijiet li jirriżulta jaqbeż nofs it-tranżazzjonijiet totali ta' dik il-kontroparti għat-12-il xahar preċedenti, l-obbligu ta' rappreżentanza msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (d), għandu jitqies issodisfat meta dik il-kontroparti tikklerja mill-inqas tranżazzjoni waħda f'kull waħda mill-aktar sottokategoriji rilevanti għal kull klassi ta' kuntratti tad-derivati għal kull perjodu ta' referenza.

L-obbligu ta' rappreżentanza msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (d), m'għandux japplika għall-provvista ta' servizzi tal-ikklerjar tal-klijenti. Il-kalkolu tal-volum tal-ikklerjar nozzjonali pendenti ta' kontroparti msemija fil-paragrafu 8, ir-raba' subparagrafu, m'għandux jinkludi l-attivitajiet tal-ikklerjar tal-klijenti tagħha.

5. Il-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u li jikklerjaw mill-inqas 85 % tal-kuntratti tad-derivati tagħhom li jappartjenu għall-kategoriji msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 4, ir-raba' subparagrafu, ta' dan l-Artikolu u r-rekwiżit ta' rapportar addizzjonali msemmi fl-Artikolu 7b(2).
6. Il-kategoriji ta' kuntratti ta' derivati soġġetti għall-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
  - (a) derivati tar-rati tal-imgħax denominati f'euro jew fi zloty Pollakka;
  - (b) derivati tar-rati tal-imgħax ta' terminu qasir denominati f'euro.
7. Meta l-AETS twettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) u tikkonkludi li ċerti servizzi jew attivitajiet ipprovduti mill-kontropartijiet ċentrali tal-Grad 2 huma ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha jew li s-servizzi jew l-attivitajiet li qabel kienu identifikati mill-AETS bħala li huma ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha ma għadhomx ta' importanza sistemika sostanzjali, il-lista ta' kuntratti soġġetti għall-obbligu tal-kont attiv tista' tiġi emendata.

Sabiex tiġi emendata l-lista ta' kuntratti soġġetti għal obbligi ta' kont attiv, l-AETS, wara li tikkonsulta mal-BERS u bi qbil mal-banek ċentrali tal-ħruġ, għandha tippreżenta lill-Kummissjoni analiżi bir-reqqa u komprensiva tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, f'konformità mal-valutazzjoni teknika kwantitattiva speċifikata fl-Artikolu 25(2c), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), kif rilevanti, inklużi l-effetti fuq muniti oħra tal-Unjoni, u tivvaluta l-effetti possibbli tal-estensjoni tal-obbligi tal-kont attiv għat-tipi ġodda ta' kuntratti, u opinjoni b'rabta ma' din il-valutazzjoni. Il-ftehim tal-banek ċentrali tal-ħruġ għandu jirrelata biss mal-kuntratti denominati fil-munita li joħroġu.

Meta l-AETS twettaq il-valutazzjoni u toħroġ opinjoni li tikkonkludi li jenħtieġ li tiġi emendata l-lista ta' kuntratti, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 82 biex temenda l-lista ta' kuntratti tad-derivati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

8. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mal-ABE, mal-AEAPX u mal-BERS u wara li tikkonsulta mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar ir-rekwiżiti skont il-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, il-kundizzjonijiet tal-ittestjar tal-istress tagħhom u d-dettalji tar-rapportar f'konformità mal-Artikolu 7b. Fl-iżvilupp ta' daww il-istandards tekniċi regolatorji, l-AETS għandha tqis id-daqs tal-portafolli ta' kontropartijiet differenti skont it-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, sabiex il-kontropartijiet b'aktar tranżazzjonijiet fil-portafolli tagħhom ikunu soġġetti għal kundizzjonijiet operazzjonali u rekwiżiti ta' rapportar aktar stretti minn kontropartijiet b'inqas tranżazzjonijiet.

Fir-rigward tal-obbligu ta' rappreżentanza msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (d), l-AETS għandha tispeċifika l-klassijiet differenti ta' kuntratti tad-derivati, soġġetti għal limitu ta' tliet klassijiet, il-firxiet ta' maturità differenti, soġġetti għal limitu ta' erba' firxiet ta' maturità, u l-firxiet differenti tad-daqs tat-tranżazzjonijiet, soġġetti għal limitu ta' tliet firxiet ta' daqsijiet tat-tranżazzjonijiet, biex tiġi żgurata r-rappreżentattività tal-kuntratti tad-derivati li għandhom jiġu kklerjati permezz tal-kontijiet attivi.

L-AETS għandha tistabbilixxi l-għadd, li ma għandux ikun oġhla minn ħamsa, tal-aktar sottokategoriji rilevanti għal kull klassi ta' kuntratti tad-derivati li għandhom jiġu rappreżentati fil-kont attiv. Is-sottokategoriji l-aktar rilevanti għandhom ikunu dawk li fihom l-oġhla għadd ta' tranżazzjonijiet matul il-perjodu ta' referenza.

L-AETS għandha tistabbilixxi wkoll id-durata tal-perjodu ta' referenza, li ma għandux ikun inqas minn sitt xhur għal kontropartijiet b'volum tal-ikklerjar nozzjonali pendenti ta' inqas minn EUR 100 biljun fil-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6 u mhux inqas minn xahar għall-kontropartijiet b'volum tal-ikklerjar nozzjonali pendenti ta' aktar minn EUR 100 biljun fil-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw u jikkalkolaw fuq bażi ta' entità, ta' grupp u ta' medja aggregata l-livell tal-attività fil-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, u għandhom jibgħatu dik l-informazzjoni lill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ.

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu penali kriminali, meta jinstab li kontroparti finanzjarja jew mhux finanzjarja tkun qed tikser l-obbligi tagħha skont dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tagħha għandha, permezz ta' deċiżjoni, timponi penali amministrattivi jew pagamenti perjodiċi ta' penali, jew titlob lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jimponu penali jew pagamenti perjodiċi ta' penali, sabiex iġġiegħel lil dik il-kontroparti ttemm il-ksur tagħha.

Il-pagament perjodiku ta' penali msemmi fit-tieni subparagrafu għandu jkun effettiv u proporzjonat u ma jaqbiżx massimu ta' 3 % tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kummerċjali preċedenti. Dan għandu jiġi impost għal kull jum ta' inadempjenza, u jiġi kkalkolat mid-data stipulata fid-deċiżjoni li timponi l-pagament perjodiku ta' penali.

Il-pagament perjodiku ta' penali msemmi fit-tieni subparagrafu għandu jiġi impost għal perjodu massimu ta' sitt xhur wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti. Wara t-tmiem ta' dak il-perjodu, l-awtorità kompetenti għandha tirrieżamina l-miżura u testendiha jekk ikun meħtieġ.

10. Sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] l-AETS għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ u mal-BERS, u wara li tikkonsulta mal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, tivvaluta l-effettività ta' dan l-Artikolu fil-mitigazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja għall-Unjoni rrappreżentata mill-iskoperturi tal-kontropartijiet tal-Unjoni għal CCPs tal-Grad 2 li joffru servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali skont l-Artikolu 25(2c).

L-AETS għandha takkumpanja l-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu b'rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, li jinkludi valutazzjoni tal-impatt motivata bis-sħiħ dwar miżuri komplementari, inklużi limiti kwantitattivi.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-AETS għandha tippreżenta l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tagħha fi kwalunkwe ħin wara li tirċievi notifika formali mill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, li tindika l-materjalizzazzjoni probabbli tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja għall-Unjoni b'risultat ta' ċirkostanzi speċifiċi li jiskattaw avveniment b'implikazzjonijiet sistemiċi.

Fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi r-rapport tal-AETS msemmi fit-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tħejji r-rapport tagħha li jista' jkun akkumpanjat, meta jkun il-każ, minn proposta leġiżlattiva.

#### *Artikolu 7b*

##### *Monitoraġġ tal-obbligu tal-kont attiv*

1. Kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja li tkun soġġetta għall-obbligu msemmi fl-Artikolu 7a għandha tikkalkula l-attivitàjiet u l-iskoperturi għar-riskju tagħha fil-kategoriji ta' kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 6 ta' dak l-Artikolu, u tirrapporta kull sitt xhur lill-awtorità kompetenti tagħha l-informazzjoni meħtieġa biex tivvaluta l-konformità ma' dak l-obbligu. L-awtorità kompetenti għandha tittrasmetti dik l-informazzjoni lill-AETS mingħajr dewmien żejjed.

Il-kontropartijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jużaw l-informazzjoni rrapportata skont l-Artikolu 9 fejn rilevanti. Ir-rapportar għandu jinkludi wkoll dimostrazzjoni lill-awtorità kompetenti li d-dokumentazzjoni legali, il-konnettività tal-IT u l-proċessi interni assoċjati mal-kontijiet attivi huma fis-seħħ.

2. Il-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji soġġetti għall-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li jżommu, għall-kuntratti tad-derivati msemmija fl-Artikolu 7a(6), kontijiet f'CCP tal-Grad 2 flimkien ma' kontijiet attivi, għandhom jirrapportaw ukoll kull sitt xhur lill-awtorità kompetenti tagħhom informazzjoni dwar ir-riżorsi u s-sistemi li għandhom fis-seħħ biex jiżguraw li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 7a(3), il-punt (b). L-awtorità kompetenti għandha tittrasmetti dik l-informazzjoni lill-AETS mingħajr dewmien żejjed.
3. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu għandhom jiżguraw li l-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-obbligu msemmi fl-Artikolu 7a jieħdu l-passi xierqa biex jissodisfaw dak l-obbligu, inkluż billi jużaw is-setgħat superviżorji tagħhom skont il-leġiżlazzjoni settorjali tagħhom, fejn xieraq, jew jimponu penali kif imsemmi fl-Artikolu 12, fejn ikun meħtieġ. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu rapportar aktar frekwenti b'mod partikolari meta, abbażi tal-informazzjoni rrapportata, ma jkunux ittieħdu passi suffiċjenti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-kontijiet attivi.

#### *Artikolu 7c*

##### *Informazzjoni dwar il-provvista ta' servizzi tal-ikklerjar*

1. Il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar kemm f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 kif ukoll f'CCP rikonossuta skont l-Artikolu 25 għandhom jinfurmaw lill-klijenti tagħhom, meta l-offerta tkun disponibbli, dwar il-possibbiltà li jikklerjaw il-kuntratti tagħhom permezz ta' CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14.

2. Minkejja l-Artikolu 4(3a), il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar lill-klijenti għandhom jiżvelaw, b'mod ċar u li jinftiehem, għal kull CCP li fiha jipprovdu servizzi tal-ikklerjar, it-tariffi li għandhom jiġu imposti fuq tali klijenti għall-forniment ta' servizzi tal-ikklerjar u kwalunkwe tariffa oħra imposta inkluż tariffi imposti fuq klijenti li jgħaddu l-kostijiet, u kostijiet assoċjati oħrajn relatati mal-forniment ta' servizzi tal-ikklerjar.
3. Il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1:
  - (a) meta jistabilixxu relazzjoni tal-ikklerjar tal-klijenti ma' klijent; u
  - (b) mill-inqas fuq bażi trimestrali.
4. L-AETS għandha, wara li tkun ikkonsultat mal-ABE, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar it-tip ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 7d*

*Informazzjoni dwar l-attività tal-ikklerjar f'CCPs rikonoxxuti skont l-Artikolu 25*

1. Il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jikklerjaw il-kuntratti permezz ta' CCP rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 għandhom jirrapportaw tali attività tal-ikklerjar kif ġej:
  - (a) meta jkunu stabbiliti fl-Unjoni iżda ma jkunux parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata fl-Unjoni, huma għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom;
  - (b) meta jkunu parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata fl-Unjoni, l-impriża prinċipali fl-Unjoni ta' dak il-grupp għandha tirrapporta tali attività tal-ikklerjar fuq bażi konsolidata lill-awtorità kompetenti tagħha.

Ir-rapporti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkun fihom informazzjoni dwar l-ambitu tal-attività tal-ikklerjar fis-CCP rikonoxxuta fuq bażi annwali li tispeċifika:

- (a) it-tip ta' strumenti finanzjarji jew mhux finanzjarji kklerjati;
- (b) il-valuri medji kklerjati fuq perjodu ta' sena għal kull munita tal-Unjoni u għal kull klassi ta' assi;
- (c) l-ammont ta' marġnijiet miġbura;
- (d) il-kontribuzzjonijiet għal fond ta' inadempjenza; u

(e) l-akbar obligazzjoni ta' pagament.

L-awtorità kompetenti għandha tibgħat minnufih dik l-informazzjoni msemija fit-tieni subparagrafu lill-AETS u lill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ.

2. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mal-ABE, mal-AEAPX u mal-BERS u wara li tikkonsulta mal-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tqis il-kanali ta' rappurtar eżistenti u l-informazzjoni diġà disponibbli għall-AETS taħt il-qafas ta' rappurtar eżistenti, inkluż l-obbligu ta' rappurtar skont l-Artikolu 9.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti msemija fil-paragrafu 1, b'kont meħud tal-kanali ta' rappurtar eżistenti.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

#### *Artikolu 7e*

##### *Informazzjoni dwar is-CCPs tal-Unjoni*

1. Is-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14 għandhom jirrapportaw lill-AETS fuq bażi ta' kull xahar, permezz tal-bażi ta' *data* ċentrali stabbilita mill-AETS skont l-Artikolu 17c (il-“bażi tad-*data* ċentrali”), mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) il-valuri u l-volumi kklerjati għal kull munita u għal kull klassi ta' assi, inkluż il-valur tal-pożizzjonijiet miżmuma mill-parteciċipanti tal-ikklerjar;
  - (b) l-investimenti tas-CCP;
  - (c) il-kapital tas-CCP, inklużi r-riżorsi proprji ddedikati li jintużaw fil-kaskata ta' inadempjenza kif imsemmija fl-Artikolu 45(4) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 9(14) tar-Regolament (UE) 2021/23;

- (d) ir-rekwiżiti tal-marġini tal-membri tal-ikklerjar, il-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza, u r-riżorsi impenjati kuntrattwalment fil-ġestjoni tal-inadempjenza jew fil-pjanijiet ta' rkupru msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/23;
- (e) l-adegwatezza tal-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-marġni u tal-inadempjenza u tar-riżorsi tal-kaskata rigward l-Artikoli 41, 42 u 45;
- (f) ir-riżorsi likwidi disponibbli tas-CCP u r-risultati tal-ittestjar tal-istress tal-likwidità;
- (g) id-dettalji tal-membri tal-ikklerjar, il-klijenti li jkollhom kontijiet segregati individwalment, il-partijiet terzi li jipprovdu attivitajiet ewlenin marbuta mal-ġestjoni tar-riskju tas-CCP, il-fornituri materjali tal-likwidità konnessi mas-CCP, kif ukoll is-CCPs interoperabbli u konnessi.
- (h) kwalunkwe bidla li s-CCP tkun implimentat direttament f'konformità mal-Artikolu 15a.

Il-membri tal-kulleġġ tas-CCP imsemmija fl-Artikolu 18 għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni pprovduta f'konformità ma' dan l-Artikolu permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali.

2. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-ABE u mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar id-dettalji u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 1.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-istandards u l-formati tad-*data* għall-informazzjoni li trid tiġi żvelata f'konformità mal-paragrafu 1.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(8) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin wara l-ewwel subparagrafu:

“Il-kontropartijiet finanzjarji, il-kontropartijiet mhux finanzjarji u s-CCPs soġġetti għall-obbligu ta’ rappurtar għandhom jistabbilixxu proċeduri u arranġamenti xierqa biex jiżguraw il-kwalità tad-*data* li jirrapportaw f’konformità ma’ dan l-Artikolu.

Meta kontroparti mhux finanzjarja li tkun parti minn grupp tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, u tibbenefika mill-eżenzjoni stabbilita fil-ħames subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, l-impriża prinċipali fl-Unjoni ta’ dik il-kontroparti mhux finanzjarja għandha tirrapporta l-pożizzjonijiet aggregati netti skont il-klassi ta’ derivati ta’ dik il-kontroparti mhux finanzjarja lill-awtorità kompetenti tagħha fuq bażi ta’ kull ġimgħa. Għal kontroparti stabbilita fl-Unjoni, l-awtorità kompetenti tal-impriża prinċipali għandha tikkondividi l-informazzjoni mal-AETS u mal-awtorità kompetenti ta’ dik il-kontroparti.”;

(b) fil-paragrafu 1a, ir-raba’ subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) dik l-entità ta’ pajjiż terz tkun kwalifikata bħala kontroparti finanzjarja kieku kienet stabbilita fl-Unjoni; u”;

(ii) il-punt (b) huwa mħassar;

(c) il-paragrafu 1e huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1e. Il-kontropartijiet u s-CCPs li huma meħtieġa jirrapportaw id-dettalji tal-kuntratti tad-derivati għandhom jiżguraw li tali dettalji jiġu rapportati b'mod korrett u mingħajr duplikazzjoni, inkluż meta l-obbligu ta' rappurtar ikun ġie ddelegat f'konformità mal-paragrafu 1f.”;

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. Sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] l-AETS, f'kooperazzjoni mal-ABE u l-AEAPX, għandha tabbozza linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 biex tispeċifika aktar il-proċeduri u l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu.”;

(9) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Kull 12-il xahar, kontroparti mhux finanzjarja li tiegħu pożizzjonijiet f'kuntratti tad-derivati OTC tista' tikkalkula l-pożizzjonijiet mhux ikklerjati skont il-paragrafu 3.”;

(ii) fit-tieni subparagrafu, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Fejn kontroparti mhux finanzjarja ma tikkalkulax il-pożizzjonijiet mhux ikklerjati tagħha, jew fejn ir-riżultat tal-kalkolu ta' dawk il-pożizzjonijiet mhux ikklerjati fir-rigward ta' klassi waħda jew aktar ta' derivati OTC jaqbeż il-livelli limiti tal-ikklerjar speċifikati skont il-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), dik il-kontroparti mhux finanzjarja għandha.”;

(b) il-paragrafi 2 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“2. Kontroparti finanzjarja li tkun soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4 jew li ssir soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar skont il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, għandha tibqa' soġġetta għal dak l-obbligu u għandha tkompli twettaq ikklerjar sakemm dik il-kontroparti mhux finanzjarja turi lill-awtorità kompetenti rilevanti li l-pożizzjoni mhux ikklerjata tagħha ma taqbiżx il-limitu tal-ikklerjar speċifikat skont il-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu.

Il-kontroparti finanzjarja għandha tkun tista' turi lill-awtorità kompetenti rilevanti li l-kalkolu tal-pożizzjoni aggregata mhux ikklerjata ma jwassalx għal sottovalutazzjoni sistematika ta' dik il-pożizzjoni.

3. Meta tikkalkula l-pożizzjonijiet mhux ikklerjati msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kontroparti mhux finanzjarja għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivati OTC kollha li ma jgħux ikklerjati f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 konklużi mill-kontroparti mhux finanzjarja li ma jkunux jistgħu jitkejlu b'mod oġġettiv bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew mal-attività ta' finanzjament tat-teżor tal-kontroparti mhux finanzjarja jew tal-grupp li għalih tappartjeni l-kontroparti mhux finanzjarja.
4. L-AETS, wara li tkun ikkonsultat mal-BERS u ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn, għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:
  - (a) il-kriterji sabiex jiġi stabbilit liema kuntratti tad-derivati OTC jistgħu jitkejlu b'mod oġġettiv bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew mal-attività ta' finanzjament tat-teżor imsemija fil-paragrafu 3;
  - (b) il-valuri tal-limiti tal-ikklerjar għall-pożizzjonijiet mhux ikklerjati, li jiġu ddeterminati filwaqt li titqies il-metodoloġija stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4a(3), ir-rilevenza sistemika tas-somma tal-pożizzjonijiet u tal-iskoperturi netti għal kull kontroparti u għal kull klassi ta' derivati OTC; u

- (c) il-mekkaniżmi li jagħtu bidu għal rieżami tal-valuri tal-limiti tal-ikklerjar wara fluttwazzjonijiet sinifikanti tal-prezzijiet fil-klassi sottostanti tad-derivati OTC jew żieda sinifikanti tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4a. L-AETS, b'konsultazzjoni mal-BERS, għandha tirrieżamina l-limiti tal-ikklerjar imsemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4a(4), filwaqt li tqis, b'mod partikolari, l-interkonnnettività tal-kontropartijiet finanzjarji u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kopertura prudenti tal-kontropartijiet finanzjarji skont l-obbligu tal-ikklerjar. Dak ir-rieżami għandu jitwettaq mill-inqas kull sentejn, jew aktar kmieni fejn ikun neċessarju jew fejn meħtieġ skont il-mekkaniżmi stabbiliti skont il-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c). B'riżultat ta' dak ir-rieżami, l-AETS tista', fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont il-paragrafu 4, tipproponi bidliet għal-limiti speċifikati fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dak il-paragrafu. Meta tirrieżamina l-limiti tal-ikklerjar, l-AETS għandha tikkunsidra jekk il-klassijiet ta' derivati OTC, li għalihom ġie stabbilit limitu tal-ikklerjar, għadhomx il-klassijiet rilevanti ta' derivati OTC jew jekk jenħtieġx li jiġu introdotti klassijiet ġodda.

Dak ir-rieżami perjodiku għandu jkun akkumpanjat minn rapport mill-AETS dwar is-suġġett.

4b. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-kontroparti mhux finanzjarja u tal-entitajiet l-oħrajn fi ħdan il-grupp għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' kooperazzjoni sabiex jiżguraw il-kalkolu effettiv tal-pożizzjonijiet u jevalwaw u jivvalutaw il-livell ta' skopertura fil-kuntratti tad-derivati OTC fil-livell ta' grupp.

5. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità responsabbli sabiex tiżgura li l-obbligi tal-kontropartijiet mhux finanzjarji skont dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. Dik l-awtorità, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli għall-entitajiet l-oħrajn tal-grupp, għandha tirrapporta lill-AETS mill-anqas kull sentejn, u aktar ta' spiss meta tiġi identifikata sitwazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 24, dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tal-livell ta' skopertura fid-derivati OTC tal-kontropartijiet mhux finanzjarji li hija responsabbli għalihom. L-awtorità responsabbli għall-impriża prinċipali fl-Unjoni tal-grupp li għalih tappartjeni l-kontroparti mhux finanzjarja għandha tirrapporta lill-AETS, mill-inqas kull sentejn, dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tal-livell ta' skopertura f'derivati OTC tal-grupp.

Mill-anqas kull sentejn minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-kontropartijiet mhux finanzjarji tal-Unjoni fid-derivati OTC, li jidentifika l-oqsma fejn hemm nuqqas ta' konverġenza u koerenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.”;

(10) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Kontroparti mhux finanzjarja li ssir soġġetta għall-obbligi stipulati fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa sabiex tikkonforma ma’ dawk l-obbligi fi żmien erba’ xhur min-notifika msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a). Kontroparti mhux finanzjarja għandha tiġi eżentata minn dawk l-obbligi għal kuntratti konklużi matul l-erba’ xhur wara dik in-notifika.”;

(b) fil-paragrafu 3, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“Kontroparti mhux finanzjarja li ssir soġġetta għall-obbligi stipulati fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa sabiex tikkonforma ma’ dawk l-obbligi fi żmien erba’ xhur min-notifika msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a). Kontroparti mhux finanzjarja għandha tiġi eżentata minn dawk l-obbligi għal kuntratti konklużi matul l-erba’ xhur wara dik in-notifika.

Il-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10(1) għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom qabel ma jużaw, jew jadottaw bidla għal, mudell għall-kalkolu tal-marġni inizjali fir-rigward tal-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Meta japplikaw għal awtorizzazzjoni, dawk il-kontropartijiet għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, permezz tal-bażi ta' *data* ċentrali, l-informazzjoni rilevanti kollha dwar dawk il-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju. Dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu jew jirrifjutaw tali awtorizzazzjoni fi żmien sitt xhur minn meta jirċievu l-applikazzjoni għal mudell ġdid jew fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu l-applikazzjoni għal bidla f' mudell diġà awtorizzat.

Meta l-mudell imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu jkun ibbażat fuq mudell pro forma, il-kontroparti għandha tapplika lill-ABE għall-validazzjoni ta' dak il-mudell u għandha ttipprovdi lill-ABE l-informazzjoni rilevanti kollha msemmija f'dak is-subparagrafu permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali. Barra minn hekk, il-kontroparti għandha ttiprovdi lill-ABE l-informazzjoni dwar l-ammont nozzjonali pendent msemmi fil-paragrafu 12a ta' dan l-Artikolu permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali.

Meta l-mudell imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu jkun ibbażat fuq mudell pro forma, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-awtorizzazzjoni biss meta l-mudell pro forma jkun ġie vvalidat mill-ABE.

L-ABE, f'kooperazzjoni mal-AETS u mal-AEAPX, tista' toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet bil-għan li tiżgura l-applikazzjoni u l-proċess ta' awtorizzazzjoni uniformi tal-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskji msemija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. B'deroga mill-paragrafu 3, l-opzjonijiet single-stock u l-opzjonijiet tal-indiċi ta' ekwità mhux ikklerjati minn CCP m'għandhomx ikunu soġġetti għal proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju li jkunu jirrikjedu l-iskambju f'waqtu, preċiż u segregat b'mod xieraq tal-kollateral.

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-AETS, f'kooperazzjoni mal-ABE u l-AEAPX, għandha timmonitorja:

- (a) żviluppi regolatorji f'ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi fir-rigward tat-trattament ta' opzjonijiet ta' stokk uniku u opzjonijiet tal-indiċi tal-ekwità;
- (b) l-impatt tad-deroga kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha; u
- (c) l-iżvilupp ta' skoperturi f'opzjonijiet ta' stokk uniku u opzjonijiet tal-indiċi tal-ekwità mhux ikklerjati minn CCP.

Mill-inqas kull tliet snin minn... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS, f'kooperazzjoni mal-ABE u l-AEAPX, għandha tirrapporta lill-Kummissjoni s-sejbiet li jirriżultaw mill-monitoraġġ tagħha msemmi fit-tieni subparagrafu.

Fi żmien sena mid-data tal-wasla tar-rapport imsemmi fit-tielet subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk:

- (a) l-iżviluppi internazzjonali wasslu għal aktar konverġenza fit-trattament ta' opzjonijiet ta' stokk uniku u opzjonijiet tal-indiċi tal-ekwiżità; u
- (b) id-deroga stipulata fl-ewwel subparagrafu tipperikolax l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 82 biex temenda dan ir-Regolament billi tirrevoka d-deroga stabbilita fl-ewwel subparagrafu wara perjodu ta' adattament. Il-perjodu ta' adattament ma għandux jaqbeż is-sentejn.”;

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“12a. L-ABE għandha tistabbilixxi funzjoni ta’ validazzjoni ċentrali għall-elementi u l-aspetti ġenerali tal-mudelli pro forma, u l-bidliet fihom, użati jew li għandhom jintużaw mill-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10 għall-fini ta’ konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu. L-ABE għandha tiġbor feedback mill-AETS, l-AEAPX, u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-kontropartijiet bl-użu tal-mudelli pro forma soġġetti għal validazzjoni, inkluż dwar il-prestazzjoni ta’ dawk il-mudelli pro forma, u għandha tikkoordina l-fehmiet tagħhom bil-għan li jiġi żviluppat kunsens dwar l-elementi u l-aspetti ġenerali tal-mudelli pro forma. L-ABE għandha sservi bħala l-punt ewlieni ta’ kuntatt għad-diskussjonijiet mal-parteċipanti fis-suq u l-iżviluppaturi ta’ dawk il-mudelli pro forma.

Fir-rwol tagħha ta’ validatur ċentrali, l-ABE għandha tivvalida l-elementi u l-aspetti ġenerali ta’ dawk il-mudelli pro forma, inklużi l-kalibrazzjoni, id-disinn u l-kopertura tal-istrumenti, tal-klassijiet tal-assi u tal-fatturi ta’ riskju. L-ABE għandha tagħti jew tirrifjuta tali validazzjoni fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi l-applikazzjoni għall-validazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, ir-raba’ subparagrafu, għal mudell pro forma ġdid u fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-applikazzjoni għal bidla f’ mudell diġà vvalidat. Sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta’ validazzjoni tal-ABE, l-iżviluppaturi tal-mudelli pro forma għandhom, fuq talba tal-ABE, jissottomettu lill-ABE l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa.

L-ABE għandha tassisti lill-awtoritajiet kompetenti fil-proċessi ta' awtorizzazzjoni tagħhom rigward l-aspetti ġenerali tal-implimentazzjoni tal-mudelli skont il-paragrafu 3. Għal dak l-għan, l-ABE għandha ttejjji rapport annwali dwar l-aspetti rilevanti tal-ħidma ta' validazzjoni tagħha, inkluża l-verifika tal-kalibrazzjoni tal-mudelli skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu u l-analiżi tal-kwistjonijiet irrapportati. Fejn tqis li jkun meħtiegħ, l-ABE għandha toħroġ, f'kooperazzjoni mal-AETS u l-AEAPX, rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 indirizzati lil daww l-awtoritajiet kompetenti. Sabiex jassistu lill-ABE fl-abbozzar tar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-ABE, fuq talba tagħha, l-informazzjoni miġbura matul il-proċess ta' awtorizzazzjoni inizjali u kontinwu tagħhom fil-livell tal-entità tal-mudelli skont il-paragrafu 3, jew bidliet fihom.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu unikament responsabbli għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-mudelli skont il-paragrafu 3, jew għal bidliet għalihom, fil-livell tal-entità taħt superviżjoni.

L-ABE għandha titlob tariffa annwali, għal kull mudell pro forma, mingħand il-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10(1) bl-użu tal-mudelli pro forma vvalidati mill-ABE skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-ABE l-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji li jimplementaw mudelli soġġetti għall-proċess ta' validazzjoni skont l-ewwel subparagrafu. It-tariffa għandha tkun proporzjonata għall-ammont nozzjonali pendenti medju fix-xahar ta' derivati OTC ikklerjati mhux ċentralment matul l-aħħar 12-il xahar tal-kontropartijiet ikkonċernati bl-użu tal-mudelli pro forma vvalidati mill-ABE u għandha tiġi assenjata biex tkopri l-kostijiet kollha mġarrba mill-ABE għat-twettiq tal-kompiti tagħha f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "mudell pro forma" tfisser mudell ta' marġni inizjali stabbilit, ippubblikat u rivedut permezz ta' inizjattivi mmexxija mis-suq.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 82 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi:

- (a) il-metodu għad-determinazzjoni tal-ammont tat-tariffi; u
- (b) il-modalitajiet tal-ħlas tat-tariffi.”;

(e) il-paragrafu 15 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (aa) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(aa) il-proċeduri superviżorji, biex tiġi żgurata l-validazzjoni inizjali u kontinwa tal-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 3 applikati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE u d-ditti tal-investiment awtorizzati f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE li għandhom, jew jappartjenu għal grupp li għandu, ammont nozzjonali medju pendenti fix-xahar ta' derivati OTC ikklerjati mhux ċentralment ta' mill-inqas EUR 750 biljun, ikkalkulati f'konformità mal-istandards tekniċi regolatorji li għandhom jiġu żviluppati mill-ASE f'konformità ma' dan il-paragrafu.”;

(ii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-ABE, f'kooperazzjoni mal-AETS, għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (aa), lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].”;

(11) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu u għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu penali kriminali, l-awtorità kompetenti għandha, permezz ta’ deċiżjoni, timponi penali amministrattivi jew pagamenti perjodiċi ta’ penali, jew titlob lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jimponu penali jew pagamenti perjodiċi ta’ penali, fuq l-entitajiet soġġetti għall-obbligu ta’ rappurtar skont l-Artikolu 9 meta d-dettalji rrapportati ripetutament ikun fihom żbalji manifesti sistematiċi.

Il-pagament perjodiku ta’ penali msemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jaqbeż massimu ta’ 1 % tal-fatturat medju ta’ kuljum għas-sena kummerċjali preċedenti li, fil-każ ta’ ksur kontinwu, l-entità għandha tkun obbligata tħallas għal kull jum li fih ikompli l-ksur, sakemm il-konformità mal-obbligu tiġi stabbilita jew terġa’ tiġi stabbilita. Il-pagament perjodiku ta’ penali jista’ jiġi impost għal perjodu massimu ta’ sitt xhur mid-data stabbilita fid-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirrikjedi t-terminazzjoni ta’ ksur u li timponi l-pagament perjodiku ta’ penali.”;

(b) j iżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“4. Permezz ta’ deroga mill-paragrafi 1 u 1a, meta l-ordinament ġuridiku ta’ Stat Membru ma jipprevedix penali amministrattivi, dan l-Artikolu jista’ jiġi applikat b’tali mod li l-penali tinbeda mill-awtorità kompetenti u tiġi imposta mill-awtoritajiet ġudizzjarji, filwaqt li jiġi żgurat li dawk ir-rimedji legali jkunu effettivi u jkollhom effett ekwivalenti għall-penali amministrattivi imposti mill-awtoritajiet kompetenti. Fi kwalunkwe każ, il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dawk l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tagħhom li huma jadottaw skont dan il-paragrafu sa... [data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju] u, mingħajr dewmien, kwalunkwe liġi ta’ emenda jew emenda sussegwenti li taffettwahom.

5. L-AETS, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-ABE, l-AEAPX u l-BERS, għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika x’jikkostitwixxi żbalji evidenti sistematiċi kif imsemmi fil-paragrafu 1a.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu f’konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(12) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 13*

*Mekkaniżmu biex jiġu evitati regoli duplikattivi jew konfliġġenti fir-rigward ta' kuntratti tad-derivati OTC mhux ikklerjati minn CCP*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna mill-ASE fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni internazzjonali tal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 11, b'mod partikolari fir-rigward ta' rekwiżiti potenzjali duplikattivi u konfliġġenti fuq il-parteciġpanti fis-suq, u tirrakkomanda azzjoni possibbli.
2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti implimentattivi li jiddikjaraw li l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz:
  - (a) ikunu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11;
  - (b) jiżguraw protezzjoni tas-sigriet professjonali li tkun ekwivalenti għal dik stipulata fl-Artikolu 83; u
  - (c) ikunu qed jiġu applikati u infurzati b'mod effettiv b'mod ekwu u mhux distorziv sabiex jiżguraw is-superviżjoni u l-infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 86(2).

3. Att ta' implimentazzjoni dwar l-ekwivalenza kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jimplika li l-kontropartijiet li jidħlu f'kuntratt tad-derivati OTC mhux ikklerjat minn CCP soġġett għal dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jkunu ssodisfaw l-obbligi inklużi fl-Artikolu 11 meta mill-inqas waħda mill-kontropartijiet tkun soġġetta għar-rekwiżiti li jkunu kkunsidrati ekwivalenti skont dak l-att ta' implimentazzjoni dwar l-ekwivalenza.”;

(13) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata għas-servizzi u għall-attivitajiet marbuta mal-ikklerjar u għandha tispeċifika s-servizzi jew l-attivitajiet li għalihom is-CCP tkun awtorizzata li ttipprova jew twettaq servizzi ta' klerjar, inklużi l-klassijiet tad-derivati, titoli, strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji oħrajn koperti minn tali awtorizzazzjoni.

Entità li tapplika għal awtorizzazzjoni bħala CCP sabiex tikklerja l-istrumenti finanzjarji għandha tinkludi fl-applikazzjoni tagħha l-klassijiet ta' strumenti mhux finanzjarji adattati għall-ikklerjar li tali CCP tkun beħsiebha tikklerja.”;

(b) j iżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“6. L-AETS, b’kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-lista ta’ dokumenti meħtieġa li għandhom jakkumpanjaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 u biex tispeċifika l-informazzjoni li tali dokumenti għandu jkun fihom bil-għan li jintwera li s-CCP applikanti tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti kollha ta’ dan ir-Regolament.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format elettroniku tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu li għandha tiġi sottomessa lill-bażi tad-*data* ċentrali.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(14) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. CCP li jkollha l-ħsieb li testendi n-negozju tagħha għal servizzi jew attivitajiet addizzjonali, inkluż għal strumenti mhux finanzjarji xierqa biex jiġu kklerjati ċentralment f'CCP awtorizzata, mhux koperti mill-awtorizzazzjoni eżistenti, għandha tissottometti applikazzjoni għal estensjoni ta' dik l-awtorizzazzjoni għal servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar addizzjonali fi klassi waħda jew aktar ta' derivati, titoli, strumenti finanzjarji oħra jew strumenti mhux finanzjarji, lill-awtorità kompetenti tas-CCP, sakemm tali estensjoni tal-attivitajiet jew tas-servizzi ma tkunx eżentata mill-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 15a.

L-estensjoni ta' awtorizzazzjoni għandha ssir f'konformità jew mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 17 jew mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 17a, kif applikabbli.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-listi ta' dokumenti meħtieġa li għandhom jakkumpanjaw applikazzjoni għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 u biex tispeċifika l-informazzjoni li tali dokumenti għandu jkun fihom. Il-listi tad-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa għandhom ikunu rilevanti u proporzjonati għan-natura tal-estensjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, bil-ħsieb li jintwera li s-CCP tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tissupplementa dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni biex tispeċifika l-format elettroniku tal-applikazzjoni għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu li għandha tiġi sottomessa lill-bażi tad-*data* ċentrali.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-*data* tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu f’konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(15) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

*“Artikolu 15a*

*Eżenzjoni mill-awtorizzazzjoni ta’ estensjoni ta’ servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar*

1. Minkejja l-Artikolu 15, CCP li jkollha l-ħsieb li testendi n-negozju tagħha biex tinkludi servizz jew attività addizzjonali mhux koperta mill-awtorizzazzjoni eżistenti tagħha ma għandhiex tkun meħtieġa li tkun awtorizzata għal tali estensjoni meta dak is-servizz jew attività addizzjonali ma jkollux impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tas-CCP.

Is-CCP għandha tinnotifika lir-riċevituri rreġistrati permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali meta tiddeċiedi li tagħmel użu mill-eżenzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, inkluż is-servizz jew l-attività li biħsiebha tipprovdi.

Il-bidliet implimentati minn CCP f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal rieżami u evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21.

L-AETS tista' tirrieżamina l-forniment ta' servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar u tirrapporta lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 lill-Kummissjoni dwar ir-riskji li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi u attivitajiet tas-CCPs skont dan l-Artikolu u dwar l-adegwatezza tagħhom.

2. L-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika aktar:
  - (a) it-tip ta' estensjoni tas-servizzi jew l-attivitajiet tal-ikklerjar li ma jkollhomx impatt materjali fuq il-profil tar-riskju ta' CCP; u
  - (b) il-frekwenza li biha CCP tinnotifika l-użu tal-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1, li ma għandhiex taqbeż darba kull tliet xhur.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(16) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 sa 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. Is-CCP applikanti għandha tissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) jew applikazzjoni għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti kif imsemmi fl-Artikolu 15(1) f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali. L-applikazzjoni għandha tiġi kondiviża minnufih permezz ta' dik il-bażi tad-*data* ċentrali mal-awtorità kompetenti tas-CCP, mal-AETS u mal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18.

Is-CCP ċentrali applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex turi li hija tkun stabbiliet, fil-ħin tal-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex tissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament. Meta CCP tkun qed tapplika għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti skont l-Artikolu 15, hija għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex turi li fil-mument meta tingħata tali estensjoni hija tkun stabbiliet l-arranġamenti addizzjonali kollha biex tissodisfa kwalunkwe rekwiżit stabbilit f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' tali estensjoni.

F'konformità mal-Artikolu 17c, konferma tal-wasla tal-applikazzjoni għandha tintbagħat permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali fi żmien jumejn ta' xogħol mit-tressiq ta' dik l-applikazzjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha, wara l-konferma tar-riċevuta msemmija fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu, tinnotifika lis-CCP applikanti jekk l-applikazzjoni fihex id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa.

In-notifika għandha tintbagħat fi żmien:

- (a) 20 jum tax-xogħol mill-konferma tar-riċevuta, meta s-CCP applikanti tkun applikat għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 14(1); jew
- (b) 10 ijiem tax-xogħol mill-konferma tar-riċevuta, meta s-CCP applikanti tkun applikat għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti skont l-Artikolu 15(1).

Meta, matul il-perijodu applikabbli speċifikat skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità kompetenti tas-CCP tiddeċiedi li ma jkunux ġew sottomessi d-dokumenti jew l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 14(6) u (7) jew l-Artikolu 15(3) u (4), hija għandha titlob lis-CCP applikanti tissottometti tali dokumenti jew informazzjoni addizzjonali, permezz tal-bażi ta' *data* ċentrali. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew l-applikazzjoni għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni għandha tiġi miċħuda meta l-awtorità kompetenti tas-CCP tiddeċiedi li s-CCP applikanti tkun naqset milli tikkonforma ma' kwalunkwe talba bħal din. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tgħarraf lis-kCCPb' dan permezz tal-bażi ta' *data* ċentrali.

3. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti rilevanti stipulati f' dan ir-Regolament fil-perjodu speċifikat fit-tieni subparagrafu (il-“perjodu ta' valutazzjoni tar-riskju”).

Il-valutazzjoni tar-riskju għandha ssir fi żmien:

- (a) 80 jum tax-xogħol mill-konferma stabbilita fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, il-punt (a), meta applikazzjoni ssir skont l-Artikolu 14(1); jew
- (b) 40 jum tax-xogħol mill-konferma stabbilita fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, il-punt (b), fejn applikazzjoni ssir skont l-Artikolu 15(1).

Sa tmiem il-perjodu ta' valutazzjoni tar-riskju, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tissottometti l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha u tirrapporta lill-AETS u lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 permezz tal-bażi ta' *data* ċentrali.

Wara li jirċievi l-abbozz ta' deċiżjoni u r-rapport imsemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u abbażi tas-sejbiet fihom, il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 għandu fi żmien 15-il jum ta' xogħol jadotta opinjoni skont l-Artikolu 19 li tiddetermina jekk is-CCP applikanti tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u jibgħatha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-AETS f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali.

Il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 jista' jinkludi fl-opinjoni tiegħu kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li jqis meħtieġa sabiex jiġi mmitigat kwalunkwe nuqqas fil-ġestjoni tar-riskji tas-CCP.

Wara li tirċievi l-abbozz ta' deċiżjoni u r-rapport imsemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-AETS għandha fi żmien 15-il jum tax-xogħol tadotta opinjoni li tiddetermina jekk is-CCP applikanti tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 23a(1), il-punt (e), l-Artikolu 23a(2), u l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), u tibgħatha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18.

Fl-opinjoni tagħha, l-AETS tista' tinkludi kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tqis meħtieġa sabiex ittaffi kwalunkwe nuqqas fil-ġestjoni tar-riskji tas-CCP b'rabta mar-riskji transfruntiera identifikati jew mar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni;

- 3a. Mingħajr preġudizzju għall-opinjoni msemmija fil-paragrafu 3, is-sitt subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, wara li tirċievi l-abbozz ta' deċiżjoni u tar-rapport imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, ta' dan l-Artikolu, l-AETS tista' ttiprovdi wkoll opinjoni f'konformità mal-Artikolu 23a u l-Artikolu 24a(7) dwar dak l-abbozz ta' deċiżjoni lill-awtorità kompetenti, fejn meħtieġ, biex tippromwovi applikazzjoni konsistenti u koerenti ta' artikolu rilevanti, fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-abbozz ta' deċiżjoni.

Meta l-abbozz tad-deċiżjoni ppreżentat lill-AETS f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu juri nuqqas ta' konverġenza jew ta' koerenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-AETS għandha toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet biex tippromwovi l-konsistenza jew il-koerenza meħtieġa fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-opinjoni jiet adottati tal-AETS u tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 18 għandhom jiġu sottomessi f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali, lir-riċevituri rispettivi.

- 3b. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni tar-riskju, l-awtorità kompetenti tas-CCP, permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali:
- (a) tista' tissottometti mistoqsijiet lis-CCP applikanti, u titlob informazzjoni komplementari mingħandha;
  - (b) għandha tikkoordina u tissottometti mistoqsijiet mill-AETS jew minn kwalunkwe membru tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 lis-CCP applikanti; u
  - (c) għandha tikkondividi mal-AETS u l-membri tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 18 it-tweġibiet kollha pprovduti mis-CCP applikanti.

Meta l-awtorità kompetenti tas-CCP ma tkunx ipprovdiet l-informazzjoni mitluba lill-AETS jew lil kwalunkwe membru tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mit-tressiq tat-talba, l-AETS jew kwalunkwe membru ta' dak il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 jista' jippreżenta t-talba tiegħu direttament lis-CCP permezz tal-bażi ta' *data* ċentrali.

Meta s-CCP applikanti ma tkunx wiegħbet għall-mistoqsijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu sal-iskadenza stabbilita mill-awtorità li titlob l-informazzjoni, l-awtorità kompetenti tas-CCP, wara li tikkonsulta lill-awtorità rikjedenti, tista' tiddeċiedi li testendi darba l-perjodu rilevanti ta' valutazzjoni tar-riskju b'massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol b'kollox jekk, fil-fehma tagħha jew fil-fehma tal-awtorità rikjedenti, kwalunkwe waħda mill-mistoqsijiet tkun materjali għall-valutazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lis-CCP applikanti, permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali, bl-estensjoni pprovduta. L-awtorità kompetenti tista' tiegħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fin-nuqqas tat-tweġiba tas-CCP.

- 3c. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni tal-AETS u tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, adottati skont il-paragrafu 3, ir-raba' u s-sitt subparagrafi, rispettivament, ta' dan l-Artikolu, u, fejn maħruġa, l-opinjoni tal-AETS adottata skont il-paragrafu 3a, l-ewwel subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha lill-AETS u l-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali.

Meta d-deċiżjoni tall-awtorità kompetenti tas-CCP ma tirriflettix l-opinjoni tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, id-deċiżjoni għandu jkun fiha spjegazzjoni motivata bis-sħiħ ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew mill-kundizzjonijiet jew mir-rakkomandazzjonijiet.

Meta l-awtorità kompetenti tas-CCP ma tikkonformax jew ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma ma' opinjoni tal-AETS jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inklużi fiha, l-AETS għandha tinforma lill-Bord tas-Superviżuri skont l-Artikolu 24a. L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll ir-raġunament mill-awtorità kompetenti tas-CCP għan-nuqqas ta' konformità jew għall-intenzjoni tagħha li ma tikkonformax.

4. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha, wara li tikkunsidra kif xieraq l-opinjoni jiet tal-AETS u tal-kulleġġ previsti fil-paragrafi 3 u 3a ta' dan l-Artikolu, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni fihom, tiddeċiedi li tagħti awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14 u l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, biss meta tkun kompletament sodisfatta li s-CCP applikanti:
  - (a) tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati f' dan ir-Regolament, inkluż, fejn applikabbli, għall-forniment ta' servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar għal strumenti mhux finanzjarji; u
  - (b) tiġi nnotifikata bħala sistema skont id-Direttiva 98/26/KE.

Meta CCP tapplika għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti skont l-Artikolu 15, l-AETS, il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 u l-awtorità kompetenti tas-CCP jistgħu jiddependu fuq parti mill-valutazzjoni li tkun saret qabel skont dan l-Artikolu sal-punt li l-applikazzjoni għal estensjoni ma tirriżultax f'bidla jew b'xi mod ieħor taffettwa l-valutazzjoni preċedenti għal dik il-parti. Is-CCP għandha tikkonferma lill-awtorità kompetenti tas-CCP li ma hemm l-ebda bidla fil-fatti sottostanti ta' dik il-parti tal-valutazzjoni.

IS-CCP applikanti ma għandhiex tigi awtorizzata meta:

- (a) l-awtorità kompetenti tas-CCP tkun iddeċidiet li ma tagħtix l-awtorizzazzjoni; jew
- (b) il-membri kollha tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, minbarra l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita s-CCP applikanti, jaslu għal opinjoni konġunta bi ftehim reċiproku, skont l-Artikolu 19(1), li s-CCP applikanti m'għandhiex tkun awtorizzata.

L-opinjoni konġunta msemmija fit-tielet subparagrafu, il-punt (b), ta' dan il-paragrafu, għandha tiddikjara bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 iqis li r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jew fi dritt ieħor tal-Unjoni ma ġewx issodisfati.

Meta tali opinjoni konġunta ma tkunx intlaħqet bi ftehim reċiproku u maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 ikunu esprimew opinjoni negattiva, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, abbażi ta' dik il-maġġoranza, tista', fi żmien 30 jum kalendarju mill-adozzjoni ta' dik l-opinjoni negattiva, tirreferi l-kwistjoni lill-AETS f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Id-deċiżjoni li l-kwistjoni tiġi riferuta lill-AETS għandha tiddikjara bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex il-membri rilevanti tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 iqisu li r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jew f'partijiet oħrajn tal-liġi tal-Unjoni ma ġewx issodisfati. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha dwar l-awtorizzazzjoni u tistenna kwalunkwe deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni li l-AETS tista' tieħu f'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha f'konformità mad-deċiżjoni tal-AETS. Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi riferuta lill-AETS wara t-tmiem tal-perjodu ta' 30 jum imsemmi fil-ħames subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Meta l-membri kollha tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, minbarra l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita s-CCP applikanti, jaslu għal opinjoni konġunta bi ftehim reċiproku, skont l-Artikolu 19(1), li s-CCP applikanti ma għandhiex tkun awtorizzata, l-awtorità kompetenti tas-CCP tista' tirreferi l-kwistjoni lill-AETS f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita s-CCP għandha tibgħat id-deċiżjoni lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati l-oħrajn.

L-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien żejjed wara li tiegħu deċiżjoni dwar jekk tagħtix jew tirrifjutax awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 3c, tinforma lis-CCP applikanti bil-miktub bid-deċiżjoni tagħha permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali, flimkien ma' spjegazzjoni motivata bis-sħiħ.”;

(b) il-paragrafu 7 huwa mħassar;

(17) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*“Artikolu 17a*

*Proċedura aċċellerata għall-awtorizzazzjoni ta' estensjoni ta' awtorizzazzjoni*

1. Proċedura aċċellerata għall-awtorizzazzjoni ta' estensjoni ta' awtorizzazzjoni għandha tapplika meta CCP ikollha l-ħsieb li testendi n-negozju tagħha għal servizzi jew attivitajiet addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 15 u meta tali estensjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
  - (a) ma twassalx biex is-CCP tkun teħtieġ tadatta b' mod sinifikanti l-istruttura operattiva tagħha, fi kwalunkwe punt fiċ-ċiklu tal-kuntratt;
  - (b) ma tinkludix li toffri l-ikklerjar ta' kuntratti li ma jistgħux jiġu likwidati bl-istess mod bħall-kuntratti diġà kklerjati mis-CCP jew flimkien mal-kuntratti diġà kklerjati mis-CCP;

- (c) ma tirriżultax li s-CCP tkun teħtiegħ tqis l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt materjali ġodda;
  - (d) ma tirriżultax fl-introduzzjoni ta' riskji materjali ġodda jew iżżid b'mod sinifikanti l-profil tar-riskju tas-CCP;
  - (e) ma tinkludix li toffri mekkaniżmu jew servizz ġdid ta' saldu jew ta' konsenja li jinvolvi l-istabbiliment ta' rabtiet ma' sistema differenti ta' saldu tat-titoli, depożitorju ta' sigurtà ċentrali jew sistema ta' pagament li s-CCP ma kinitx tuża qabel.
2. CCP li tippreżenta applikazzjoni għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni eżistenti tagħha għal servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar addizzjonali skont il-proċedura aċċellerata stabbilita f'dan l-Artikolu, għandha turi li l-estensjoni proposta tan-negozju tagħha għal servizzi jew attivitajiet ta' kklerjar addizzjonali tikkwalifika li tiġi vvalutata skont tali proċedura.

Is-CCP għandha tippreżenta l-applikazzjoni tagħha għal estensjoni f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali u għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha, skont l-Artikolu 15(3) u (4), meħtieġa sabiex turi li tkun stabbiliet, fil-mument tal-awtorizzazzjoni, l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament. Bi qbil mal-Artikolu 17c, konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni għandha tintbagħat permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali, fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta tiġi ppreżentata dik l-applikazzjoni.

3. Fi żmien 15-il jum tax-xogħol mill-konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha, wara li tikkunsidra l-kontribut mill-AETS u mill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, tiddeċiedi:
- (a) jekk l-applikazzjoni tikkwalifikax biex tiġi vvalutata skont il-proċedura aċċellerata stabbilita f' dan l-Artikolu; u
  - (b) fejn l-applikazzjoni tikkwalifika biex tiġi vvalutata skont il-proċedura aċċellerata stabbilita f' dan l-Artikolu, jekk għandhiex:
    - (i) taġġti l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni meta s-CCP tikkonforma ma' dan ir-Regolament; jew
    - (ii) tirrifjuta l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni meta s-CCP ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament.

Meta CCP tapplika għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 15, l-awtorità kompetenti tas-CCP tista' tiddependi fuq parti mill-valutazzjoni li tkun saret qabel skont dan l-Artikolu sal-punt li l-applikazzjoni għal estensjoni ma tirriżultax f'bidla jew b'xi mod ieħor taffettwa l-valutazzjoni preċedenti għal dik il-parti. Is-CCP għandha tikkonferma lill-awtorità kompetenti tas-CCP li ma hemm l-ebda bidla fil-fatti sottostanti tal-parti tal-valutazzjoni li l-AETS tagħżel li tistrieħ fuqha.

Meta l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni ma tikkwalifikax biex tiġi vvalutata skont il-proċedura aċċellerata, l-applikazzjoni tas-CCP għandha tiġi miċħuda.

Meta l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li ma tagħtix l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni, l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni għandha tiġi rrifjutata.

4. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tinnotifika lis-CCP applikanti bil-miktub, permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali, fil-perjodu ta' żmien iddikjarat fil-paragrafu 3, bid-deċiżjoni tagħha skont dak il-paragrafu.
5. L-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e) ta' dan l-Artikolu, u biex tispeċifika l-proċedura għall-konsultazzjoni mal-AETS u l-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu dwar jekk dawk il-kundizzjonijiet humiex issodisfati jew le.

Fl-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-kundizzjonijiet skont l-ewwel subparagrafu, l-AETS għandha tistabbilixxi l-metodoloġija li għandha tintuża u l-parametri li għandhom japplikaw biex jiġi deċiż meta kundizzjoni titqies li ġiet issodisfata. L-AETS għandha telenka u tispeċifika wkoll jekk hemmx estensjonijiet tipiċi ta' servizzi u attivitajiet li fil-prinċipju jistgħu jitqiesu li jaqgħu taħt il-proċedura aċċellerata stabbilita f'dan l-Artikolu.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

#### *Artikolu 17b*

##### *Proċedura sabiex jiġi adottati deċiżjonijiet, rapporti u miżuri oħrajn*

1. L-awtorità kompetenti ta' CCP għandha tippreżenta f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali talba għal opinjoni:
  - (a) mill-AETS skont l-Artikolu 23a(2), meta l-awtorità kompetenti tas-CCP jkollha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni, rapport jew miżura oħra b'rabta mal-Artikoli 7, 8, 20, 21, 29 sa 33, 35, 36, 37, 41 u 54;
  - (b) mill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, skont l-Artikolu 19, meta l-awtorità kompetenti tas-CCP jkollha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni, rapport jew miżura oħra b'rabta mal-Artikoli 20, 21, 30, 31, 32, 35, 37, 41, 49, 51 u 54.

It-talba għal opinjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandha tiġi kondiviża minnufih mal-AETS u mal-Kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor skont l-Artikolu rilevanti, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tippreżenta t-talba msemmija fil-paragrafu 1, tivvaluta l-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti rispettivi. Sa tmiem il-perjodu ta' valutazzjoni, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tibgħat l-abbozz tad-deċizzjoni, ir-rapport jew miżura oħra rispettivi tagħha lill-AETS u lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18.
3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor skont l-artikolu rilevanti, wara li tasal kemm it-talba għal opinjoni msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll l-abbozzi ta' deċizzjonijiet, rapporti jew miżuri oħra msemmija fil-paragrafu 2:
  - (a) l-AETS għandha, fir-rigward tal-Artikolu 20, tadotta opinjoni li tivvaluta l-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti rispettivi f'konformità mal-Artikolu 23a(1), il-punt (e), l-Artikolu 23a(2) u l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc); l-AETS għandha tibgħat l-opinjoni tagħha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18; fl-opinjoni tagħha, l-AETS tista' tinkludi kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tqis meħtieġa sabiex ittaffi kwalunkwe nuqqas fil-ġestjoni tar-riskji tas-CCP, b'rabta mar-riskji transfruntiera identifikati jew mar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni; l-AETS għandha wkoll, fir-rigward tal-Artikoli 21 u 37, tadotta opinjoni f'konformità ma' dawk l-Artikoli u f'konformità mal-Artikolu 23a(2) u l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), u l-AETS tista' tinkludi fl-opinjoni tagħha kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tqis meħtieġa;

- (b) l-AETS tista', fir-rigward tal-Artikoli 7, 8, 29 sa 33, 35, 36, 41 u 54, tadotta opinjoni f'konformità mal-Artikolu 23a u l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), dwar dak l-abbozz ta' deċiżjoni, rapport jew miżura oħra fejn meħtieġ għall-promozzjoni ta' applikazzjoni konsistenti u koerenti ta' artikolu rilevanti; u
- (c) il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 għandu jadotta opinjoni skont l-Artikolu 19 li tivvaluta l-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti rispettivi u jibgħatha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-AETS. l-opinjoni ta' dak il-kulleġġ tista' tinkludi l-kundizzjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet li huwa jqis meħtieġa sabiex jittaffa kwalunkwe nuqqas fil-ġestjoni tar-riskji tas-CCP.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dan il-paragrafu, meta l-abbozz tad-deċiżjoni, rapport jew miżura oħra ppreżentata lill-AETS f'konformità ma' dak il-punt juri nuqqas ta' konverġenza jew ta' koerenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-AETS għandha toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet biex tippromwovi l-konsistenza jew il-koerenza meħtieġa fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Meta l-AETS tadotta opinjoni f'konformità mal-punt (b), l-awtorità kompetenti għandha tagħtiha l-konsiderazzjoni dovuta u għandha tinforma lill-AETS dwar kwalunkwe azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni sussegwenti fir-rigward tagħha.

L-AETS u l-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 għandhom jadottaw l-opinjonijiet tagħhom sal-iskadenza pprovduta mill-awtorità kompetenti tas-CCP, li għandha tkun mill-inqas 15-il jum tax-xogħol wara li jirċievu d-dokumenti rilevanti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni tal-AETS u tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 u, fejn maħruġa, l-opinjoni tal-AETS adottata skont il-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu, jew fil-perjodu rilevanti meta jkun speċifikat mod ieħor fir-Regolament, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha, wara li tqis kif xieraq l-opinjonijiet tal-AETS u tal-kulleġġ, inklużi kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li hemm fihom, tadotta d-deċiżjoni, ir-rapport jew miżura oħra tagħha kif meħtieġ skont artikolu rilevanti u tibgħatha lill-AETS u lill-kulleġġ.

Meta d-deċiżjoni, ir-rapport jew il-miżura oħra ma tirriflettix l-opinjoni tal-AETS jew tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, din għandu jkun fiha raġunijiet sħaħ u spjegazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew minn dawk il-kundizzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet.

Għall-fini tal-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu, meta l-awtorità kompetenti tal-kontraparti ċentrali ma tikkonformax jew ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma mal-opinjoni tal-AETS jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inklużi fiha, l-AETS għandha tinforma lill-Bord tas-Superviżuri tagħha f'konformità mal-Artikolu 24a. L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll ir-raġunament mill-awtorità kompetenti tas-CCP għan-nuqqas ta' konformità jew għall-intenzjoni tagħha li ma tikkonformax.

L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tadotta d-deċiżjonijiet, ir-rapporti jew miżuri oħra tagħha f'konformità mal-Artikoli rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

## *Artikolu 17c*

### *Bażi tad-data ċentrali*

1. L-AETS għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-*data* ċentrali li tipprovdi aċċess lill-awtorità kompetenti tas-CCP u l-AETS (“riċevituri rreġistrati”), kif ukoll lill-membri tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 għas-CCP rilevanti, meta jkun meħtieġ skont artikolu rilevanti, għad-dokumenti kollha rreġistrati fil-bażi tad-*data* għas-CCP u lir-riċevituri l-oħrajn identifikati skont dan ir-Regolament. L-AETS għandha tiżgura li l-bażi tad-*data* ċentrali twettaq il-funzjonijiet skont dan l-Artikolu.

L-AETS għandha tħabbar l-istabbiliment tal-bażi tad-*data* ċentrali fuq is-sit web tagħha.

2. CCP għandha tippreżenta l-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14, l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 49 u l-Artikolu 49a permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali. Konferma tar-riċevuta għandha tintbagħat permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

CCP għandha ttella’ minnufih fil-bażi tad-*data* ċentrali d-dokumenti kollha li hija meħtieġa tipprovdi skont il-proċessi ta’ awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikoli 14 u 15 jew il-proċessi ta’ validazzjoni msemmija fl-Artikoli 49 u 49a, kif applikabbli. Ir-riċevituri rreġistrati għandhom itellgħu minnufih id-dokumenti kollha li jirċievu mis-CCP fir-rigward ta’ applikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu sakemm is-CCP ma tkunx diġà tellgħet tali dokumenti.

CCP għandu jkollha aċċess għall-bażi tad-*data* ċentrali fir-rigward tad-dokumenti li tkun ressqet lil dik il-bażi ta' *data* ċentrali jew id-dokumenti trażmessi lis-CCP permezz ta' dik il-bażi ta' *data* ċentrali minn kwalunkwe wieħed mir-riċevituri rreġistrati jew il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18.

3. L-awtorità kompetenti għandha tressaq it-talba tagħha għal opinjoni kif imsemmi fl-Artikolu 17b permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali.
4. Is-CCP għandha, permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali, tirrispondi għall-mistoqsijiet jew għat-talbiet għall-informazzjoni li jitressqulha permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali mill-AETS, mill-awtorità kompetenti tas-CCP jew mill-membri tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 matul il-perjodi għall-valutazzjoni skont l-Artikoli 17, 17a, 17b, 49 u 49a.
5. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tinnotifika lis-CCP kkonċernata permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali meta tkun ittieħdet deċiżjoni, rapport jew miżura oħra, kif applikabbli, skont l-Artikoli 14, 15, 15a, 17, 17a, 17b, 20, 21, 30 sa 33, 35, 37, 41, 49, 49a, 51 u 54 u bi kwalunkwe deċiżjoni li l-awtorità kompetenti tas-CCP tiddeċiedi volontarjament li tikkondividi mas-CCP permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali.
6. Il-bażi tad-*data* ċentrali għandha tkun iddisinjata biex tinforma awtomatikament lir-riċevituri rreġistrati meta jkunu saru bidliet fil-kontenut tagħha, inklużi l-upload, it-tħassir jew is-sostituzzjoni ta' dokumenti, it-tressiq ta' mistoqsijiet u talbiet għal informazzjoni.

7. Il-membri tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP għandu jkollhom aċċess għall-bażi tad-*data* ċentrali għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 24a(7). Il-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP jista' jillimita l-aċċess għal xi wħud mid-dokumenti għall-membri tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP msemmija fl-Artikolu 24a(2), il-punt (c) u l-punt (d)(ii), meta jkun ġustifikat abbażi ta' tħassib dwar il-kunfidenzjalità.”;

(18) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Fi żmien 30 jum kalendarju mit-tressiq tan-notifika msemmija fl-Artikolu 17(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tistabbilixxi kulleġġ biex jiffaċilita t-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikoli 15, 17, 17a, 20, 21, 30, 31, 32, 35, 37, 41, 49, 51 u 54. Dak il-kulleġġ għandu jkun kopresedut u ġestit mill-awtorità kompetenti u minn kwalunkwe wieħed mill-membri indipendenti tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP msemmi fl-Artikolu 24a(2), il-punt (b) (il-“kopresidenti”).”;

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-kopresidenti għandhom jiddeċiedu d-dati li fihom jiltaqa' l-kulleġġ u jistabbilixxu l-aġenda ta' tali laqgħat.

Sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-kompiti assenjati lill-kulleġġi skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-membri tal-kulleġġ imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu intitolati li jikkontribwixxu għall-iffissar ta' aġenda tal-laqgħat tal-kulleġġ, b'mod partikolari billi jżidu punti fl-aġenda ta' laqgħa, b'kont meħud l-eżitu tal-ħidma mwettqa mill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ.”;

(c) fil-paragrafu 5, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-ftehim jista' jiddetermina wkoll il-kompiti fdati lill-awtorità kompetenti tas-CCP, lill-AETS jew lil membru ieħor tal-kulleġġ. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kopresidenti, id-deċiżjoni finali għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti, li għandha tipprovdi lill-AETS spjegazzjoni motivata tad-deċiżjoni tagħha.”;

(19) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Meta l-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 ikun meħtieġ jagħti opinjoni skont dan ir-Regolament, huwa għandu jasal għal opinjoni konġunta li tiddetermina jekk is-CCP tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (b), jekk ma tintlaħaqx opinjoni konġunta f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 għandu jadotta opinjoni ta' maġġoranza fl-istess perjodu.”;

(b) il-paragrafu 4 huwa mħassar;

(20) L-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 20*

*Irtirar tal-awtorizzazzjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(3), awtorità kompetenti ta' CCP għandha tirtira l-awtorizzazzjoni sħiħa, jew ta' parti minnha, meta s-CCP:

(a) ma tkunx għamlet użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar;

- (b) ma tkunx għamlet użu minn awtorizzazzjoni għal servizz jew attività tal-ikklerjar fi klassi ta' derivati, titoli, strumenti finanzjarji oħra jew strumenti mhux finanzjarji, fi żmien 12-il xahar mid-data meta ngħatat l-awtorizzazzjoni jew mid-data meta s-CCP tkun offriet l-aħħar tali servizz jew attività tal-ikklerjar;
  - (c) tiffinunzja espressament għall-awtorizzazzjoni;
  - (d) ma tkunx ipprovdiet l-ebda servizz jew ma tkunx wettqet l-ebda attività għat-12-il xahar preċedenti fi klassi ta' derivati, titoli, strumenti finanzjarji oħra jew strumenti mhux finanzjarji koperti minn awtorizzazzjoni;
  - (e) tkun kisbet l-awtorizzazzjoni billi tkun għamlet dikjarazzjonijiet foloz jew bi kwalunkwe mezz irregolari ieħor;
  - (f) ma tkunx għadha konformi mal-kundizzjonijiet li bihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni u ma tkunx ħadet l-azzjoni ta' rimedju fiż-żmien stabbilit; jew
  - (g) tkun kisret serjament u sistematikament kwalunkwe waħda mir-rekwiżiti stipulati f' dan ir-Regolament.
2. Meta l-awtorità kompetenti tas-CCP tirtira l-awtorizzazzjoni tas-CCP skont il-paragrafu 1, hija tista' tillimita tali rtirar tal-awtorizzazzjoni għal servizz jew attività tal-ikklerjar partikolari fi klassi waħda jew aktar ta' derivati, titoli, strumenti finanzjarji oħra jew strumenti mhux finanzjarji.

3. Qabel ma l-awtorità kompetenti tas-CCP tieġu deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni tas-CCP b'mod sħiħ jew parzjali, inkluż għal servizz tal-ikklerjar jew attività waħda jew aktar fi klassi waħda jew aktar ta' derivati, titoli, strumenti finanzjarji oħra jew strumenti mhux finanzjarji skont il-paragrafu 1, hija għandha, f'konformità mal-Artikolu 17b, titlob l-opinjoni tal-AETS u tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni, b'mod sħiħ jew parzjali, tas-CCP, ħlief meta d-deċiżjoni tkun meħtieġa b'mod urġenti.
4. L-AETS jew kwalunkwe membru tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 jistgħu, fi kwalunkwe mument, jitolbu li l-awtorità kompetenti tas-CCP teżamina jekk is-CCP tkunx għadha konformi mal-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.
5. Meta l-awtorità kompetenti tas-CCP tieġu deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni tas-CCP b'mod sħiħ jew parzjali, inkluż għal servizz jew attività tal-ikklerjar waħda jew aktar fi klassi waħda jew aktar ta' derivati, titoli, strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji oħra, dik id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-Unjoni kollha u l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tinforma lis-CCP, permezz tal-bażi ta' *data* ċentrali, mingħajr dewmien żejjed.”;

(21) Fl-Artikolu 21, il-paragrafi 1 sa 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 22 għandhom mill-anqas jagħmlu dan kollu li ġej fir-rigward ta' CCP:

- (a) jirrieżaminaw l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mis-CCP sabiex tikkonforma ma' dan ir-Regolament;
- (b) jirrieżaminaw is-servizzi jew l-attivitajiet ipprovduti mis-CCP, b'mod partikolari s-servizzi jew l-attivitajiet ipprovduti b'segwitu tal-applikazzjoni ta' proċedura aċċellerata skont l-Artikolu 17a jew 49a;
- (c) jevalwaw ir-riskji, inklużi r-riskji finanzjarji u operazzjonali, li għalihom is-CCP hija, jew tista' tkun, esposta;
- (d) jirrieżaminaw il-bidliet implimentati mis-CCP f'konformità mal-Artikolu 15a.

2. Ir-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikopru r-rekwiżiti fuq is-CCPs stipulati f'dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti tas-CCP tista' titlob l-assistenza tal-AETS fi kwalunkwe waħda mill-attivitajiet superviżorji tagħha inklużi dawk elenkati fil-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, wara li jkunu kkunsidraw il-kontribut tal-AETS u tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, jistabbilixxu l-frekwenza u r-reqqa tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jqisu b'mod partikolari d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala, il-kumplessità tal-attivitajiet u l-interkonnettività ma' infrastrutturi oħrajn tas-suq finanzjarju tal-kontropartijiet ċentrali kkonċernati u l-prijoritajiet superviżorji stabbiliti mill-AETS f'konformità mal-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (ba). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw ir-rieżami u l-evalwazzjoni mill-anqas fuq bażi annwali.

Il-kontropartijiet ċentrali għandhom ikunu soġġetti għal spezzjonijiet fuq il-post mill-awtorità kompetenti tas-CCP mill-anqas darba fis-sena. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tinforma lill-AETS bi kwalunkwe spezzjoni ppjanata fuq il-post xahar qabel ma tkun ser issir tali spezzjoni, sakemm id-deċiżjoni li titwettaq spezzjoni fuq il-post ma titteħidx f'emerġenza, f'liema każ l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tinforma lill-AETS malli tittieħed dik id-deċiżjoni. L-AETS tista' titlob li tiġi mistiedna għall-ispezzjonijiet fuq il-post.

Meta, wara talba mill-AETS skont it-tieni subparagrafu, l-awtorità kompetenti tas-CCP tirrifjuta li tistieden lill-AETS għal spezzjoni fuq il-post, hija għandha tipprovdi spjegazzjoni motivata għal tali rifjut.

Mingħajr preġudizzju għat-tieni u t-tielet subparagrafi, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tibgħat lill-AETS u lill-membri tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tirċievi mis-CCP fir-rigward tal-ispezzjonijiet kollha fuq il-post li twettaq.

4. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tissottometti regolarment, u mill-anqas kull sena, rapport lill-AETS u lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 dwar il-valutazzjoni u r-riżultati tar-rieżami u tal-evalwazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, inkluż jekk l-awtorità kompetenti tas-CCP tkunx talbet xi azzjoni ta' rimedju jew tkunx imponiet penali.

Ir-rapport għandu jkopri sena kalendarja u għandu jiġi ppreżentat lill-AETS u lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 sat-30 ta' Marzu tas-sena kalendarja ta' wara. Dak ir-rapport għandu jkun soġġett għal opinjoni tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 skont l-Artikolu 19 u opinjoni mill-AETS skont l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.

L-AETS tista' titlob li ssir laqgħa ad hoc mas-CCP u l-awtorità kompetenti tagħha. L-AETS tista' titlob tali laqgħa fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- (a) meta jkun hemm sitwazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 24;
- (b) meta l-AETS tkun identifikat tħassib materjali dwar il-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;
- (c) meta l-AETS tqis li l-attività tas-CCP jista' jkollha impatt transfruntier negattiv fuq il-membri tal-ikklerjar tagħha jew fuq il-klijenti tagħhom.

Il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 għandu jiġi infurmat li se ssir laqgħa u għandu jirċievi sommarju tal-eżiti ewlenin ta' dik il-laqgħa.

4a. L-AETS tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti jipprovdulha l-informazzjoni meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha skont dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(22) L-Artikolu 23a huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 23a*

*Kooperazzjoni superviżorja bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA fir-rigward tas-CCPs awtorizzati*

1. L-AETS għandha twettaq rwol ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn il-kulleġġi sabiex:
  - (a) tibni kultura superviżorja komuni u prattiki superviżorji konsistenti;
  - (b) tiżgura proċeduri uniformi u approċċi konsistenti;
  - (c) issaħħaħ il-konsistenza fl-eżiti superviżorji, b'mod partikolari fir-rigward ta' oqsma superviżorji li għandhom dimensjoni transfruntiera jew impatt transfruntier possibbli;
  - (d) issaħħaħ il-koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 24;

(e) tivvaluta r-riskji meta tipprovdi opinjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 2 dwar il-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament b'rabta mar-riskji transfruntiera identifikati jew mar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, u meta tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif CCP għandha ttaffi tali riskji.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu l-abbozzi ta' deċiżjonijiet, rapporti jew miżuri oħra tagħhom lill-AETS għall-opinjoni tagħha qabel ma jadottaw kwalunkwe att jew miżura skont l-Artikoli 7, 8 u 14, l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 21, l-Artikoli 29 sa 33 u l-Artikoli 35, 36, 37, 41, 54 u, ħliet meta tinħtieġ deċiżjoni urġenti, l-Artikolu 20.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissottomettu wkoll abbozzi ta' deċiżjonijiet lill-AETS għall-opinjoni tagħha qabel ma jadottaw kwalunkwe att ieħor jew miżura oħra f'konformità mad-dmirijiet tagħhom taħt l-Artikolu 22(1).”;

(23) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 23b

Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ

1. L-AETS għandha tistabbilixxi Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ għall-eżerċitar tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 2.

Il-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ għandu jkun magħmul minn:

- (a) rappreżentanti tal-AETS;
- (b) rappreżentanti tal-ABE u tal-AEAPX;
- (c) rappreżentanti tal-BERS u tal-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħti lill-konformità mar-Regolament (UE) Nru 1024/2013; u
- (d) rappreżentanti tal-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti minbarra l-euro li fihom huma denominati l-kuntratti tad-derivati msemmija fl-Artikolu 7a(6).

Minbarra l-entitajiet imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti tad-denominazzjoni tal-kuntratti tad-derivati msemmija fl-Artikolu 7a(6), għajr dawk elenkati fil-punt (d) ta' dak it-tieni subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jissorveljaw l-obbligu skont l-Artikolu 7a, limitat għal wieħed għal kull Stat Membru, u l-Kummissjoni, jistgħu jipparteċipaw ukoll fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ bħala osservaturi.

L-AETS għandha timmaniġġja u tippresjedi l-laqgħat tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ. Il-President tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ jista', fuq talba tal-membri l-oħrajn tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ jew fuq inizzjattiva tal-President, jistieden lil awtoritajiet oħrajn sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat meta jkun rilevanti għas-suġġetti li jkunu se jiġu diskussi.

2. Il-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ għandu:

- (a) jimmonitorja l-implimentazzjoni fil-livell aggregat tal-Unjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7a u 7c, inklużi dawn kollha li ġejjin:
  - (i) l-iskoperturi ġenerali u t-tnaqqis tal-iskoperturi għal servizzi tal-ikklerjar sostanzjalment u sistematikament importanti identifikati skont l-Artikolu 25(2c);
  - (ii) l-iżviluppi relatati mal-ikklerjar fil-kontropartijiet ċentrali awtorizzati skont l-Artikolu 14 u l-aċċess għall-ikklerjar mill-klijenti għal tali kontropartijiet ċentrali, inklużi t-tariffi imposti minn tali kontropartijiet ċentrali għall-istabbiliment ta' kontijiet skont l-Artikolu 7a u kwalunkwe tariffa imposta mill-membri tal-ikklerjar lill-klijenti tagħhom għall-istabbiliment ta' kontijiet u għat-twettiq tal-ikklerjar skont l-Artikolu 7a;
  - (iii) iżviluppi sinifikanti oħrajn fil-prattiki tal-ikklerjar li għandhom impatt fuq il-livell tal-ikklerjar fil-kontropartijiet ċentrali awtorizzati skont l-Artikolu 14;

- (b) jimmonitorja l-implikazzjonijiet transfruntiera tar-relazzjonijiet tal-ikklerjar tal-klijenti, inklużi l-portabbiltà u l-interdipendenzi u l-interazzjonijiet tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti ma' infrastrutturi oħrajn tas-suq finanzjarju;
- (c) jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tal-kontropartijiet ċentrali li jiffokaw fuq ir-riskji tal-likwidità, tal-kreditu u operattivi li jikkonċernaw lill-kontropartijiet ċentrali, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti;
- (d) jidentifika r-riskji ta' konċentrazzjoni, b'mod partikolari fl-ikklerjar tal-klijenti, minħabba l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni, inkluż fejn diversi kontropartijiet ċentrali, membri tal-ikklerjar jew klijenti jużaw l-istess fornituri ta' servizzi;
- (e) jimmonitorja l-effettività tal-miżuri mmirati lejn it-titjib tal-attraenza tal-kontropartijiet ċentrali tal-Unjoni, filwaqt li jinkoraġġixxi l-ikklerjar fil-kontropartijiet ċentrali tal-Unjoni u jtejjeb il-monitoraġġ tar-riskji transfruntiera.

Il-korpi li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkooperaw u jikkondividu l-informazzjoni meħtieġa sabiex iwettqu l-kompiti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Meta dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli għall-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7a(9), l-awtorità kompetenti rilevanti tal-kontropartijiet ċentrali awtorizzati, il-membri tal-ikklerjar tagħhom u l-klijenti tagħhom għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa li tippermetti lill-AETS u lill-korpi l-oħrajn li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ iwettqu l-kompiti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. Meta awtorità kompetenti rilevanti ma jkollhiex l-informazzjoni mitluba, hija għandha tesiġi li s-CCPs awtorizzati, il-membri tal-ikklerjar tagħhom jew il-klijenti tagħhom jipprovdu dik l-informazzjoni. L-awtorità kompetenti rilevanti għandha tittrasmetti tali informazzjoni lill-AETS mingħajr dewmien żejjed.
4. Soġġett għall-qbil tal-awtorità kompetenti rilevanti, l-AETS tista' titlob ukoll l-informazzjoni direttament mill-entità rilevanti. L-AETS għandha tgħaddi l-informazzjoni kollha li tirċievi mingħand dik l-entità lill-awtorità kompetenti rilevanti mingħajr dewmien żejjed.
5. It-talbiet għal informazzjoni lis-CCPs għandhom jiġu skambjati permezz tal-bażi ta' *data* ċentrali.
6. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mal-korpi l-oħrajn li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, tissottometti rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet tagħha skont il-paragrafu 2.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet potenzjali fil-livell tal-Unjoni biex jiġu indirizzati r-riskji orizzontali identifikati.

7. L-AETS għandha taġixxi f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 f'każ li, abbażi tal-informazzjoni riċevuta bħala parti mill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ u wara d-diskussjonijiet li saru fih, l-AETS:
  - (a) tqis li l-awtoritajiet kompetenti qed jonqsu milli jiżguraw il-konformità tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7a; jew
  - (b) tidentifika riskju għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni minħabba allegat ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

Qabel ma taġixxi f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-AETS tista' toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

8. Meta l-AETS, abbażi tal-informazzjoni riċevuta bħala parti mill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ u wara d-diskussjonijiet li saru fih, tqis li l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7a ma tiżgurax b'mod effettiv it-tnaqqis tal-iskopertura eċċessiva tal-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u tal-klijenti għall-kontropartijiet ċentrali tal-Grad 2, hija għandha tirrieżamina l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 7a(8), u, fejn meħtieġ, tistabbilixxi perjodu ta' adattament xieraq li ma jaqbiżx it-12-il xahar.”;

(24) L-Artikolu 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 24*

*Sitwazzjonijiet ta' emerġenza*

1. L-awtorità kompetenti tas-CCP jew kwalunkwe awtorità rilevanti oħra għandha tinforma lill-AETS, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, lill-membri rilevanti tas-SEBĊ, lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet rilevanti oħrajn mingħajr dewmien żejjed dwar kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza relatata ma' CCP, inklużi:
  - (a) sitwazzjonijiet jew avvenimenti li jkollhom impatt, jew li x'aktarx ikollhom impatt, fuq is-solidità prudenzjali jew finanzjarja jew ir-reżiljenza tas-CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14, tal-membri tal-ikklerjar tagħhom jew tal-klijenti tagħhom;
  - (b) meta CCP tkun beħsiebha tattiva l-pjan ta' rkupru tagħha skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/23, awtorità kompetenti tkun ħadet miżura ta' intervent bikri skont l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament jew awtorità kompetenti tkun talbet tneħħija totali jew parzjali tal-maniġment superjuri jew tal-bord tas-CCP skont l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament;
  - (c) meta jkun hemm żviluppi fis-swieq finanzjarji, jew swieq oħra meta s-CCP tipprovdi servizzi ta' kklerjar, li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq, it-trażmissjoni tal-politika monetarja, it-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta' pagament jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri fejn tkun stabbilita s-CCP jew wieħed mill-membri tal-ikklerjar tagħha.

2. F'sitwazzjoni ta' emerġenza, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta u aġġornata mingħajr dewmien żejjed biex il-membri tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 18 ikunu jistgħu janalizzaw l-impatt ta' dik is-sitwazzjoni ta' emerġenza b'mod partikolari fuq il-membri tal-ikklerjar tagħhom u l-klijenti tagħhom. Il-membri tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 18 jistgħu jgħaddu l-informazzjoni lill-korpi pubbliċi responsabbli għall-istabbiltà finanzjarja tas-swieq tagħhom, soġġett għall-obbligu tas-segretezza professjonali stabbilit fl-Artikolu 83. L-obbligu tas-segretezza professjonali f'konformità mal-Artikolu 83 għandu japplika għal dawk il-korpi li jirċievu dik l-informazzjoni.
3. Fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza f'CCP waħda jew aktar li jkollha effetti destabilizzanti jew li x'aktarx ikollha effetti destabilizzanti fuq is-swieq transfruntiera, l-AETS għandha tikkoordina l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni maħtura skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/23 u l-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament sabiex jibnu risposta koordinata għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati ma' CCP u jiżguraw kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, il-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.
4. F'sitwazzjoni ta' emerġenza, ħlief meta awtorità ta' riżoluzzjoni tkun qed tiegħu jew tkun ħadet azzjoni ta' riżoluzzjoni b'rabta ma' CCP skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/23, laqgħat ad hoc tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs, sabiex jikkoordinaw ir-risposti tal-awtoritajiet kompetenti:
  - (a) jistgħu jissejgħu mill-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs;

- (b) għandhom jissejħu mill-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs, fuq it-talba ta' żewġ membri tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs.
5. Kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li ġejjin għandha tiġi mistiedna wkoll għall-laqgħa ad hoc imsemmija fil-paragrafu 4, meta rilevanti, meta jitqiesu l-kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi f'dik il-laqgħa:
- (a) il-banek ċentrali rilevanti tal-ħruġ;
  - (b) l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għas-superviżjoni tal-membri tal-ikklerjar, inkluż, meta rilevanti, il-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħti lill-konformità mar-Regolament (UE) Nru 1024/2013;
  - (c) l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għas-superviżjoni taċ-ċentri tan-negozjar;
  - (d) l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għas-superviżjoni tal-klijenti, meta jkunu magħrufa;
  - (e) l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti maħtura skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/23;
  - (f) kwalunkwe membru tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, li mhuwiex diġà kopert mill-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu.

6. Meta ssir laqgħa ad hoc tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs skont il-paragrafu 4, il-President ta' dak il-Kumitat għandu jinforma lill-ABE, lill-AEAPX, lill-BERS, lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\* u lill-Kummissjoni b'dan, u għandhom ukoll jiġu mistiedna jipparteċipaw f'dik il-laqgħa fuq talba tagħhom.

Meta ssir laqgħa wara sitwazzjoni ta' emerġenza kif speċifikat fil-paragrafu 1, il-punt (c), il-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jistieden lill-banek ċentrali rilevanti tal-ħruġ biex jipparteċipaw f'dik il-laqgħa.

7. L-AETS tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha jipprovduha l-informazzjoni meħtieġa biex twettaq il-funzjoni ta' koordinazzjoni tagħha prevista f'dan l-Artikolu.

Meta awtorità kompetenti rilevanti jkollha l-informazzjoni mitluba, hija għandha tgħaddiha lill-AETS mingħajr dewmien żejjed.

Meta awtorità kompetenti rilevanti ma jkollhiex l-informazzjoni mitluba, hija għandha titlob lis-CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14, lill-membri tal-ikklerjar tagħhom jew lill-klijenti tagħhom, lill-infrastrutturi tas-suq finanzjarju konnessi jew lill-partijiet terzi relatati li daww is-CCPs ikunu esternalizzawhom funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali, kif rilevanti u applikabbli, biex jipprovduha dik l-informazzjoni, u għandha tinforma lill-AETS b'dan. Ladarba l-awtorità kompetenti rilevanti tirċievi l-informazzjoni mitluba, hija għandha tgħaddiha lill-AETS mingħajr dewmien żejjed.

Minflok ma titlob l-informazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu, l-awtorità kompetenti rilevanti tista' tippermetti lill-AETS titlob dik l-informazzjoni direttament mill-entità rilevanti. L-AETS għandha tgħaddi l-informazzjoni kollha li tirċievi mingħand dik l-entità lill-awtorità kompetenti rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

Meta l-AETS ma tkunx irċeviet l-informazzjoni li kienet teħtiegħ f'konformità mal-ewwel subparagrafu fi żmien 48 siegħa, hija tista', b'talba sempliċi, titlob lis-CCP awtorizzati, lill-membri tal-ikklerjar tagħhom u lill-klijenti tagħhom, lill-infrastrutturi tas-suq finanzjarju konnessi u lill-partijiet terzi relatati li dawk is-CCPs ikunu esternalizzawhom funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali biex jipprovdulha dik l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed. L-AETS għandha tgħaddi l-informazzjoni kollha li tirċievi mingħand tali entitajiet lill-awtorità kompetenti rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

8. L-AETS tista', fuq il-proposta tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs, toħroġ rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 indirizzati lil awtorità kompetenti waħda jew aktar li jirrakkomandawhom jadottaw deċiżjonijiet superviżorji temporanji jew permanenti skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u fit-Titoli IV u V ta' dan ir-Regolament sabiex jiġu evitati jew jittaffew l-effetti negattivi sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. L-AETS tista' toħroġ tali rakkomandazzjonijiet biss meta aktar minn CCP awtorizzata waħda f'konformità mal-Artikolu 14 tkun affettwata jew meta l-avvenimenti madwar l-Unjoni kollha jkunu qegħdin jiddestabilizzaw is-swieq transfruntiera kklerjati.”;

---

\* Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-risoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Risoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225 30.7.2014, p. 1).’;

(25) L-Artikolu 24a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (d)(ii) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(ii) meta l-Kumitat Superviżorju tas-CCPs jiltaqa’ b’rabta mas-CCPs awtorizzati f’konformità mal-Artikolu 14, fil-kuntest ta’ diskussjonijiet li jappartjenu għall-paragrafu 7 ta’ dan l-Artikolu, il-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti tal-Unjoni tal-istrumenti finanzjarji kklerjati minn CCPs awtorizzati li jkunu talbu sabiex jissieħbu fil-Kumitat Superviżorju tas-CCPs, li ma għandux ikollhom id-dritt tal-vot.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3 Il-President jista’ jistieden bħala osservaturi għal-laqgħat tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs, meta xieraq, membri tal-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 18, rappreżentanti mill-awtoritajiet rilevanti tal-klijenti, meta jkunu magħrufa, u rappreżentanti mill-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-Unjoni.”;

(c) il-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“B’rabta mas-CCPs awtorizzati jew li japplikaw għall-awtorizzazzjoni f’konformità mal-Artikolu 14, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu, għall-fini tal-Artikolu 23a, iħejji deċiżjonijiet u jwettaq il-kompiti fdati lill-AETS fl-Artikolu 23a u fil-punti li ġejjin:”;

(ii) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

“(ba) mill-anqas kull sena, tiddiskuti u tidentifika l-prijoritajiet superviżorji għas-CCPs awtorizzati f’konformità mal-Artikolu 14 ta’ dan ir-Regolament sabiex tikkontribwixxi għat-tnejn tal-prijoritajiet superviżorji strateġiċi madwar l-Unjoni kollha mill-AETS f’konformità mal-Artikolu 29a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(bb) tikkunsidra, b’kooperazzjoni mal-ABE, mal-AEAPX u mal-BĊE fit-tweqqif tal-kompiti tagħha fi ħdan mekkaniżmu superviżorju uniku skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, kwalunkwe riskju transfruntier li jinħoloq mill-attivitajiet tas-CCPs inkluż minħabba l-interkonnnettività, l-interkonnnessjonijiet u r-riskji ta’ konċentrazzjoni tas-CCPs minħabba tali konnessjonijiet transfruntiera;

- (bc) tnejji abbozzi ta' opinjonijiet għall-adozzjoni mill-Bord tas-Superviżuri f'konformità mal-Artikoli 17 u 17b, abbozzi ta' validazzjonijiet għall-adozzjoni mill-Bord tas-Superviżuri f'konformità mal-Artikolu 49 u abbozzi ta' deċizzjonijiet għall-adozzjoni mill-Bord tas-Superviżuri f'konformità mal-Artikolu 49a;
  - (bd) tipprovdi kontribut lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 17a;
  - (be) tinforma lill-Bord tas-Superviżuri meta awtorità kompetenti ma tikkonformax jew ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma mal-opinjonijiet tal-AETS jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fihom, inkluż ir-raġunament mill-awtorità kompetenti, f'konformità mal-Artikolu 17(3c) u l-Artikolu 17b(4).”;
- (iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:
- “L-AETS għandha, fuq bażi annwali, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar ir-riskji transfruntiera li jinħolqu mill-attivitajiet tal-kontropartijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (bb).”;

(26) fl-Artikolu 24b, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġejj:

- “1. Fir-rigward tal-valutazzjonijiet superviżorji mwettqa b'rabta mal-Artikoli 41, 44, 46, 50 u 54 u deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu skont dawn l-Artikoli li jirrigwardaw CCPs tal-Grad 2, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jikkonsulta lill-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmijin fl-Artikolu 25(3), il-punt (f). Kull bank ċentrali tal-ħruġ jista' jirrispondi. Meta l-bank ċentrali tal-ħruġ jiddeċiedi li jwieġeb, huwa għandu jagħmel dan fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi l-abbozz ta' deċiżjoni. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, dak il-perjodu ma għandux jaqbeż l-24 siegħa. Meta bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi jew joġġezzjona għall-valutazzjonijiet relatati jew l-abbozzi ta' deċiżjonijiet skont l-Artikoli 41, 44, 46, 50 u 54, għandu jipprovdi r-raġunijiet kollha u fid-dettall, bil-miktub. Malli jiskadi l-perjodu għall-konsultazzjoni, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jikkunsidra b'mod debitur-risposta u kwalunkwe emenda proposta mill-banek ċentrali tal-ħruġ u jipprovdi l-valutazzjoni tiegħu lill-bank ċentrali tal-ħruġ.
2. Meta l-Kumitat Superviżorju tas-CCPs ma jirriflettix fl-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu l-emendi proposti minn bank ċentrali tal-ħruġ, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jinforma lil dak il-bank ċentrali tal-ħruġ bil-miktub waqt li jiddikjara r-raġunijiet kollha tiegħu għalfejn ma jkunx ħa kont tal-emendi proposti minn dak il-bank ċentrali tal-ħruġ, u jipprovdi spjegazzjoni għal kwalunkwe devjazzjoni minn dawk l-emendi. Il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jippreżenta lill-Bord tas-Superviżuri r-risposti riċevuti u l-emendi proposti minn banek ċentrali tal-ħruġ u l-isjegazzjonijiet tiegħu għalfejn ma jkunx ħa kont tagħhom flimkien mal-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu.”;

(27) L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Id-deċiżjoni dwar ir-rikonossiment għandha tkun ibbażata fuq il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 għas-CCPs tal-Grad 1 u fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (d), u l-paragrafu 2b għas-CCPs tal-Grad 2. Fi żmien 180 jum tax-xogħol mid-determinazzjoni li applikazzjoni hija kompluta f'konformità mat-tieni subparagrafu, l-AETS għandha tinforma lis-CCP applikanti bil-miktub, bi spjegazzjoni motivata bis-sħiħ, jekk ir-rikonossiment ikunx ingħata jew ġie rrifjutat.”;

(b) fil-paragrafu 5, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:

“Meta r-rieżami jsir f'konformità mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, is-CCP ma għandhiex tkun meħtieġa tippreżenta applikazzjoni ġdida għar-rikonossiment, iżda għandha tforni lill-AETS l-informazzjoni kollha meħtieġa biex l-AETS tirrieżamina r-rikonossiment tagħha Meta l-AETS twettaq rieżami tar-rikonossiment ta' CCP stabbilita f'pajjiż terz f'konformità mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-AETS ma għandhiex tittratta tali rieżami bħala applikazzjoni għar-rikonossiment għas-CCP rikonossuta rilevanti.”;

(c) fil-paragrafu 6, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Meta jkun fl-interessi tal-Unjoni u meta jitqiesu r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni minħabba l-parteċipazzjoni mistennija tal-membri tal-ikklerjar u taċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni f’CCPs stabbiliti f’pajjiż terz, il-Kummissjoni tista’ tadotta l-att ta’ implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu, irrispettivament minn jekk il-punt (c) ta’ dak is-subparagrafu jkunx ġie ssodisfat.”;

(d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘7. L-AETS għandha tistabbilixxi arranġamenti ta’ kooperazzjoni effettivi mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta’ pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dan ir-Regolament f’konformità mal-paragrafu 6.

- 7a. Meta l-AETS tkun għadha ma ddeterminatx il-gradazzjoni ta' CCP jew meta l-AETS tkun iddeterminat li s-CCPs kollha jew uħud minnhom f'pajjiż terz rilevanti jkunu CCPs tal-Grad 1, l-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 għandhom iqisu r-riskju li jinvolvi l-forniment ta' servizzi tal-ikklerjar minn dawk is-CCPs u għandhom jispeċifikaw:
- (a) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni fuq bażi annwali bejn l-AETS, il-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (f), u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, sabiex l-AETS tkun tista':
    - (i) tiżgura li s-CCP tikkonforma mal-kundizzjonijiet għar-rikonnoxximent skont il-paragrafu 2;
    - (ii) tidentifika kwalunkwe impatt materjali potenzjali fuq il-likwidità tas-suq jew fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha; u
    - (iii) timmonitorja l-attivitajiet tal-ikklerjar f'wieħed jew aktar mis-CCPs stabbiliti f'tali pajjiż terz minn membri tal-ikklerjar stabbiliti fl-Unjoni, jew li huma parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata fl-Unjoni;

- (b) b'mod eċċezzjonali, il-mekkaniżmu għall-iskambju tal-informazzjoni fuq bażi trimestrali li jitlob informazzjoni dettaljata li tkopri l-aspetti msemmija fil-paragrafu 2a, u b'mod partikolari informazzjoni dwar bidliet sinifikanti fil-mudelli u l-parametri tar-riskju, dwar l-estensjoni tal-attivitajiet u s-servizzi tas-CCPs u dwar il-bidliet fl-istruttura tal-kont tal-klijent, bil-għan li jiġi identifikat jekk CCP hijiex potenzjalment qrib li ssir jew potenzjalment x'aktarx li ssir sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha kif ukoll il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi tas-suq li jista' jkollhom konsegwenzi fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni;
- (c) il-mekkaniżmu għan-notifika fil-pront lill-AETS meta awtorità kompetenti ta' pajjiż terz tqis li CCP taħt is-superviżjoni tagħha tkun qed tikser il-kundizzjonijietonijiet tal-awtorizzazzjoni tagħha jew liġi oħra li għaliha tkun soġġetta;
- (d) il-mekkaniżmu għal notifika fil-pront lill-AETS mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz meta s-CCP tal-pajjiż terz li tkun taħt superviżjoni minn dik l-awtorità kompetenti jkollha l-intenzjoni li testendi jew tnaqqas l-attivitajiet jew is-servizzi tal-ikklerjar tagħha;
- (e) il-proċeduri neċessarji għall-monitoraġġ effettiv tal-iżviluppi regolatorji u superviżorji f'pajjiż terz;

- (f) il-proċeduri għal awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex jinformat lill-AETS, lill-kulleġġ tas-CCP ta' pajjiżi terzi msemmi fl-Artikolu 25c u lill-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (f), mingħajr dewmien bla bżonn bi kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza relatata ma' CCP rikonoxxuta, inklużi żviluppi fis-swieq finanzjarji, li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni jew f'wieħed mill-Istati Membri tagħha u l-proċeduri u l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-indirizzar ta' tali sitwazzjonijiet;
- (g) il-proċeduri għal awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw l-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet adottati mill-AETS f'konformità mal-Artikoli 25f, 25j, l-Artikolu 25k(1), il-punt (b), u l-Artikoli 25l, 25m u 25p;
- (h) il-kunsens tal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għall-kondiviżjoni suċċessiva ta' kwalunkwe informazzjoni li jkunu pprovdew lill-AETS skont l-arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3 u mal-membri tal-kulleġġ tas-CCPs ta' pajjiżi terzi, soġġett għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali stabbiliti fl-Artikolu 83.

- 7b. Meta l-AETS tkun iddeterminat li mill-anqas CCP waħda f'pajjiż terz rilevanti tkun CCP tal-Grad 2, l-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 għandhom jispeċifikaw b'rabta ma' dawg is-CCPs tal-Grad 2 mill-anqas dawn li ġejjin:
- (a) l-elementi msemmija fil-paragrafu 7a, il-punti (a), (c), (e), (f) u (h), meta l-arranġamenti ta' kooperazzjoni ma jkunux diġà stabbiliti mal-pajjiż terz rilevanti skont dak il-paragrafu;
  - (b) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni fuq bażi ta' mill-anqas kull xahar, kif xieraq, bejn l-AETS, il-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (f), u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni kollha mitluba mill-AETS sabiex tiġi żgurata l-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2b;
  - (c) il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet superviżorji, inkluż il-qbil tal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex jippermettu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f'konformità mal-Artikoli 25g u 25h, rispettivament;
  - (d) il-proċeduri għall-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw l-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet adottati mill-AETS f'konformità mal-Artikoli 25b, 25f sa 25m, 25p u 25q;

- (e) il-proċeduri għal awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex:
- (i) jikkonsultaw lill-AETS dwar it-tnejn u l-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u dwar it-tnejn tal-pjanijiet ta' rizzoluzzjoni fir-rigward ta' aspetti rilevanti għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha;
  - (ii) jinformat lill-AETS mingħajr dewmien dwar l-istabbiliment tal-pjanijiet ta' rkupru u tal-pjanijiet ta' rizzoluzzjoni u dwar kwalunkwe bidla materjali sussegwenti għal dawk il-pjanijiet fir-rigward ta' aspetti rilevanti għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha;
  - (iii) jinformat lill-AETS mingħajr dewmien jekk CCP tal-Grad 2 ikollha l-ħsieb li tattiva l-pjan ta' rkupru tagħha jew meta l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jkunu ddeterminaw li hemm indikazzjonijiet ta' sitwazzjoni ta' kriżi emerġenti li tista' taffettwa l-operazzjonijiet ta' dik is-CCP tal-Grad 2, b'mod partikolari, il-kapaċità tagħha li tipprova servizzi tal-ikklerjar jew meta l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jipprevedu li jieħdu azzjoni ta' rizzoluzzjoni fil-futur qrib.

7c. Meta l-AETS tqis li awtorità kompetenti ta' pajjiżi terzi tonqos milli tapplika kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet stipulati f'arranġament ta' kooperazzjoni stabbilit f'konformità mal-paragrafi 7, 7a u 7b, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan b'mod kunfidenzjali u mingħajr dewmien. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrieżamina l-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 6.”;

(28) fl-Artikolu 25a, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tipprovdi bażi fattwali għall-konstatazzjoni ta' komparabbiltà u r-raġunijiet għalfejn il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli fil-pajjiż terz tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V. Is-CCP tal-Grad 2 għandha tippreżenta t-talba motivata tagħha msemmija fil-paragrafu 1 f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali.

L-AETS għandha tagħti konformità komparabbli, b'mod parzjali jew totali, meta tiddeċiedi, abbażi tat-talba motivata msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li s-CCP tal-Grad 2 fil-konformità tagħha mar-rekwiżiti rilevanti applikabbli fil-pajjiż terz titqies konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V u b'hekk tissodisfa r-rekwiżit għal rikonoxximent skont l-Artikolu 25(2b), il-punt (a).

L-AETS għandha tirtira, b'mod totali jew fir-rigward ta' rekwiżit partikolari, il-konformità komparabbli, meta s-CCP tal-Grad 2 ma tibqax tirrispetta l-kundizzjonijiet għall-konformità komparabbli u meta tali CCP ma tkunx ħadet azzjoni ta' rimedju mitluba mill-AETS fil-perjodu ta' żmien stabbilit. Meta tkun qed tiddetermina d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-irtirar tal-konformità komparabbli, l-AETS għandha tagħmel ħilitha biex tipprevedi perjodu ta' adattament adegwat li ma jaqbixx sitt xhur.

Jekk l-AETS tagħti konformità komparabbli, hija għandha tkompli tkun responsabbli mill-qadi ta' dmirijietha u li twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont l-Artikoli 25 u 25b, u għandha tkompli teżerċita s-setgħat tagħha msemmija fl-Artikoli 25c, 25d, 25f sa 25m, 25p u 25q.

Mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-AETS li twettaq dawk il-kompiti skont dan ir-Regolament, meta l-AETS tagħti konformità komparabbli, hija għandha taqbel fuq arranġamenti amministrattivi mal-awtorità tal-pajjiż terz ħalli tiżgura skambju ta' informazzjoni xierqa u kooperazzjoni bil-għan li l-AETS timmonitorja li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti għall-konformità komparabbli fuq bażi kontinwa.”;

(29) fl-Artikolu 25b(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-AETS għandha titlob minn kull CCP tal-Grad 2 dawn kollha li ġejjin:

- (a) konferma, mill-anqas fuq bażi annwali, li r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 25(2b), il-punti (a), (c) u (d), għadhom qegħdin jiġu ssodisfati;
- (b) informazzjoni u *data* fuq bażi regolari sabiex jiġi żgurat li l-AETS tkun tista' twettaq supervizzjoni tal-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 25(2b), il-punt (a).”;

(30) fl-Artikolu 25f, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-AETS tista' b'talba sempliċi jew b'deċiżjoni, titlob li s-CCPs rikonoxxuti u l-partijiet terzi relatati li lilhom dawk is-CCPs ikunu esternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali biex jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja biex l-AETS tkun tista' timmonitorja l-forniment ta' dawk is-CCPs ta' servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar fl-Unjoni u twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu u mitluba b'talba sempliċi tista' tkun ta' natura perjodika jew ta' darba.”;

(31) l-Artikolu 25o huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 25o*

*Emendi għall-Annessi III u IV*

Sabiex jittieħed kont tal-emendi għall-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 sabiex tiżgura li l-ksur skont l-Anness III jikkorrispondi għar-rekwiżiti skont l-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V.

Sabiex jiġu kkunsidrati żviluppi fis-swieq finanzjarji, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 dwar miżuri għall-emendar tal-Anness IV.”;

(32) l-Artikolu 25p huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) is-CCP ikkonċernata tkun kisret b'mod serju u sistematiku kwalunkwe rekwiżit applikabbli stabbilit f'dan ir-Regolament jew ma tkunx għadha konformi mal-ebda kundizzjoni għar-rikonoxximent stabbilita fl-Artikolu 25, u ma tkunx ħadet l-azzjoni ta' rimedju mitluba mill-AETS f'perjodu ta' żmien xieraq sa massimu ta' sena.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Qabel ma tirtira r-rikonoxximent f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (c), l-AETS għandha tqis il-possibbiltà li tapplika miżuri skont l-Artikolu 25q(1), il-punti (a), (b) u (c).

Jekk l-AETS tiddetermina li ma tkunx ittieħdet azzjoni ta' rimedju fil-perjodu ta' żmien stabbilit f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu jew li l-azzjoni meħuda ma tkunx xierqa, u wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet imsemmijin fl-Artikolu 25(3), l-AETS għandha tirtira d-deċiżjoni tar-rikonoxximent.”;

(33) l-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta’ interoperabbiltà skont it-Titolu V jew għat-tmexxija tal-politika ta’ investiment f’konformità mal-Artikolu 47, CCP ma għandhiex tkun jew issir membru tal-ikklerjar, klijent, jew tistabbilixxi arranġamenti tal-ikklerjar indiretti ma’ membru tal-ikklerjar bil-għan li twettaq attivitajiet ta’ kkerjar f’CCP.”;

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“8. Is-CCP għandha tkun soġġetta għal verifiki frekwenti u indipendenti. Ir-riżultati ta’ dawk il-verifiki għandhom ikunu komunikati lill-bord tas-CCP u għandhom jiġu magħmula disponibbli lill-AETS u lill-awtorità kompetenti tas-CCP.”;

(34) fl-Artikolu 27, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Il-kompożizzjoni tal-bord tas-CCP għandha tqis b’mod xieraq il-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri.”;

(35) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. CCP għandha tistabbilixxi kumitat tar-riskju, li għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-membri tal-ikklerjar tagħha, membri indipendenti tal-bord u rappreżentanti tal-klijenti tagħha. Il-kumitat tar-riskju jista' jistieden lill-impjegati tas-CCP u lil esperti indipendenti esterni biex jattendu laqgħat tal-kumitat tar-riskju f'kapaċità mingħajr id-dritt tal-vot. L-AETS u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu li jattendu l-laqgħat tal-kumitat tar-riskju f'kapaċità mingħajr id-dritt tal-vot u li jkunu infurmati kif xieraq bl-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tal-kumitat tar-riskju. Il-parir tal-kumitat tar-riskju għandu jkun indipendenti minn kwalunkwe influwenza diretta mill-maniġment tas-CCP. L-ebda mill-gruppi ta' rappreżentanti m'għandu jkollu maġġoranza fil-kumitat tar-riskju.”;

(b) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“4. Mingħajr preġudizzjoni għad-dritt tal-AETS u tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu infurmati kif dovut, il-membri tal-kumitat tar-riskju għandhom ikunu marbuta bil-kunfidenzjalità. Meta l-president tal-kumitat tar-riskju jiddetermina li membru effettivament jew potenzjalment għandu kunflitt ta' interess fuq kwistjoni partikolari, dak il-membri ma għandux jitħalla jivvota fuq dik il-kwistjoni.

5. CCP għandha tgħarraf minnufih lill-AETS, lill-awtorità kompetenti u lill-kumitat tar-riskju bi kwalunkwe deċiżjoni meta l-bord jiddeċiedi li ma jsegwix il-pariri tal-kumitat tar-riskju u tispjega tali deċiżjoni. Il-kumitat tar-riskju jew kwalunkwe membru tal-kumitat tar-riskju jista' jgħarraf lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe qasam fejn huwa jqis li l-pariri tal-kumitat tar-riskju ma għewx segwiti.”;

(36) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 30*

*Azzjonisti u membri b'parteċipazzjoni kwalifikanti*

1. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tawtorizza CCP sakemm ma tkunx għet infurmata bl-identitajiet tal-azzjonisti jew membri, kemm jekk diretti jew indiretti, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li għandhom parteċipazzjoni kwalifikanti u bl-ammonti ta' dawn il-parteeċipazzjonijiet.
2. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tawtorizza lil CCP meta ma tkunx sodisfatta dwar l-adattezza tal-azzjonisti jew il-membri li għandhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-CCP, meta tikkunsidra l-bżonn li tiġi żgurata l-ġestjoni soda u prudenti ta' CCP. Meta jkun ġie stabbilit kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, dak il-kulleġġ għandu joħroġ opinjoni dwar l-adattezza tal-azzjonisti jew tal-membri li jkollhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-CCP, skont l-Artikolu 19 f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17b.

3. Meta jeżistu konnessjonijiet mill-qrib bejn is-CCP u persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra, l-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni biss meta dawk il-konnessjonijiet ma jipprevjenux l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji.
4. Meta l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jeżerċitaw influwenza li aktarx li tkun ta' preġudizzju għall-ġestjoni soda u prudenti tas-CCP, l-awtorità kompetenti għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex ittemm din is-sitwazzjoni, liema azzjoni tista' tinkludi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tas-CCP. Il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 għandu joħroġ opinjoni dwar jekk l-influwenza hijiex probabbli li tkun ta' preġudizzju għall-ġestjoni soda u prudenti tas-CCP u dwar il-miżuri previsti biex tintemm dik is-sitwazzjoni, skont l-Artikolu 19 u f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17b.
5. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tawtorizza s-CCP meta l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' pajjiż terz li jirregolaw persuna fiżika jew ġuridika jew iżjed minn persuna waħda li dik is-CCP ikollha konnessjonijiet mill-qrib magħha/magħhom, jew diffikultajiet involuti fl-infurzar tagħhom, jipprevjenu l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji.”;

(37) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tielet u r-raba' subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

“L-awtorità kompetenti għandha, minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta tirċievi n-notifika msemmija f'dan il-paragrafu u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, tirrikonoxxi mal-akkwiredent jew mal-bejjiegħ propost, bil-miktub li tkun irċeviethom u tikkondividi l-informazzjoni mal-AETS u mal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18.

Fi żmien 60 jum tax-xogħol mid-data tal-konferma bil-miktub tar-riċevuta tan-notifika u tad-dokumenti kollha meħtieġa li jiġu mehmuża man-notifika abbażi tal-lista msemmija fl-Artikolu 32(4) u sakemm ma jkunux estiżi f'konformità ma' dan l-Artikolu (“il-perjodu ta' valutazzjoni”), l-awtorità kompetenti għandha twettaq il-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 32(1) (“il-valutazzjoni”). Il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 għandu joffri opinjoni skont l-Artikolu 19 u l-AETS għandha toħroġ opinjoni skont l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc) u f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17b matul il-perjodu ta' valutazzjoni.”;

(b) fl-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-awtorità kompetenti għandha, f'isimha stess u meta mitluba mill-AETS jew mill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, mingħajr dewmien żejjed matul il-perjodu ta' valutazzjoni, meta jkun meħtieġ, iżda mhux aktar tard mill-50 jum tax-xogħol tal-perjodu ta' valutazzjoni, titlob tali informazzjoni ulterjuri li tkun meħtieġa sabiex titlesta l-valutazzjoni. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.”;

(38) fl-Artikolu 32(1), ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti dwar in-notifika prevista fl-Artikolu 31(2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(3), għandha tkun soġġetta għal opinjoni tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 skont l-Artikolu 19 u opinjoni tal-AETS skont l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.”;

(39) l-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“CCP ma għandhiex testernalizza attivitajiet ewlenin marbuta mal-ġestjoni tar-riskju għajr jekk din l-esternalizzazzjoni tiġi approvata mill-awtorità kompetenti. Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti għandha tkun soġġetta għal opinjoni tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 skont l-Artikolu 19 u għal opinjoni tal-AETS skont l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. CCP għandha tagħmel l-informazzjoni kollha meħtieġa disponibbli, fuq talba, sabiex l-awtorità kompetenti, l-AETS u l-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 ikunu jistgħu jivvalutaw il-konformità tat-twertiq tal-attivitajiet esternalizzati ma' dan ir-Regolament.”;

(40) l-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. CCP għandha tistabbilixxi, meta rilevanti għal kull tip ta' prodott ikklerjat, il-kategoriji ta' membri tal-ikklerjar ammissibbli u l-kriterji ta' ammissjoni, fuq il-parir tal-kumitat tar-riskju skont l-Artikolu 28(3). Tali kriterji għandhom ikunu mhux diskriminatorji, trasparenti u oġġettivi sabiex jiġi żgurat aċċess ġust u miftuħ għas-CCP u għandhom jiżguraw li l-membri tal-ikklerjar ikollhom riżorsi finanzjarji u kapacià operazzjonali suffiċjenti sabiex jissodisfaw l-obbligi li jinħolqu mill-parteċi-pazzjoni f'CCP. Il-kriterji li jirrestrinġu l-aċċess għandhom ikunu permessi biss sal-punt li l-għan tagħhom ikun li jikkontrollaw ir-riskju għas-CCP. Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' interoperabbiltà skont it-Titolu V jew għat-tmexxija tal-politika ta' investiment tas-CCP f'konformità mal-Artikolu 47, il-kriterji għandhom jiżguraw li s-CCPs jew il-kmamar tal-ikklerjar ma jistgħux ikunu membri tal-ikklerjar, direttament jew indirettament, tas-CCP.

1a. CCP għandha taċċetta kontropartijiet mhux finanzjarji bħala membri tal-ikklerjar biss jekk dawk il-kontropartijiet mhux finanzjarji jkunu jistgħu juru kif għandhom l-intenzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marġni u l-kontribuzzjonijiet għal fond tal-inadempjenza, inkluż f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress.

L-awtorità kompetenti ta' CCP li taççetta kontropartijiet mhux finanzjarji bħala membri tal-ikklerjar għandha tirrieżamina regolament l-arranġamenti stabbiliti mis-CCP biex timmonitorja li tintlaħaq il-kundizzjoni skont l-ewwel subparagrafu. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tirrapporta fuq bażi annwali lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 dwar il-prodotti kklerjati minn dawk il-kontropartijiet mhux finanzjarji, l-esponiment ġenerali tagħhom u kwalunkwe riskju identifikat.

Kontroparti mhux finanzjarja li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar ta' CCP tista' tipprovdi servizzi tal-ikklerjar tal-klijenti lil kontropartijiet finanzjarji li huma parti mill-istess grupp bħal dik il-kontroparti mhux finanzjarja biss u tista' żżomm biss kontijiet fis-CCP għall-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma għall-kont proprju tagħha jew il-kont ta' dawk il-kontropartijiet mhux finanzjarji.

L-AETS tista' toħroġ opinjoni jew rakkomandazzjoni dwar l-adeqwatezza ta' tali arranġamenti wara rieżami bejn il-pari ad hoc.”;

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“7. L-AETS, wara li tikkonsulta mal-EBA u mas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati meta CCP:

(a) tistabbilixxi l-kriterji ta' ammissjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1;

- (b) tivvaluta l-kapaċità tal-kontropartijiet mhux finanzjarji li jaġixxu bħala membri tal-ikklerjar biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marġni u l-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza msemmija fil-paragrafu 1a.

Meta tħejji dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-AETS għandha tqis:

- (a) il-modalitajiet u l-ispeċifikitajiet li permezz tagħhom il-kontropartijiet mhux finanzjarji jistgħu, jew diġà, jaċċessaw is-servizzi tal-ikklerjar, inkluż bħala membri tal-ikklerjar diretti f' mudelli sponsorjati;
- (b) il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess dirett prudenzjalment sod ta' kontropartijiet mhux finanzjarji għas-servizzi u l-attivitajiet tal-ikklerjar tas-CCP;
- (c) il-ħtieġa li tiġi żgurata l-proporzjonalità;
- (d) il-ħtieġa li tiġi żgurata ġestjoni effettiva tar-riskji.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(41) L-Artikolu 38 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 38*

*Trasparenza*

1. CCP u l-membri tal-ikklerjar tagħha għandhom pubblikament jiżvelaw il-prezzijiet u t-tariffi assoċjati mas-servizzi furnuti. Għandhom jiżvelaw il-prezzijiet u t-tariffi ta' kull servizz furnut separatament, inklużi skontijiet u ribassi u l-kundizzjonijiet li jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis. CCP għandha tippermetti l-membri tal-ikklerjar tagħha u, meta rilevanti, il-klijenti tagħhom, aċċess separat għas-servizzi speċifiċi furnuti.

CCP għandha tagħti rendikont separat tal-ispejjeż u d-dħul tas-servizzi furnuti u għandha tiżvela dik l-informazzjoni lill-AETS u lill-awtorità kompetenti.

2. CCP għandha tiżvela lill-membri tal-ikklerjar u l-klijenti r-riskji assoċjati mas-servizzi furnuti.
3. CCP għandha tiżvela lill-AETS, lill-membri tagħha tal-ikklerjar u lill-awtorità kompetenti tagħha l-informazzjoni dwar il-prezz użata għall-kalkolu tal-iskoperturi tagħha fi tmiem il-jum lill-membri tal-ikklerjar tagħha.

CCP għandha tiżvela pubblikament il-volumi tat-tranżazzjonijiet ikklerjati għal kull klassi ta' strumenti kklerjata mill-kontroparti ċentrali fuq bażi aggregata.

4. CCP għandha tiżvela pubblikament ir-rekwiżiti operattivi u tekniċi marbutin mal-protokoll tal-komunikazzjoni li jkopru l-format tal-kontenut u tal-messaġġ li tuża fl-interazzjoni ma' terzi, inklużi ir-rekwiżiti operattivi u tekniċi msemmija fl-Artikolu 7.
5. CCP għandha tiżvela pubblikament kull ksur mill-membri tal-ikklerjar tal-kriterji msemmijin fl-Artikolu 37(1) u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ħlief meta l-awtorità kompetenti tikkunsidra li żvelar ta' dan it-tip ikun jikkostitwixxi theddida għall-istabbiltà finanzjarja jew il-fiduċja tas-suq jew jipperikola serjament is-swieq finanzjarji jew jikkawża danni sproporzjonati lill-partijiet involuti.
6. CCP għandha tipprovdi għodda ta' simulazzjoni lill-membri tal-ikklerjar tagħha li tippermettilhom jiddeterminaw l-ammont tal-marġni inizjali addizzjonali, fil-livell ta' portafoll, li s-CCP tista' tirrikjedi mal-ikklerjar ta' tranżazzjoni għdida, inkluża simulazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġni li jaf ikunu soġġetti għalihom f'xenarji differenti. Dik l-għodda għandha tkun aċċessibbli biss fuq bażi ta' aċċess sigur, u r-risultati tas-simulazzjoni ma għandhomx ikunu vinkolanti.

7. CCP għandha tforni lill-membri tal-ikklerjar tagħha informazzjoni dwar il-mudelli tal-marġni inizjali li tuża, inklużi metodoloġiji għal kwalunkwe suppliment, b'mod ċar u trasparenti. Dik l-informazzjoni għandha:
- (a) tispjega b'mod ċar id-disinn tal-mudell tal-marġni inizjali u kif jaħdem, inkluż f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress;
  - (b) tiddekrivi b'mod ċar is-suppożizzjonijiet u l-limitazzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-marġni inizjali u ċ-ċirkostanzi li taħthom dawn is-suppożizzjonijiet ma jkunux iżjed validi;
  - (c) tkun iddokumentata.
8. Il-membri tal-ikklerjar li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar għandhom jipprovdu lill-klijenti tagħhom b'mill-inqas dan li ġej:
- (a) informazzjoni dwar il-mod kif jaħdmu l-mudelli tal-marġni tas-CCP;
  - (b) informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet u l-kundizzjonijiet li jistgħu jiskattaw sejħiet tal-marġni;
  - (c) informazzjoni dwar il-proċeduri użati biex jiġi stabbilit l-ammont li għandu jiġi depożitat mill-klijenti; u
  - (d) simulazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġni li l-klijenti jistgħu jkunu soġġetti għalihom f'xenarji differenti.

Għall-finijiet tal-punt (d), is-simulazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġni għandha tiżgura li s-simulazzjoni tinkludi kemm il-marġnijiet meħtieġa mis-CCP kif ukoll kwalunkwe marġni addizzjonali meħtieġ mill-membri tal-ikklerjar u mill-klijenti li jipprovdu s-servizzi tal-ikklerjar infushom. Ir-riżultati ta' tali simulazzjoni ma għandhomx ikunu vinkolanti.

Fuq talba ta' membru tal-ikklerjar, CCP għandha, mingħajr dewmien żejjed, tipprovdi lil dak il-membru tal-ikklerjar bl-informazzjoni mitluba biex dak il-membru tal-ikklerjar ikun jista' jikkonforma mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, sakemm tali informazzjoni ma tkunx diġà pprovduta skont il-paragrafi 1 sa 7. Meta l-membru tal-ikklerjar jew klijent jipprovdi servizzi tal-ikklerjar, u meta xieraq, għandhom jittrażmettu dik l-informazzjoni lill-klijenti tagħhom.

9. Il-membri tal-ikklerjar tas-CCP u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar għandhom jinformat b'mod ċar lill-klijenti eżistenti u potenzjali tagħhom dwar it-telf potenzjali jew kostijiet oħrajn li jistgħu jġarrbu bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ġestjoni ta' inadempjenza u l-arranġamenti ta' allokkazzjoni tat-telf u tal-pożizzjoni skont ir-regoli operattivi tas-CCP, inkluż it-tip ta' kumpens li jistgħu jirċievu, filwaqt li jqisu l-Artikolu 48(7). Il-klijenti għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni dettaljata suffiċjenti biex jiġi żgurat li jifhmu t-telf tal-aġar każ u spejjeż oħra li jistgħu jiffaċċjaw li kieku s-CCP tiegħu miżuri ta' rkupru.

10. L-AETS, f'kooperazzjoni mal-EBA u mas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tkompli tispeċifika:
- (a) ir-rekwiżiti li l-għodda ta' simulazzjoni għandha tikkonforma magħhom u t-tip ta' output li għandu jiġi pprovdut skont il-paragrafu 6;
  - (b) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mis-CCPs lill-membri tal-ikklerjar rigward it-trasparenza tal-mudelli tal-marġni skont il-paragrafu 7;
  - (c) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar lill-klijenti tagħhom skont il-paragrafi 7 u 8; u
  - (d) ir-rekwiżiti li s-simulazzjoni tal-marġni li għandha tiġi pprovduta lill-klijenti u t-tip ta' output li għandu jiġi pprovdut skont il-paragrafu 8.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(42) fl-Artikolu 40, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(4) u (5), u bl-objettiv li jiġi ffaċilitat l-ikklerjar ċentrali minn entitajiet tas-settur pubbliku, l-AETS għandha, sa... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju], toħroġ linji gwida f’konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jispeċifikaw il-metodu li għandu jintuża mis-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14 ta’ dan ir-Regolament għall-kalkolu tal-iskoperturi u tal-kontribuzzjonijiet, jekk ikun hemm, għar-riżorsi finanzjarji tas-CCPs minn entitajiet tas-settur pubbliku li jipparteċipaw f’tali CCPs, filwaqt li jitqies kif xieraq il-mandat tal-entitajiet tas-settur pubbliku.”;

(43) fl-Artikolu 41, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b’dan li ġej:

‘1. CCP għandha timponi, tappella u tiġbor marġnijiet sabiex tillimita l-iskopertura tal-kreditu tagħha mill-membri tal-ikklerjar tagħha u, meta rilevanti, minn CCPs li magħhom ikollha arranġamenti ta’ interoperabbiltà. Tali marġnijiet għandhom ikunu suffiċjenti sabiex ikopru l-iskoperturi potenzjali li s-CCP tqis li se jinħolqu sal-likwidazzjoni tal-pożizzjonijiet rilevanti. Għandhom ikunu wkoll suffiċjenti sabiex ikopru t-telf li jirriżulta minn mill-anqas 99 % tal-movimenti fl-iskoperturi fuq perjodu ta’ żmien xieraq u għandhom jiżguraw li s-CCP tikkollateralizza bis-sħiħ l-iskoperturi tagħha mal-membri tal-ikklerjar kollha tagħha u, meta rilevanti, mas-CCP li magħhom ikollha arranġamenti ta’ interoperabbiltà, mill-anqas fuq bażi ta’ kuljum. CCP għandha timmonitorja u tirrevedi kontinwament il-livell tal-marġni tagħha sabiex ikun jirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq, filwaqt li tqis kwalunkwe effett potenzjalment proċikliku ta’ tali revizzjonijiet.

2. CCP għandha tadotta mudelli u parametri fid-determinazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġni tagħha li jaqdbu l-karatteristiċi tar-riskju tal-prodotti klerjati u li jikkunsidraw l-intervall bejn il-ġbir tal-marġni, il-likwidità tas-suq u l-possibbiltà ta' bidliet tul id-durata tat-tranżazzjoni. Il-mudelli u l-parametri għandhom jiġu vvalidati mill-awtorità kompetenti u jkunu soġġetti għal opinjoni mill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 f'konformità mal-Artikolu 19 u opinjoni mill-AETS f'konformità mal-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), maħruġa f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17b.
3. CCP għandha ssejjaħ il-marġnijiet u tiġborhom fuq bażi tal-istess ġurnata, mill-anqas meta jinqabżu l-limiti predefiniti. Meta tagħmel dan, CCP għandha tikkunsidra, sa fejn ikun possibbli, l-impatt potenzjali tal-ġbir tal-marġni u tal-pagamenti fl-istess ġurnata fuq il-pożizzjoni ta' likwidità tal-parteciċipanti tagħha u fuq ir-reżiljenza tas-CCP. CCP ma għandhiex, sa fejn ikun possibbli, iżżomm pagamenti tal-marġni ta' varjazzjoni tal-istess ġurnata wara li tkun ġabret tali pagamenti kollha dovuti.”;

(44) fl-Artikolu 44(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“CCP għandha tkejjel, fuq bażi ta' kuljum, il-ħtiġijiet ta' likwidità potenzjali tagħha. Hija għandha tqis ir-riskju tal-likwidità ġġenerat mill-inadempjenza ta' mill-inqas iż-żewġ entitajiet li għalihom għandha l-akbar skoperturi u li huma membri tal-ikklerjar jew fornituri tal-likwidità, esklużi l-banek ċentrali.”;

(45) L-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. CCP għandha taċċetta kollateral likwidu ħafna b'riskju minimu ta' kreditu u tas-suq sabiex tkopri l-iskopertura inizjali u kontinwa tagħha għall-membri tal-ikklerjar tagħha.

CCP tista', dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet rilevanti, taċċetta garanziji pubbliċi, garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali, sakemm dawn ikunu disponibbli mingħajr kundizzjonijiet fuq talba fil-perjodu ta' likwidazzjoni msemmi fl-Artikolu 41.

CCP għandha tistabbilixxi fir-regoli operattivi tagħha l-livell minimu aċċettabbli ta' kollateralizzazzjoni għall-garanziji li taċċetta u tista' tispeċifika li tista' taċċetta garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali kompletament mhux kollateralizzati. CCP tista' taċċetta garanziji pubbliċi, garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali biss biex tkopri l-iskopertura inizjali u kontinwa tagħha għall-membri tal-ikklerjar tagħha li huma kontropartijiet mhux finanzjarji jew għal klijenti ta' membri tal-ikklerjar, dment li dawk il-klijenti jkunu kontropartijiet mhux finanzjarji.

Meta jiġu pprovduti assi, garanziji pubbliċi, garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali lil CCP dik is-CCP għandha:

- (a) tiegħu kont tal-garanziji bankarji pubbliċi jew tal-garanziji bankarji kummerċjali meta tikkalkula l-iskopertura tagħha għall-bank, li huwa wkoll membru tal-ikklerjar, li jorogħom;
- (b) tissoġġetta lill-garanziji bankarji pubbliċi jew lill-garanziji bankarji kummerċjali mhux kollateralizzati għal limiti ta' konċentrazzjoni;
- (c) tapplika t-telf impost adegwat fuq il-valuri tal-assi, il-garanziji pubbliċi, il-garanziji bankarji pubbliċi u l-garanziji bankarji kummerċjali sabiex daww il-valuri jkunu jirriflettu l-potenzjal biex daww il-valuri jonqsu matul l-intervall bejn l-aħħar rivalwazzjoni tagħhom u ż-żmien sa meta jistgħu raġonevolment jiġu preżunti li jiġu likwidati jew eżerċitati, kif applikabbli;
- (d) tqis ir-riskju ta' likwidità wara l-inadempjenza ta' parteċipant fis-suq u r-riskju ta' konċentrazzjoni fuq ċerti assi fl-istabbiliment tal-kollateral aċċettabbli u tat-telf impost rilevanti għas-CCP;
- (e) tqis il-ħtieġa li jiġi minimizzat kwalunkwe effett proċikliku potenzjali ta' tali reviżjonijiet meta tirrevedi l-livell tat-telf impost li tapplika għall-assi u l-garanziji pubbliċi, il-garanziji bankarji pubbliċi u l-garanziji bankarji kummerċjali li taċċetta bħala kollateral.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-AETS, b'kooperazzjoni mal-EBA, u wara li tikkonsulta mal-BERS u mal-membri tas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

- (a) it-tip ta' kollateral li jista' jitqies bħala likwidu ħafna, bħall-flus kontanti, id-deheb, il-bonds tal-gvern u oħrajn korporattivi ta' kwalità għolja u bonds koperti,
- (b) it-telf impost imsemmi fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqies l-oġġettiv li tiġi limitata l-proċiklikali tagħhom; u
- (c) il-kundizzjonijiet rilevanti li fihom il-garanziji pubbliċi, il-garanziji ta' banek pubbliċi u l-garanziji ta' anek kummerċjali jistgħu jiġu aċċettati bħala kollateral skont il-paragrafu 1, inklużi limiti ta' konċentrazzjoni xierqa, rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu u rekwiżiti stretti għal riskji ta' korrelazzjoni ħażina għal garanziji ta' banek pubbliċi u garanziji ta' banek kummerċjali.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(46) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Meta l-assi u l-pożizzjonijiet huma rreġistrati fir-rekords u l-kontijiet ta' CCP bħala miżmumin għall-kont ta' klijent ta' membru tal-ikklerjar inadempjenti skont l-Artikolu 39(2), is-CCP għandha, tal-inqas, tintrabat kuntrattwalment li tattiva l-proċeduri għat-trasferiment tal-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma mill-membru tal-ikklerjar inadempjenti għall-kontijiet tal-klijenti kollha tagħha lil membru tal-ikklerjar ieħor magħżul minn dawk il-klijenti kollha, u għandha tittrasferixxi tali assi u pożizzjonijiet sakemm il-klijenti kollha ma joġġezzjonawx għal tali trasferiment qabel jiġi konkluż dak it-trasferiment u mingħajr il-kunsens tal-membru tal-ikklerjar inadempjenti. Dak il-membru tal-ikklerjar l-ieħor għandu jkun obligat li jaċċetta dawk l-assi u l-pożizzjonijiet fil-każ biss meta qabel ikun daħal f'relazzjoni kuntrattwali ma' dawk il-klijenti, li biha jkun intrabat li jagħmel hekk. Jekk it-trasferiment għal dak il-membru tal-ikklerjar l-ieħor ma jkunx sar għal kwalunkwe raġuni f'perjodu ta' trasferiment predefinit speċifikat fir-regoli operattivi tagħha, is-CCP tista' tiegħu l-passi kollha permessi mir-regoli tagħha biex tamministra attivament ir-riskji tagħha fir-rigward ta' dawk il-pożizzjonijiet, inkluża l-likwidazzjoni tal-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma mill-membru tal-ikklerjar inadempjenti għall-kont tal-klijenti tagħha.”;

(b) j iżdied il-paragrafu li ġej:

“8. Fil-każ ta’ inadempjenza ta’ membru tal-ikklerjar u meta tali inadempjenza tirriżulta fit-trasferiment sħiħ jew parzjali tal-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma mill-klijenti mill-membru tal-ikklerjar inadempjenti lejn membru tal-ikklerjar ieħor f’konformità mal-paragrafi 5 u 6, dak il-membru tal-ikklerjar l-ieħor jista’, għal tliet xhur mid-data ta’ dak it-trasferiment, jiddependi fuq id-diliġenza dovuta mwettqa mill-membru tal-ikklerjar inadempjenti skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tad-Direttiva (UE) 2015/849 għall-fini ta’ konformità mar-rekwiżiti ta’ dik id-Direttiva.

Meta l-membru tal-ikklerjar li lilu jkun sar it-trasferiment tal-assi u l-pożizzjonijiet, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, ikun soġġett għar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kapitali għall-iskoperturi tal-membri tal-ikklerjar lejn il-klijenti skont dak ir-Regolament fi żmien perjodu miftiehem mal-awtorità kompetenti tiegħu, li ma għandux jaqbeż it-tliet xhur mid-data ta’ dak it-trasferiment.”;

(47) L-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 sa 1e huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. CCP għandha tirrieżamina regolarment il-mudelli u l-parametri adottati sabiex tikkalkula r-rekwiżiti tal-marġni tagħha, il-kontribuzzjonijiet għal fond tal-inadempjenza, ir-rekwiżiti tal-kollateral u mekkaniżmi oħrajn ta' kontroll tar-riskju. Hija għandha tissoġġetta l-mudelli għal testijiet tal-istress rigorużi u frekwenti sabiex tivvaluta r-reżiljenza tagħhom f'kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli u għandha twettaq testijiet retrospettivi sabiex tivvaluta l-affidabbiltà tal-metodoloġija adottata. Is-CCP għandha tikseb validazzjoni indipendenti, għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tagħha u lill-AETS bir-riżultati tat-testijiet imwettqa u għandha tikseb il-validazzjoni tagħhom f'konformità mal-paragrafi 1a sa 1e qabel ma tadotta kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudelli u l-parametri.

Meta CCP ikollha l-ħsieb li tadotta bidla f'mudell jew parametru msemmi fl-ewwel subparagrafu, hija għandha tagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) meta s-CCP tqis li l-bidla maħsuba tkun sinifikanti skont il-paragrafu 1i, hija għandha tapplika għall-validazzjoni tal-bidla f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu;
- (b) meta s-CCP tqis li l-bidla maħsuba ma tkunx sinifikanti skont il-paragrafu 1i ta' dan l-Artikolu, hija għandha tapplika għall-validazzjoni tal-bidla f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 49a.

- 1a. Il-bidliet kollha fil-mudelli u l-parametri mhux ivvalutati skont l-Artikolu 49a għandhom jiġu stmati f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

Il-mudelli u l-parametri adottati, inkluża kwalunkwe bidla sinifikanti fihom, għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 f'konformità ma' dan l-Artikolu.

L-AETS għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar ir-riżultati tat-testijiet tal-istress tiġi mgħoddija lill-ASE, lis-SEBĊ u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw l-iskopertura tal-impriżi finanzjarji għall-inadempjenza tas-CCPs.

- 1b. Meta CCP ikollha l-ħsieb li tadotta kwalunkwe bidla fil-mudell jew il-parametru msemmija fil-paragrafu 1, hija għandha tissottometti applikazzjoni għall-validazzjoni ta' tali bidla f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali. Dik l-applikazzjoni għandha tiġi kondiviża minnufih mal-awtorità kompetenti tas-CCP, mal-AETS u mal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18. Is-CCP għandha tinkludi validazzjoni indipendenti tal-bidla maħsuba fl-applikazzjoni tagħha.

Fi żmien jumejn tax-xogħol mis-sottomissjoni ta' tali applikazzjoni, għandha tintbagħat konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni lis-CCP, permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali.

- 1c. L-awtorità kompetenti tas-CCP u l-AETS għandhom jivvalutaw kull wieħed, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mill-konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni, jekk l-applikazzjoni fihex id-dokumenti meħtieġa u jekk dawk id-dokumenti fihomx l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-paragrafu 5, il-punt (d).

Meta l-awtorità kompetenti tas-CCP jew l-AETS tikkonkludi li ma jkunux ġew sottomessi d-dokumenti jew l-informazzjoni kollha meħtieġa, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha titlob lis-CCP applikanti tissottometti dokumenti jew informazzjoni addizzjonali li hija jew l-AETS jkunu identifikaw bħala neqsin, permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali. Il-perjodu ta' żmien stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jista' f' dak il-każ jiġi estiż b' massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol. L-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda meta l-awtorità kompetenti tas-CCP jew l-AETS tikkonkludi li s-CCP tkun naqset milli tikkonforma ma' kwalunkwe talba bħal din u, f'każ bħal dan, l-awtorità li kkonkludiet li l-applikazzjoni għandha tiġi rrifjutat għandha tinforma lill-awtorità l-oħra b'dan. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tinforma lis-CCP bid-deċiżjonijiet li tirrifjuta l-applikazzjoni permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali u tinforma wkoll lis-CCP dwar id-dokumenti jew l-informazzjoni identifikati bħala neqsin.

- 1d. Fi żmien 40 jum tax-xogħol minn meta jiġi konkluż li d-dokumenti u l-informazzjoni kollha ġew ippreżentati f'konformità mal-paragrafu 1c:
- (a) l-awtorità kompetenti għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-bidla sinifikanti u tissottometti r-rapport tagħha lill-AETS u lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18; u
  - (b) l-AETS għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-bidla sinifikanti u tissottometti r-rapport tagħha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18.

Matul il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità kompetenti tas-CCP, l-AETS jew kwalunkwe wieħed mill-membri tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 jistgħu jissottomettu, permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali, mistoqsijiet direttament lis-CCP applikanti, u jitolbu informazzjoni komplementari mingħandha, u għandhom jistabbilixxu skadenza sa meta s-CCP applikanti għandha tipprovdi tali informazzjoni.

Fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievi r-rapporti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 għandu jadotta opinjoni skont l-Artikolu 19 u jittrażmettiha lill-AETS u lill-awtorità kompetenti. Minkejja l-adozzjoni proviżorja f'konformità mal-paragrafu 1g, l-awtorità kompetenti u l-AETS ma għandhomx jadottaw deċiżjoni li tagħti jew tirrifjuta l-validazzjoni ta' tibdil sinifikanti għall-mudelli jew il-parametri sakemm tali opinjoni tiġi adottata mill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, għajr jekk il-kulleġġ ma jkunx adotta dik l-opinjoni fil-limitu ta' żmien.

1e. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu l-opinjoni tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, jew wara l-iskadenza għall-ġhoti ta' dik l-opinjoni, skont liema minnhom tiġi l-ewwel, l-awtorità kompetenti tas-CCP u l-AETS għandhom kull wieħed jaġtu jew jirrifjutaw il-validazzjoni, filwaqt li jqisu r-rapporti msemmija fil-paragrafu 1d, l-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, u dik l-opinjoni, u għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-miktub dwar dan, filwaqt li jipprovdu spjegazzjoni motivata bis-sħiħ għall-ġhotja jew ir-rifjut. Meta l-awtorità kompetenti tas-CCP jew l-AETS ma tkunx ivvalidat il-bidla, il-validazzjoni għandha tiġi rrifjutata.

Meta l-awtorità kompetenti tas-CCP jew l-AETS ma taqbilx mal-opinjoni tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, id-deċiżjoni tagħha għandu jkun fiha raġunijiet sħaħ u spjegazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew mill-kundizzjonijiet jew mir-rakkomandazzjonijiet.

- 1f. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tinforma lis-CCP, sal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1e, jekk il-validazzjonijiet ikunux ingħataw jew ġewx irrifjutati u għandha tipprovdi spjegazzjoni motivata bis-sħiħ għal dan.
- 1g. Is-CCP ma tista' tadotta ebda bidla sinifikanti għall-mudell jew il-parametru msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma tikseb il-validazzjoni kemm mill-awtorità kompetenti tagħha u mill-AETS.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta mitluba mis-CCP, l-awtorità kompetenti, bi ftehim mal-AETS, tista' tippermetti adozzjoni proviżorja ta' bidla sinifikanti ta' mudell jew parametru qabel il-validazzjonijiet tagħhom meta debitament ġustifikat. Tali bidla temporanja għandha tkun permessa biss għal ċertu perjodu ta' żmien speċifikat b'mod konġunt mill-awtorità kompetenti tas-CCP u mill-AETS. Wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu, is-CCP ma għandhiex titħalla tuża tali bidla, sakemm ma tkunx ġiet ivvalidata skont dan l-Artikolu.

- 1h. Il-bidliet fil-parametri li huma r-riżultat tal-applikazzjoni ta' metodoloġija li hija parti minn mudell ivvalidat, jew minħabba input estern jew minħabba eżerċizzju regolari ta' rieżami jew ta' kalibrazzjoni, ma għandhomx jitqiesu bħala bidliet fil-mudelli u fil-parametri għall-fini ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 49a.
- 1i. Bidla għandha titqies bħala sinifikanti meta tiġi ssodisfata tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) il-bidla twassal għal tnaqqis jew żieda sinifikanti tar-riżorsi finanzjarji totali tas-CCP iffinanzjati minn qabel, inklużi r-rekwiżiti tal-marġni, il-fond tal-inadempjenza u r-riżorsi proprji ddedikati kif imsemmija fl-Artikolu 45(4);
  - (b) l-istruttura jew l-elementi strutturali tal-mudell tal-marġni jinbidlu;
  - (c) komponent tal-mudell tal-marġni, inkluż parametru tal-marġni jew suppliment, jiġi introdott, jitneħħa, jew jiġi emendat b'mod li jwassal għal tnaqqis jew żieda tal-output tal-mudell tal-marġni fil-livell tas-CCP;

- (d) il-metodoloġija użata sabiex jiġu kkalkolati l-kumpensi tal-portafoll tinbidel b'mod li twassal għal tnaqqis jew żieda sinifikanti tar-rekwiżiti tal-marġni totali għall-istrumenti finanzjarji fi ħdan il-portafoll;
- (e) il-metodoloġija għad-definizzjoni u l-kalibrazzjoni tax-xenarji tat-testijiet tal-istress għall-fini tad-determinazzjoni tad-daqs tal-fondi tal-inadempjenza tas-CCP u d-daqs tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-ikklerjar individwali għal dawk il-fondi tal-inadempjenza tinbidel, li jwassal għal tnaqqis jew żieda sinifikanti fid-daqs ta' kwalunkwe mill-fondi tal-inadempjenza jew ta' kwalunkwe kontribuzzjoni ta' fond tal-inadempjenza individwali;
- (f) il-metodoloġija applikata għall-valutazzjoni tar-riskju ta' likwidità tinbidel, li jwassal għal tnaqqis jew żieda sinifikanti tal-ħtiġijiet ta' likwidità stmata fi kwalunkwe munita jew tal-ħtiġijiet ta' likwidità totali;
- (g) il-metodoloġija applikata biex jiġi ddeterminat ir-riskju ta' konċentrazzjoni li CCP ikollha fil-konfront ta' kontroparti individwali tinbidel, b'tali mod li l-iskopertura ġenerali tas-CCP għal dik il-kontroparti tonqos jew tiżdied b'mod sinifikanti;
- (h) il-metodoloġija applikata sabiex jingħata valur lill-kollateral, jew jiġi kkalibrat it-telf impost tal-kollateral tinbidel, b'tali mod li l-valur totali ta' kollateral jonqos jew jiżdied b'mod sinifikanti;
- (i) il-bidla jista' jkollha effett materjali fuq ir-riskju ġenerali tas-CCP.”;

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. L-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika aktar;

- (a) x'jikkostitwixxi żieda jew tnaqqis sinifikanti għall-finijiet tal-paragrafu 1i, il-punti (a) u (c), (d) sa (h);
- (b) l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi vvalutat jekk intlaħqitx waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1i;
- (c) bidliet oħra fil-mudelli li jistgħu jitqiesu bħala diġà koperti mill-mudell approvat u għalhekk ma jitqisux bħala bidla fil-mudell u mhumiex soġġetti għall-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu jew fl-Artikolu 49a; u
- (d) il-listi ta' dokumenti meħtieġa li għandhom jakkumpanjaw applikazzjoni għall-validazzjoni skont il-paragrafu 1c ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 49a u l-informazzjoni li għandu jkun fihom tali dokumenti sabiex juru li s-CCP tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament.

Id-dokumenti u l-livell ta' informazzjoni meħtieġa għandhom ikunu proporzjonati mat-tip ta' validazzjoni tal-mudell iżda jkun fihom dettall suffiċjenti biex jiżguraw analiżi xierqa tal-bidla.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-AETS tista' tistabbilixxi valuri differenti għall-punti differenti tal-paragrafu li.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“6. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format elettroniku tal-applikazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-bażi tad-*data* ċentrali għall-validazzjoni msemmija fil-paragrafu 1b ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 49a.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(48) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 49a*

*Proċedura aċċellerata għal bidliet mhux sinifikanti għall-mudelli u l-parametri ta’ CCP*

1. Meta CCP tqis li bidla f’ mudell jew parametru msemmi fl-Artikolu 49(1) li jkollha l-ħsieb li tadotta ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 i ta’ dak l-Artikolu, hija tista’ titlob li l-applikazzjoni għall-validazzjoni tal-bidla tkun soġġetta għall-proċedura aċċellerata skont dan l-Artikolu.
2. Il-proċedura aċċellerata għandha tapplika għal bidla proposta għal mudell jew parametru meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) is-CCP tkun talbet validazzjoni ta’ bidla li għandha tiġi vvalutata skont dan l-Artikolu; u
  - (b) l-awtorità kompetenti tas-CCP u l-AETS it-tnejn ikunu kkonkludew li l-bidla proposta mhijiex sinifikanti skont il-paragrafu 4.
3. Is-CCP għandha tissottometti l-applikazzjoni tagħha inklużi d-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 49(5), il-punt (d), f’ format elettroniku permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali. Is-CCP għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex turi għaliex il-bidla proposta għandha titqies mhux sinifikanti u għalhekk tikkwalifika għal valutazzjoni skont il-proċedura aċċellerata skont dan l-Artikolu.

Konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni għandha tintbagħat lis-CCP permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali fi żmien jumejn tax-xogħol mis-sottomissjoni ta' dik l-applikazzjoni.

4. L-awtorità kompetenti tas-CCP u l-AETS għandhom jiddeċiedu, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mill-wasla tal-konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni, jekk il-bidla proposta tkunx sinifikanti jew le.
5. Meta, f'konformità mal-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti tas-CCP jew l-AETS tkun iddeċidiet li l-bidla hija sinifikanti, huma għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-miktub b'dan u l-applikazzjoni għall-validazzjoni ta' dik il-bidla ma għandhiex tkun soġġetta għall-proċedura aċċellerata skont dan l-Artikolu.

L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tinnotifika lis-CCP applikanti permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali, inkluża spjegazzjoni motivata bis-sħiħ, fi żmien jumejn tax-xogħol mid-deċizzjoni meħuda skont il-paragrafu 4. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mir-riċevuta tan-notifika, is-CCP għandha jew tirtira l-applikazzjoni jew inkella tikkomplementaha biex tissodisfa r-rekwiżiti għal applikazzjoni skont l-Artikolu 49.

6. Meta, f'konformità mal-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti tas-CCP u l-AETS ikunu ddeċidew li l-bidla mhijiex sinifikanti, huma għandhom kull wieħed, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn dik id-deċizzjoni:
  - (a) jagħtu l-validazzjoni, meta s-CCP tikkonforma ma' dan ir-Regolament, jew jirrifjutawha, meta s-CCP ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament; u

- (b) jinfirmaw lil xulxin bil-miktub, inkluża spjegazzjoni motivata bis-sħiħ, jekk il-validazzjoni tkunx ingħatat jew ġietx irrifjutata.

Meta waħda minnhom ma tkunx tat il-validazzjoni mudell, il-validazzjoni għandha tiġi rrifjutata.

- 7. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tinforma lis-CCP applikanti bil-miktub, permezz tal-bażi tad-*data* ċentrali, inkluża spjegazzjoni motivata bis-sħiħ, fi żmien jumejn tax-xogħol mid-deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafu 6 jekk il-validazzjoni tkunx ingħatat jew ġietx irrifjutata.”;

(49) L-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Arranġament tal-interoperabbiltà, jew kwalunkwe bidla materjali għal arranġament tal-interoperabbiltà approvat skont it-Titolu V għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti tas-CCPs involuti. L-awtoritajiet kompetenti tas-CCPs għandhom jitolbu l-opinjoni tal-AETS f’konformità mal-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), u tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 f’konformità mal-Artikolu 19, u maħruġa f’konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “4. Sa ... [18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet bl-għan li jiġu stabbiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-arranġamenti tal-interoperabbiltà mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi għal dawk il-linji gwida jew rakkomandazzjonijiet wara li tikkonsulta mal-membri tas-SEBĊ.
5. L-AETS, wara li tikkonsulta lill-membri tas-SEBĊ u tal-BERS, għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tkompli tispeċifika r-rekwiżiti għas-CCPs biex jiġu ġestiti r-riskji li jinqalgħu minn arranġamenti tal-interoperabbiltà b'mod xieraq. Għal dak l-għan, l-AETS għandha tqis il-linji gwida maħruġa skont il-paragrafu 4 u tivvaluta jekk id-dispożizzjonijiet inklużi fihom humiex xierqa fil-każ ta' arranġamenti tal-interoperabbiltà li jkopru t-tipi kollha ta' prodotti jew kuntratti, inklużi kuntratti tad-derivati u strumenti mhux finanzjarji.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(50) fl-Artikolu 81(3), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:

“(t) l-awtoritajiet nazzjonali fdati bit-twettiq tal-politika makroprudenzjali.”;

(51) l-Artikolu 82 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 1(6), fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 4(3a), fl-Artikolu 7a(7), fl-Artikolu 11(3a), fl-Artikolu 11(12a), fl-Artikolu 25(2a), fl-Artikolu 25(6a), fl-Artikolu 25a(3), fl-Artikolu 25d(3), fl-Artikolu 25i(7), fl-Artikolu 25o, fl-Artikolu 64(7), fl-Artikolu 70 u fl-Artikolu 72(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1(6), fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 4(3a), fl-Artikolu 7a(7), fl-Artikolu 11(3a), fl-Artikolu 11(12a), fl-Artikolu 25(2a), fl-Artikolu 25(6a), fl-Artikolu 25a(3), fl-Artikolu 25d(3), fl-Artikolu 25i(7), fl-Artikolu 25o, fl-Artikolu 64(7), fl-Artikolu 70 u fl-Artikolu 72(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.”;

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(6), l-Artikolu 3(5), l-Artikolu 4(3a), l-Artikolu 7a(7), l-Artikolu 11(3a), l-Artikolu 11(12a), l-Artikolu 25(2a), l-Artikolu 25(6a), l-Artikolu 25a(3), l-Artikolu 25d(3), l-Artikolu 25i(7), l-Artikolu 25o, l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 70 jew l-Artikolu 72(3) għandu jidħol fis-seħħ jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(52) l-Artikolu 85 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Sa ... [ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tipprepara rapport ġenerali. Il-Kummissjoni għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(c) il-paragrafu 4 huwa mħassar;

(d) il-paragrafu 7 huwa mħassar;

(e) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“7. Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha tissottometti rapport lill-Kummissjoni dwar il-possibbiltà u l-fattibbiltà li tkun meħtieġa s-segregazzjoni tal-kontijiet fil-katina tal-ikklerjar ta' kontropartijiet mhux finanzjarji u finanzjarji. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.

8. Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-adegwatezza u l-implikazzjonijiet tal-estensjoni tad-definizzjoni ta' CCP, kif imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (1), ta' dan ir-Regolament, għal swieq oħra lil hinn mis-swieq finanzjarji, bħas-swieq tal-komoditajiet, inklużi s-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, jew is-swieq fil-kriptoassi skont ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.
9. Sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-kundizzjonijiet ekwi u l-kunsiderazzjonijiet dwar l-istabbiltà finanzjarja fir-rigward tal-aċċess ġeneralizzat għall-banek ċentrali għas-CCPs tal-Unjoni mingħajr il-kundizzjoni li tinżamm liċenzja bankarja. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll is-sitwazzjoni fil-ġuriżdizzjonijiet tal-pajjiżi terzi.

10. Sa ... [36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-attività ġenerali fit-tranżazzjonijiet tad-derivati tal-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji soġġetti għal dan ir-Regolament, li jforni, fost l-oħrajn, l-informazzjoni li ġejja rigward dawk il-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji, b'distinzzjoni bejn in-natura finanzjarja u mhux finanzjarja tagħhom:
- (a) ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni li jistgħu jirriżultaw minn dak it-tip ta' attività;
  - (b) il-pożizzjonijiet f'derivati ta' komoditajiet OTC li jaqbu l-EUR 1 biljun, li tispeċifika l-ammont eżatt tal-pożizzjonijiet ikkonċernati;
  - (c) il-volum totali ta' kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija nnegożjati, b'distinzzjoni, meta rilevanti, bejn dawk il-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija nnegożjati li huma użati għal finijiet ta' hedging u dawk il-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija nnegożjati li mhumiex li jintużaw għall-hedging;
  - (d) il-volum totali tal-kuntratti tad-derivattivi agrikoli nnegożjati, li jiddistingwu, meta rilevanti, bejn dawk il-kuntratti tad-derivattivi agrikoli nnegożjati li jintużaw għall-hedging u dawk il-kuntratti tad-derivattivi agrikoli nnegożjati li ma jintużawx għall-hedging;

- (e) is-sehem tal-kuntratti tad-derivati tal-enerġija jew tal-agrikoltura u OTC innegozjati fil-borża li jiġu saldati fiżikament fil-volum totali tal-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija jew tal-kuntratti tad-derivati tal-agrikoltura nnegozjati.
11. Sa... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS, b'kooperazzjoni mal-BERS, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni. Dak ir-rapport għandu:
- (a) jiddefinixxi fid-dettall il-kunċett ta' proċikliċità fil-kuntest tal-Artikolu 41 għal marġnijiet mitluba minn CCP u l-Artikolu 46 għal telf impost applikat għal kollateral miżmum minn CCP;
  - (b) jivvaluta kif id-dispożizzjonijiet kontra l-proċikliċità ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013\*\* ġew applikati matul is-snin u jekk humiex meħtieġa aktar miżuri biex jittejjeb l-użu ta' għodod kontra l-proċikliċità;
  - (c) jinforma dwar kif l-għodod kontra l-proċikliċità jistgħu jew ma jistgħux jirriżultaw f'żidiet fil-marġni li jkunu akbar milli mingħajr l-applikazzjoni ta' dawn l-għodod, filwaqt li jitqiesu supplimenti jew kumpensi potenzjali li CCP titħalla tapplika skont dan ir-Regolament.

Fit-tnejjija tar-rapport, l-AETS għandha tivvaluta wkoll ir-regoli li japplikaw għal CCPs ta' pajjiżi terzi, u l-prattiki tagħhom, kif ukoll l-iżviluppi internazzjonali li jikkonċernaw il-proċikliċità.

12. Sa ... [36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERS u mal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, tivvaluta kif ġew applikati l-Artikoli 15a, 17, 17a, 17b, 49 u 49a.

B'mod partikolari, dik il-valutazzjoni għandha tistabbilixxi:

- (a) jekk il-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*\*+ kisbux l-effett mixtieq fir-rigward taż-żieda fil-kompetittività tas-CCPs tal-Unjoni u naqsux il-piż regolatorju li jkollhom quddiemhom;
- (b) jekk il-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) 2024/...<sup>++</sup> naqsux iż-żmien għas-suq għal servizzi tal-ikklerjar u prodotti ġodda mingħajr ma kellhom impatt negattiv fuq ir-riskju għas-CCPs, għall-membri tal-ikklerjar tagħhom jew għall-klijenti tagħhom;

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok fit-test daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament, inkluż in-numru ELI.

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok fit-test daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

- (c) jekk l-introduzzjoni tal-possibbiltà għas-CCPs li jimplementaw direttament bidliet imsemmija fl-Artikolu 15a kellhiex impatt negattiv fuq il-profil tar-riskju tagħhom jew żiditx ir-riskji ġenerali għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni, u jekk dik il-possibbiltà għandhiex tiġi emendata.

L-AETS għandha tissottometti rapport dwar l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

- 13. Sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] l-AETS għandha tissottometti rapport lill-Kummissjoni dwar jekk l-emendi għall-Artikolu 9 introdotti mir-Regolament (UE) 2024/...<sup>+</sup> wasslux għal titjib ċar biżżejjed fit-twettiq tal-kompiti tal-AETS u jekk kellhomx impatt negattiv eċċessiv fuq il-parteċipanti fis-suq. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.
- 14. Sa... [erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni. Dak ir-rapport għandu, f'kooperazzjoni mal-BERS, jivvaluta jekk:
  - (a) is-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar għandhom jitqiesu bħala sistemikament importanti;
  - (b) il-forniment ta' servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar mill-fornituri tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar irriżulta f'riskju akbar għall-ekosistema finanzjarja tal-Unjoni; u

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament.

- (c) l-eżenzjoni rriżultat fi kwalunkwe ċirkomvenzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4.

Fi żmien 18-il xahar mit-trażmissjoni tar-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar l-aspetti ppreżentati mill-AETS fir-rapport tagħha. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta adegwata.

- 
- \* Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40).
- \*\* Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41).
- \*\*\* Ir-Regolament (UE) 2024 /... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni (ĠU L, ..., ELI: ...).”;

(53) fl-Artikolu 89, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

‘10. Meta CCP tkun membru tal-ikklerjar jew klijent ta’ CCP oħra, jew tkun stabbiliet arranġamenti tal-ikklerjar indiretti, qabel... [data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju], hija għandha ssir soġġetta għall-Artikolu 26(1) fi ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju].

B’deroga mill-Artikolu 37(1), CCP tista’ tippermetti lil CCPs jew kmamar tal-ikklerjar oħra li kienu l-membri tal-ikklerjar tagħha, direttament jew indirettament, mill-31 ta’ Diċembru 2023 biex jibqgħu l-membri tal-ikklerjar tagħha sa mhux aktar tard minn... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju].

11. Sa... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju] jew 30 jum wara t-tħabbira msemmija fl-Artikolu 17c(1), it-tieni subparagrafu, skont liema data tiġi l-ewwel, l-iskambju ta’ informazzjoni, is-sottomissjoni ta’ informazzjoni u dokumentazzjoni, u n-notifiki li huma meħtieġa biex tintuża l-bażi tad-*data* ċentrali għandhom jitwettqu permezz tal-użu ta’ arranġamenti alternattivi.

12. CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 li tkun daħlet f'arranġament tal-interoperabbiltà fi strumenti finanzjarji għajr titoli trasferibbli, kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (44), tad-Direttiva 2014/65/UE, u strumenti tas-suq monetarju ma' CCP oħra awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew CCP ta' pajjiż terz rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandhom ifittxu l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħha f'konformità mal-Artikolu 54 qabel ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Arranġament tal-interoperabbiltà stabbilit bejn CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 u CCP li la tkun awtorizzata skont l-Artikolu 14 u lanqas rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 ma għandux jitkompla qabel... [6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Jekk is-CCP li jkun stabbilit dak l-arranġament tal-interoperabbiltà magħha ssir awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 qabel ... [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], is-CCPs li huma parti għal dak l-arranġament tal-interoperabbiltà għandhom jiksbu approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 54 qabel ... [30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

13. B'deroga mill-Artikolu 11(3), ir-raba' u l-ħames subparagrafi, u mill-Artikolu 11(12a), sakemm l-EBA tkun ħabbret pubblikament li stabbiliet il-funzjoni ta' validazzjoni ċentrali tagħha, il-validazzjoni tal-mudelli pro forma għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti.”;

(54) l-Artikolu 90 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 90*

*Persunal u riżorsi tal-AETS*

Sa ... [3 snin mid-data ta' dħul fis-seħħ dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha tivvaluta l-ħtiġijiet tagħha rigward persunal u riżorsi fir-rigward tas-setgħat u d-dmirijiet tagħha taħt dan ir-Regolament u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.”;

(55) l-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima II hija emendata kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 26(1) jekk ma jkollhiex arranġamenti ta' governanza robusti li jinkludu struttura organizzazzjonali ċara b'linji ta' responsabbiltà definiti sew, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskji li għalihom hija jew tista' tkun esposta u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi jew billi ssir membru tal-ikklerjar, klijent, jew tistabilixxi arranġamenti tal-ikklerjar indiretti ma' membru tal-ikklerjar bl-għan li twettaq attivitajiet tal-ikklerjar f'CCP oħra, sakemm tali attivitajiet tal-ikklerjar ma jitwettqux skont arranġament tal-interoperabbiltà skont it-Titolu V jew meta twettaq il-politiki ta' investiment tagħha skont l-Artikolu 47;”;

(ii) il-punt (ab) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ab) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 37(1) jew (2) jekk tuża, fuq bażi kontinwa, kriterji ta' ammissjoni diskriminatorji, mhux trasparenti jew soġġettivi, jew jekk tonqos b'mod ieħor milli tiżgura aċċess ġust u miftuħ għal dik is-CCP fuq bażi kontinwa jew jekk tonqos milli tiżgura fuq bażi kontinwa li l-membri tal-ikklerjar tagħha jkollhom riżorsi finanzjarji u kapaċità operattiva suffiċjenti biex iwettqu l-obbligi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'dik is-CCP, jew jekk ma jkollhiex kriterji tal-ammissjoni li jiżguraw li s-CCPs jew il-kmamar tal-ikklerjar ma jistgħux ikunu membri tal-ikklerjar, direttament jew indirettament, tas-CCP, jew jekk tonqos milli tagħmel rieżami komprensiv tal-konformità mill-membri tal-ikklerjar tagħha fuq bażi annwali;”;

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(aba) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 37(1a) billi taċċetta kontropartijiet mhux finanzjarji bħala membri tal-ikklerjar meta tali kontropartijiet ma jkunux urew kif biħsiebhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marġni u l-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza, jew billi tonqos milli tirrieżamina l-arranġamenti stabbiliti biex timmonitorja li tkun issodisfata l-kundizzjoni biex tali kontropartijiet mhux finanzjarji jaġixxu bħala membri tal-ikklerjar;”;

(b) it-Taqsima III hija emendata kif ġej:

(i) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(h) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 41(1) jekk ma timponix, ma tappellax għall-marġni jew ma tiġborx marġni biex tillimita l-espożizzjonijiet tal-kreditu tagħha mill-membri tal-ikklerjar tagħha, u meta rilevanti, minn CCPs li magħhom tkun ikkonkludiet arranġament dwar l-interoperabbiltà, jew jekk timponi, tappella għall-marġni, jew tiġbor marġni li ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-espożizzjonijiet li s-CCP tistma li se jseħħu sal-likwidazzjoni tal-pożizzjonijiet rilevanti jew biex ikopru t-telfiet li jirriżultaw minn tal-inqas 99 % tal-movimenti fl-espożizzjonijiet fuq firxa adegwata ta' żmien jew suffiċjenti biex jiżguraw li CCP tikkollateralizza b'mod sħiħ l-espożizzjonijiet tagħha mal-membri tal-ikklerjar kollha tagħha, u meta rilevanti mas-CCPs kollha li magħhom tkun ikkonkludiet arranġamenti dwar l-interoperabbiltà, mill-inqas fuq bażi ta' kuljum, jew, billi naqset milli kontinwament timmonitorja u tirrevedi l-livell ta' marġni biex jirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq attwali filwaqt li jittieħed kont ta' kwalunkwe effett potenzjalment proċikliku;”;

(ii) il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(j) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 41(3) jekk ma ssejjaħx u ma tiġborx marġnijiet fuq bażi tal-istess ġurnata, tal-inqas meta jinqabżu l-limiti predefiniti jew jekk iżżomm pagamenti tal-marġni ta' varjazzjoni tal-istess ġurnata wara li tkun ġabret dawn il-pagamenti kollha dovuti, minflok ma tgħaddihom, meta possibbli;”;

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(oa) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 45a(1) jekk tieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet elenkati fil-punti (a), (b) u (c) ta’ dak il-paragrafu meta l-AETS tkun talbet lis-CCP toqgħod lura milli tieħu kwalunkwe azzjoni bħal din għal perjodu speċifikat mill-AETS;”;

(iv) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(pa) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 46(1) jekk taċċetta garanziji pubbliċi, garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali, meta tali garanziji ma jkunux disponibbli mingħajr kundizzjonijiet fuq talba fil-perjodu ta’ likwidazzjoni msemmi fl-Artikolu 41, jew jekk ma tistabilixxix, fir-regoli operattivi tagħha, il-livell minimu aċċettabbli ta’ kollateralizzazzjoni għall-garanziji li taċċetta, jew billi taċċetta garanziji pubbliċi, garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali biex tkopri skoperturi għajr l-iskopertura inizjali u kontinwa tagħha għall-membri tal-ikklerjar tagħha li huma kontropartijiet mhux finanzjarji jew għal klijenti ta’ membri tal-ikklerjar, dment li daww il-klijenti tal-membri tal-ikklerjar ikunu kontropartijiet mhux finanzjarji jew billi, meta garanziji pubbliċi, garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali jiġu pprovduti lis-CCP, ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti skont it-tielet subparagrafu, il-punti (a) sa (e), ta’ dak il-paragrafu;”;

(v) il-punt (ai) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ai) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 54(1) jekk tidħol f'arranġament tal-interoperabbiltà, jew tagħmel bidla materjali għal arranġament tal-interoperabbiltà approvat skont it-Titolu V, mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-AETS;”;

(c) it-Taqsima IV hija emendata kif ġej:

(i) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 38(6) jekk ma tipprovdi għodda ta' simulazzjoni lill-membri tal-ikklerjar tagħha li tippermettilhom jiddeterminaw l-ammont tal-marġni inizjali addizzjonali, fil-livell ta' portafoll, li s-CCP tista' tirrikjedi mal-ikklerjar ta' tranżazzjoni ġdida, inkluża s-simulazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġni li jaf ikunu soġġetti għalihom f'xenarji differenti, jew jekk ma tagħmilx dik l-għodda aċċessibbli fuq bażi ta' aċċess sigura;”;

(ii) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(h) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 38(7) jekk ma tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha informazzjoni dwar il-mudelli ta' marġni inizjali użati minnha, kif dettaljat fil-punti (a), (b) u (c) ta' dak il-paragrafu, b'mod ċar u trasparenti;”;

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ħa) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 38(8) jekk ma tipprovdix, jew ma tipprovdix b’ dewmien sinifikanti, b’risposta għal talba minn membru tal-ikklerjar, l-informazzjoni mitluba biex dak il-membru tal-ikklerjar ikun jista’ jikkonforma mal-ewwel subparagrafu ta’ dak il-paragrafu, meta tali informazzjoni ma tkunx diġà ġiet ipprovduta.”;

(d) it-Taqsima V hija emendata kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) CCP ta’ Grad 2 jew ir-rappreżentanti tagħha jipprovdu tweġibiet skorretti jew li jiżgwidaw għal mistoqsijiet li jkunu saru skont punt (c) tal-Artikolu 25g(1);”;

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) CCP tal-Grad 2 tikser punt (e) tal-Artikolu 25g(1) jekk ma tkunx konformi mat-talba tal-AETS għal rekords tat-telefon jew tat-traffiku tad-*data*.”.

*Artikolu 2*  
*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013*

L-Artikolu 382 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(aa) it-tranżazzjonijiet intragrupp konklużi ma’ kontropartijiet mhux finanzjarji kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li huma parti mill-istess grupp dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (i) l-istituzzjoni u l-kontropartijiet mhux finanzjarji jkunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa u jkunu soġġetti għal superviżjoni fuq bażi konsolidata f’konformità mal-Ewwel Parti, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;
- (ii) huma soġġetti għal proċeduri ċentralizzati ta’ evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskju; u
- (iii) il-kontropartijiet mhux finanzjarji jkunu stabbiliti fl-Unjoni jew, jekk ikunu stabbiliti f’pajjiż terz, il-Kummissjoni tkun adottat att implimentattiv f’konformità mal-paragrafu 4c fir-rigward ta’ dak il-pajjiż terz;”;

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) it-tranżazzjonijiet intragrupp konklużi ma’ kontropartijiet finanzjarji, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (8), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, istituzzjonijiet finanzjarji jew impriżi ta’ servizzi anċillari li huma stabbiliti fl-Unjoni jew li huma stabbiliti f’pajjiż terz li japplika rekwiżiti prudenzjali u superviżorji għal dawk il-kontropartijiet finanzjarji, l-istituzzjonijiet finanzjarji jew l-impriżi ta’ servizzi anċillari li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni, sakemm l-Istati Membri ma jadottawx liġi nazzjonali li tirrikjedi s-separazzjoni strutturali fi ħdan grupp bankarju, f’liema każ l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li dawk it-tranżazzjonijiet intragrupp bejn l-entitajiet strutturalment separati jiġu inklużi fir-rekwiżiti ta’ fondi proprji;”;

(2) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

‘4c. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, il-punti (aa) u (b), il-Kummissjoni tista’ tadotta, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, u soġġett għall-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax rekwiżiti superviżorji u regolatorji prudenzjali mill-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.’”.

*Artikolu 3*  
*Emendi għar-Regolament (UE) 2017/1131*

Ir-Regolament (UE) 2017/1131 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“(24) “CCP” tfisser CCP kif iddefinita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012\*.

---

\* Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).”;

(2) fl-Artikolu 14, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) il-flus kontanti riċevuti mill-MMF bħala parti mill-ftehim ta' riakkwist li ma jiġux ikklerjati ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament, ma jaqbżux 10 % tal-assi tiegħu;

(da) il-flus kontanti riċevuti mill-MMF bħala parti mill-ftehim ta' riakkwist li jiġu ikklerjati ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament, ma jaqbżux 15 % tal-assi tiegħu;”;

(3) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-iskopertura għar-riskju aggregata għall-istess kontroparti ta' MMF li ġejja minn tranżazzjonijiet ta' derivattivi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 u li ma humiex ikklerjati ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament, ma għandhiex taqbeż il-5 % tal-assi tal-MMF.”;

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. L-ammont aggregat ta' flus kontanti fornut lill-istess kontroparti ta' MMF fi ftehimiet ta' retroakkwist li mhumiex ikklerjati ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament, ma għandhiex taqbeż il-15 % tal-assi tal-MMF.

Meta ftehim ta' retroriakkwist jiġi kklerjat ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament, il-flus kontanti riċevuti minn MMF bħala parti minn kull ftehim ta' retroriakkwist ma għandhomx jaqbżu l-15 % tal-assi tal-MMF.”;

(c) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) l-istrumenti ta' derivattivi finanzjarji, li ma jkunux ikklerjati ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament, li jagħtu skopertura għar-riskju tal-kontroparti lil dak il-korp.”.

#### *Artikolu 4*

##### *Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010*

Fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Awtorità għandha taġixxi fil-qafas tas-setgħat mogħtija b'dan ir-Regolament u fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 97/9/KE, 98/26/KE, 2001/34/KE, 2002/47/KE, 2004/109/KE, 2009/65/KE, tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*, tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*\*, ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*\*\* u sal-punt li dawk l-atti japplikaw għall-kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' investiment jew għall-impriżi ta' investiment kollettiv li jikkummerċjalizzaw l-unitajiet jew l-ishma tagħhom, għal emittenti jew offerenti ta' kriptoassi, għal persuni li jkunu qed ifittxu l-ammissjoni għan-negozjar jew fornituri ta' servizzi ta' kriptoassi u l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljawhom, fil-qafas tal-partijiet rilevanti tad-Direttivi 2002/87/KE u 2002/65/KE, inklużi d-direttivi, ir-regolamenti, u d-deċiżjonijiet kollha bbażati fuq dawk l-atti, u ta' kwalunkwe att ġuridikament vinkolanti ieħor tal-Unjoni Ewropea li jikkonferixxi kompiti fuq l-Awtorità.

- 
- \* Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).
- \*\* Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).
- \*\*\* Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).
- \*\*\*\* Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).
- \*\*\*\*\* Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40).”.

*Artikolu 5*

*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 1, il-punti (4) u (9) li jemendaw l-Artikolu 4a(1), (2) u (3) u l-Artikolu 10(1), (2) u (3), rispettivament, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, li ma għandhomx japplikaw sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 kif emendat bl-Artikolu 1, il-punt (9), ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Strasburgu, ...

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*